

Linji Gwida



Linji Gwida 07/2020 dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur fil-GDPR

Verżjoni 2.0

Adottati fis-7 ta' Lulju 2021

Translations proofread by EDPB Members.
This language version has not yet been proofread.

Storja tal-verżjonijiet

Verżjoni 2.0	7 ta' Lulju 2021	Adozzjoni tal-Linji gwida wara l-konsultazzjoni pubblika
Verżjoni 1.0	2 ta' Settembru 2020	Adozzjoni tal-Linji gwida għal konsultazzjoni pubblika

SOMMARJU EŻEKUTTIV

Il-kunċetti ta' kontrollur, kontrollur konġunt u proċessur għandhom rwol kruċjali fl-applikazzjoni tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data 2016/679 (GDPR), peress li jiddeterminaw min għandu jkun responsabbli għall-konformità mar-regoli differenti ta' protezzjoni tad-data, u kif is-suġġetti tad-data jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika. It-tifsira preċiża ta' dawn il-kunċetti u l-kriterji għall-interpretazzjoni korretta tagħhom iridu jkunu ċari u konsistenti biżżejjed fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) kollha.

Il-kunċetti ta' kontrollur, kontrollur konġunt u proċessur huma kemm kunċetti *funzjonali* fis-sens li dawn għandhom l-għan li jallokaw ir-responsabbiltajiet skont ir-rwoli reali tal-partijiet kif ukoll kunċetti *awtonomi* fis-sens li dawn għandhom jiġu interpretati prinċipalment skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data.

Kontrollur

Fil-prinċipju, ma hemm l-ebda limitazzjoni dwar it-tip ta' entità li tista' tassumi r-rwol ta' kontrollur iżda fil-prattika b'mod ġenerali hija l-organizzazzjoni li taġixxi bħala kontrollur, u mhux individwu fi f'dan l-organizzazzjoni (bħall-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, impjegat jew membru tal-bord).

Kontrollur huwa korp li *jiddeċiedi* ċerti elementi ewlenin tal-ipproċessar. Il-kontrollur jista' jiġi definit mil-liġi jew jista' jirriżulta minn analiżi tal-elementi fattwali jew iċ-ċirkostanzi tal-każ. Ċerti attivitajiet ta' proċessar jistgħu jitqiesu bħala marbuta b'mod naturali mar-rwol ta' entità (min iħaddem lill-impjegati, pubblikatur lill-abbonati jew assoċjazzjoni lill-membri tagħha). F'ħafna każijiet, it-termini ta' kuntratt jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni tal-kontrollur, għalkemm dawn ma jkunux deċiżivi fiċ-ċirkostanzi kollha.

Kontrollur jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar, jiġifieri *r-raġuni* u *l-mod* tal-ipproċessar. Il-kontrollur irid jiddeċiedi kemm dwar l-għanijiet kif ukoll dwar il-mezzi. Madankollu, xi aspetti aktar prattiċi tal-implimentazzjoni ("mezzi mhux essenzjali") jistgħu jitħallew f'idejn il-proċessur. Mhux meħtieġ li l-kontrollur effettivament ikollu aċċess għad-data li qed tiġi pproċessata biex jiġi kkwalfikat bħala kontrollur.

Kontrolluri konġunti

Il-kwalifika bħala kontrolluri konġunti tista' tinqala' meta fl-ipproċessar ikun hemm involut aktar minn attur wieħed. Il-GDPR jintroduċi regoli speċifiċi għall-kontrolluri konġunti u jstabbilixxi qafas biex jirregola r-relazzjoni tagħhom. Il-kriterju ġenerali biex jeżisti l-kontrollur konġunt huwa l-parteċipazzjoni konġunta ta' żewġ entitajiet jew aktar fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi ta' operazzjoni ta' proċessar. Il-parteċipazzjoni konġunta tista' tiegħu l-forma ta' *deċiżjoni komuni* meħhuda minn żewġ entitajiet jew aktar jew tirriżulta minn *deċiżjonijiet konverġenti* minn żewġ entitajiet jew aktar, fejn id-deċiżjonijiet jikkumplimentaw lil xulxin u jkunu meħtieġa biex l-ipproċessar jitwettaq b'tali mod li jkollhom impatt tanġibbli fuq id-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar. Kriterju importanti huwa li l-ipproċessar ma jkunx possibbli mingħajr il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet fis-sens li l-ipproċessar minn kull parti huwa inseparabbli, jiġifieri jkun marbut b'mod inseparabbli. Il-parteċipazzjoni konġunta teħtieġ tinkludi, min-naħa waħda, id-determinazzjoni tal-għanijiet u min-naħa l-oħra d-determinazzjoni tal-mezzi.

Proċessur

Proċessur ikun persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor, li jipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur. Jeżistu żewġ kundizzjonijiet bażiċi għall-ikkwalifikar bħala proċessur: li tkun entità separata fir-rigward tal-kontrollur u li tipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur.

Il-proċessur ma jistax jipproċessa d-*data* għajr skont l-istruzzjonijiet tal-kontrollur. L-istruzzjonijiet tal-kontrollur xorta jistgħu jħallu ċertu grad ta' diskrezzjoni dwar kif jiġu servuti bl-aħjar mod l-interessi tal-kontrollur, li jippermettu li l-proċessur jagħżel l-aktar mezzi tekniċi u organizzattivi xierqa. Madankollu, proċessur jikser il-GDPR jekk imur lil hinn mill-istruzzjonijiet tal-kontrollur u jibda jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tiegħu stess fir-rigward tal-ipproċessar. Il-proċessur imbagħad jitqies bħala kontrollur fir-rigward ta' dak l-ipproċessar u jista' jkun soġġett għal sanzjonijiet talli jkun mar lil hinn mill-istruzzjonijiet tal-kontrollur.

Ir-relazzjoni bejn il-kontrollur u l-proċessur

Kontrollur irid juża biss proċessuri li jipprovdu garanziji suffiċjenti li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex l-ipproċessar jissodisfa r-rekwiżiti tal-GDPR. Elementi li għandhom jiġu kkunsidrati jistgħu jkunu l-għarfien espert tal-proċessur (eż. il-kompetenza teknika fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà u l-ksur ta' *data*); l-affidabbiltà tal-proċessur; ir-riżorsi tal-proċessur u l-osservanza tal-proċessur ma' kodiċi ta' kondotta approvat jew ma' mekkaniżmu ta' ċertifikazzjoni.

Kwalunkwe proċessar ta' *data* personali minn proċessur irid ikun irregolat minn kuntratt jew att legali ieħor li għandu jkun bil-miktub, inkluż fil-forma elettronika, u jkun vinkolanti. Il-kontrollur u l-proċessur jistgħu jagħżlu li jinnegozjaw il-kuntratt tagħhom stess inklużi l-elementi obbligatorji kollha jew li jiddependu, b'mod sħiħ jew parzjali, fuq klawżoli kuntrattwali standard.

Il-GDPR jelenka l-elementi li jridu jiġu stabbiliti fil-ftehim dwar l-ipproċessar. Madankollu, il-ftehim dwar l-ipproċessar ma għandux jerġa' jiddikjara biss id-dispożizzjonijiet tal-GDPR; pjuttost, dan għandu jinkludi informazzjoni aktar speċifika u konkreta dwar kif għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti u liema livell ta' sigurtà huwa meħtieġ għall-ipproċessar tad-*data* personali li huwa l-oġġett tal-ftehim dwar l-ipproċessar.

Ir-relazzjoni fost il-kontrolluri konġunti

Il-kontrolluri konġunti għandhom b'mod trasparenti jiddeterminaw u jaqblu dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi skont il-GDPR. Id-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom trid b'mod partikolari tikkunsidra l-eżerċitar tad-drittijiet u d-dmirijiet tas-suġġetti tad-*data* sabiex tiġi pprovduta l-informazzjoni. Barra dan, id-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għandha tkopri obbligi oħra tal-kontrollur bħal fir-rigward tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-*data*, il-bażi legali, il-miżuri ta' sigurtà, l-obbligu ta' notifika ta' ksur ta' *data*, il-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, l-użu tal-proċessuri, it-trasferimenti lejn pajjiżi terzi u l-kuntatti ma' suġġetti tad-*data* u ma' awtoritajiet superviżorji.

Kull kontrollur konġunt għandu d-dmir li jiżgura li jkollu bażi legali għall-ipproċessar u li d-*data* ma tiġix ipproċessata ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli mal-għanijiet li għalihom tkun oriġinarjament inġabret mill-kontrollur li qed jikkondividi d-*data*.

Il-forma legali tal-arranġament fost il-kontrolluri konġunti mhix speċifikata mill-GDPR. Għall-finijiet ta' ċertezza legali, u sabiex jipprovdi għal trasparenza u responsabbiltà, l-EDPB jirrakkomanda li tali arranġament isir fil-forma ta' dokument vinkolanti bħal kuntratt jew att legali ieħor vinkolanti taħt il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru li għaliha jkunu soġġetti l-kontrolluri.

L-arranġament għandu jirrifletti kif xieraq ir-rwoli u r-relazzjonijiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti vis-à-vis is-suġġetti tad-*data* u l-essenza tal-arranġament għandha tkun disponibbli għas-suġġett tad-*data*.

Irrispettivament mit-termini tal-arranġament, is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta', u kontra, kull wieħed mill-kontrolluri konġunti. L-awtoritajiet superviżorji mhumiex marbuta bit-termini tal-arranġament sew jekk dwar il-kwistjoni tal-kwalifika tal-partijiet bħala kontrolluri konġunti sew jekk dwar il-punt ta' kuntatt maħtur.

WERREJ

SOMMARJU EŻEKUTTIV	3
INTRODUZZJONI	8
PARTI I – KUNĊETTI	9
1 OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI	9
2 DEFINIZZJONI TA’ KONTROLLUR	10
2.1 Definizzjoni ta’ kontrollur	10
2.1.1 “Persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor”	11
2.1.2 “Jiddetermina”	12
2.1.3 “Waħdu jew flimkien ma’ oħrajn”	15
2.1.4 “L-għanijiet u l-mezzi”	15
2.1.5 “Tal-ipproċessar ta’ <i>data</i> personali”	18
3 DEFINIZZJONI TA’ KONTROLLURI KONĠUNTI	19
3.1 Definizzjoni ta’ kontrolluri konġunti	19
3.2 L-eżistenza ta’ kontrolli konġunt	20
3.2.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali	20
3.2.2 Valutazzjoni tal-parteciġazzjoni konġunta	20
3.2.3 Sitwazzjonijiet fejn ma hemm l-ebda kontrolli konġunt	25
4 DEFINIZZJONI TA’ PROĊESSUR	27
5 DEFINIZZJONI TA’ PARTI TERZA/RIĊEVITUR	30
PARTI II – KONSEGWENZI TA’ ATTRIBUZZJONI TA’ RWOLI DIFFERENTI	32
1 IR-RELAZZJONI BEJN IL-KONTROLLUR U L-PROĊESSUR	32
1.1 L-għażla tal-proċessur	32
1.2 Forma tal-kuntratt jew ta’ att legali ieħor	33
1.3 Il-kontenut tal-kuntratt jew ta’ att legali ieħor	36
1.3.1 <i>Il-proċessur irid jipproċessa biss data fil-każ ta’ struzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur (Art. 28(3)(a) tal-GDPR)</i>	37
1.3.2 <i>Il-proċessur irid jiżgura li l-persuni awtorizzati jipproċessaw id-data personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew li jkunu taħt obbligu statutorju xieraq ta’ kunfidenzjalità (l-Art. 28(3)(b) tal-GDPR)</i>	38
1.3.3 <i>Il-proċessur irid jieħu l-miżuri kollha mitluba skont l-Artikolu 32 (l-Art.28(3)(c) tal-GDPR)</i>	39
1.3.4 <i>Il-proċessur irid jirrispetta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(2) u 28 (4) għall-impjegar ta’ proċessur ieħor (l-Art. 28(3)(d) tal-GDPR).</i>	39

1.3.5	<i>Il-proċessur irid jassisti lill-kontrollur fit-twettiq tal-obbligu tiegħu li jwieġeb għal talbiet tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-data (l-Artikolu 28(3)(e) tal-GDPR).</i>	40
1.3.6	<i>Il-proċessur irid jassisti lill-kontrollur sabiex jassigura l-konformità mal-obbligi skont l-Artikoli 32 sa 36 (l-Art. 28(3)(f) tal-GDPR).</i>	40
1.3.7	<i>Mat-tmiem tal-attivitajiet tal-ipproċessar, il-proċessur irid, fuq l-għażla tal-kontrollur, iħassar jew jirritorna d-data personali kollha lill-kontrollur u jħassar il-kopji eżistenti (l-Art. 28(3)(g) tal-GDPR).</i>	42
1.3.8	<i>Il-proċessur irid jagħmel disponibbli għall-kontrollur l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28 u jippermetti u jikkontribwixxi għal verifiki, inklużi spezzjonijiet, immexxija mill-kontrollur jew awditur ieħor li jkun ingħata l-mandat mill-kontrollur (l-Art. 28(3)(h) tal-GDPR).</i>	42
1.4	Struzzjonijiet li jiksru l-liġi dwar il-protezzjoni tad- <i>data</i>	43
1.5	Proċessur li jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar	44
1.6	Sottoproċessuri	44
2	KONSEGWENZI TA' KONTROLL KONĠUNT	46
2.1	Id-determinazzjoni b'mod trasparenti tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti għall-konformità mal-obbligi skont il-GDPR.....	46
2.2	L-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet trid titwettaq permezz ta' arranġament.....	48
2.2.1	Forma tal-arranġament	48
2.2.2	Obbligi lejn is-suġġetti tad- <i>data</i>	49
2.3	Obbligi lejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad- <i>data</i>	50

Il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

Wara li kkunsidra l-Artikolu 70 (1e) tar-Regolament 2016/679/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE, (minn hawn 'il quddiem "GDPR" jew "ir-Regolament"),

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-ŻEE u b' mod partikolari l-Anness XI u l-Protokoll 37 tiegħu, kif emendat mid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 154/2018 tas-6 ta' Lulju 2018¹,

Wara li kkunsidra l-Artikolu 12 u l-Artikolu 22 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

Billi x-xogħol preparatorju ta' dawn il-linji gwida kien jinvolvi l-għbir ta' kontributi mill-partijiet interessati, kemm bil-miktub kif ukoll f'avveniment tal-partijiet interessati, sabiex jiġu identifikati l-isfidi l-aktar urġenti;

ADOTTA L-LINJI GWIDA LI ĠEJJIN

INTRODUZZJONI

1. Dan id-dokument ifittex li jipprovdi gwida dwar il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur abbażi tar-regoli tal-GDPR dwar id-definizzjonijiet fl-Artikolu 4 u d-dispożizzjonijiet dwar l-obbligi fil-kapitolu IV. L-għan ewlieni huwa li tiġi ċċarata t-tifsira tal-kunċetti u li jiġu ċċarati r-rwoli differenti u d-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet bejn dawn l-atturi.
2. Il-kunċett ta' kontrollur u l-interazzjoni tiegħu mal-kunċett ta' proċessur għandhom rwol kruċjali fl-applikazzjoni tal-GDPR, peress li jiddeterminaw min għandu jkun responsabbli għall-konformità mar-regoli differenti ta' protezzjoni tad-*data*, u kif is-suġġetti tad-*data* jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fil-prattika. Il-GDPR jintroduċi b' mod espliċitu l-prinċipju ta' responsabbiltà, jiġifieri l-kontrollur għandu jkun responsabbli għall-konformità mal-prinċipji relatati mal-ipproċessar ta' *data* personali fl-Artikolu 5, u jkun kapaċi juriha. Barra minn hekk, il-GDPR jintroduċi wkoll regoli aktar speċifiċi dwar l-użu tal-proċessur(i) u xi wħud mid-dispożizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' *data* personali huma indirizzati - mhux biss lill-kontrolluri - iżda wkoll lill-proċessuri.
3. Għaldaqstant huwa ta' importanza kbira li t-tifsira preċiża ta' dawn il-kunċetti u l-kriterji għall-użu korrett tagħhom jkunu ċari biżżejjed u kondiviżi mal-Unjoni Ewropea u ż-ŻEE kollha.
4. Il-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ħareġ gwida dwar il-kunċetti ta' kontrollur/proċessur fl-opinjoni 1/2010 tiegħu (WP169)² sabiex jipprovdi kjarifiki u eżempji konkreti fir-rigward ta' dawn il-kunċetti. Mid-dħul fis-seħħ tal-GDPR, tqajmu bosta mistoqsijiet dwar sa liema punt il-GDPR għab bidliet fil-kunċetti tal-kontrollur u tal-proċessur u fir-rwoli rispettivi tagħhom. B' mod partikolari, tqajmu mistoqsijiet dwar is-sustanza u l-implikazzjonijiet tal-kunċett tal-kontrollur konġunt (eż. kif stabbilit fl-Artikolu 26 tal-GDPR) u dwar l-obbligi speċifiċi għall-proċessuri stabbiliti fil-Kapitolu IV (eż. kif stabbilit

¹ Referenzi għall-"Istati Membri" li jsiru f'dan id-dokument għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-"Istati Membri taż-ŻEE".

² L-Opinjoni 1/2010 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-kunċetti ta' "kontrollur" u "proċessur" adottata fis-16 ta' Frar 2010, 264/10/EN, WP 169.

fl-Artikolu 28 tal-GDPR). Għaldaqstant, u billi l-EDPB jirrikonoxxi li l-applikazzjoni konkreta tal-kunċetti teħtiegħ kjarifika ulterjuri, l-EDPB issa jqis li huwa meħtiegħ li tingħata gwida aktar żviluppata u speċifika sabiex jiġi żgurat approċċ konsistenti u armonizzat fl-UE u ż-ŻEE kollha. Il-linji gwida preżenti jissostitwixxu l-opinjoni preċedenti tal-Grupp ta' Ħidma 29 dwar dawn il-kunċetti (WP169).

5. Fil-parti I, dawn il-linji gwida jiddiskutu d-definizzjonijiet tal-kunċetti differenti ta' kontrollur, kontrolluri konġunti, proċessur u parti terza/riċevitur. Fil-parti II, tingħata aktar gwida dwar il-konsegwenzi li huma marbuta mar-rwoli differenti ta' kontrollur, kontrolluri konġunti u proċessur.

PARTI I – KUNĊETTI

1 OSSERVAZZJONIJIET ĠENERALI

6. Fl-Artikolu 5(2), il-GDPR jintroduċi b'mod espliċitu l-prinċipju ta' responsabbiltà li jfisser li:
 - il-kontrollur għandu jkun *responsabbli għall-konformità* mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-GDPR; u li
 - il-kontrollur għandu jkun kapaċi *juri l-konformità* mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 5(1) tal-GDPR.

Dan il-prinċipju ġie deskritt f'opinjoni mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29³ u mhux se jiġi diskuss fid-dettall hawnhekk.

7. L-għan li l-prinċipju ta' responsabbiltà jiġi inkorporat fil-GDPR u li jsir prinċipju ċentrali kien biex jenfasizza li l-kontrolluri tad-*data* jridu jimplementaw miżuri xierqa u effettivi u jkunu kapaċi juru l-konformità.⁴
8. Il-prinċipju ta' responsabbiltà ġie elaborat f'aktar dettall fl-Artikolu 24, li jiddikjara li l-kontrollur għandu jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi adatti biex jiżgura u jkun jista' **juri** li l-ipproċessar isir f'konformità mal-GDPR. Tali miżuri għandhom jiġu riveduti u aġġornati, jekk meħtiegħ. Il-prinċipju ta' responsabbiltà huwa rifless ukoll fl-Artikolu 28, li jistabbilixxi l-obbligi tal-kontrollur meta jimpjega proċessur.
9. Il-prinċipju ta' responsabbiltà jiġi indirizzat b'mod dirett lill-kontrollur. Madankollu, uħud mir-regoli aktar speċifiċi huma indirizzati kemm lill-kontrolluri kif ukoll lill-proċessuri, bħalma huma r-regoli dwar is-setgħat tal-awtoritajiet superviżorji fl-Artikolu 58. Kemm il-kontrolluri kif ukoll il-proċessuri jistgħu jiġu mmultati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tal-GDPR li jkunu rilevanti għalihom u t-tnejn huma direttament responsabbli lejn l-awtoritajiet superviżorji bis-saħħa tal-obbligi li jżommu u jipprovdur dokumentazzjoni xierqa fuq talba, jikkooperaw f'każ ta' investigazzjoni u jirrispettaw ordnijiet amministrattivi. Fl-istess ħin, ta' min ifakkar li l-proċessuri jridu dejjem jikkonformaw ma', u jaġixxu biss fuq, l-istruzzjonijiet mill-kontrollur.
10. Il-prinċipju ta' responsabbiltà, flimkien mar-regoli l-oħra, aktar speċifiċi dwar il-konformità mal-GDPR u d-distribuzzjoni tar-responsabbiltà, għaldaqstant jaġħmel meħtiegħ li jiġu definiti r-rwoli differenti ta' bosta atturi involuti f'attività ta' proċessar ta' *data* personali.

³ L-Opinjoni 3/2010 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-prinċipju ta' responsabbiltà adottata fit-13 ta' Lulju 2010, 00062/10/EN, WP 173.

⁴ Premessa 74 tal-GDPR.

11. Osservazzjoni ġenerali rigward il-kunċetti ta' kontrollur u proċessur fil-GDPR hija li dawn ma nbidlux meta mqabbla mad-Direttiva 95/46/KE u li b'mod ġenerali, il-kriterji ta' kif għandhom jiġu attribwiti r-rwoli differenti baqgħu l-istess.
12. Il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur huma kunċetti *funzjonali*: dawn għandhom l-għan li jallokaw ir-responsabbiltajiet skont ir-rwoli proprji tal-partijiet.⁵ Dan jimplika li l-istatus legali ta' attur jew bħala "kontrollur" jew bħala "proċessur" irid fil-prinċipju jiġi ddeterminat mill-attivitajiet proprji tiegħu f'sitwazzjoni speċifika, aktar milli fuq in-nomina formali ta' attur bħala "kontrollur" jew "proċessur" (eż. f'kuntratt).⁶ Dan ifisser li l-allokkazzjoni tar-rwoli b'mod ġenerali għandha toħroġ minn analiżi tal-elementi fattwali jew miċ-ċirkostanzi tal-każ u bħala tali ma tkunx negozjabbli.
13. Il-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur huma wkoll kunċetti *awtonomi* fis-sens li, għalkemm sorsi legali esterni jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni ta' min hu kontrollur, dawn għandhom jiġu interpretati prinċipalment skont il-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*. Il-kunċett ta' kontrollur ma għandux ikun preġudikat minn kunċetti oħra - li xi kultant ikunu f'kunflitt jew sovrapposti - f'oqsma oħra tal-liġi, bħall-kreatur jew id-detentur tad-dritt fid-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew il-liġi tal-kompetizzjoni.
14. Billi l-objettiv sottostanti fl-attribuzzjoni tar-rwol ta' kontrollur huwa li tiġi żgurata r-responsabbiltà u l-protezzjoni effettiva u komprensiva tad-*data* personali, il-kunċett ta' "kontrollur" għandu jiġi interpretat b'mod wiesa' biżżejjed, li jiffavorixxi kemm jista' jkun il-protezzjoni effettiva u sħiħa tas-suġġetti tad-*data*⁷ sabiex jiġi żgurat l-effett sħiħ tal-liġi tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*, biex jiġu evitati lakuni u biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' evażjoni tar-regoli, filwaqt li fl-istess ħin ma jitnaqqasx ir-rwol tal-proċessur.

2 DEFINIZZJONI TA' KONTROLLUR

2.1 Definizzjoni ta' kontrollur

15. Kontrollur jiġi definit mill-Artikolu 4(7) tal-GDPR bħala

“persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor li, waħdu jew flimkien ma’ oħrajn, jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ta’ data personali; fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru”.
16. Id-definizzjoni ta' kontrollur fiha ħames elementi kostitwenti, li għandhom jiġu analizzati b'mod separat għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida. Dawn huma li ġejjin:
 - “persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor”

⁵ L-Opinjoni 1/2010 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, WP 169, p. 9.

⁶ Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Mengozzi, f'*Jehovah's witnesses*, C-25/17, ECLI:EU:C:2018:57, paragrafu 68 (*“Għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' "kontrollur" fit-tifsira tad-Direttiva 95/46, nasal biex nikkunsidra [...] li formaliżmu eċċessiv jippermetti faċilment li wieħed jevita d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/46 u li, għalhekk, jeħtieġ li nibbaża fuq analiżi iktar fattwali milli formali [...]”*).

⁷ QĠUE, Kawża C-131/12, Google Spain SL u Google Inc. v Agencia Española de Protección de Datos (AEPD) u Mario Costeja González, sentenza tat-13 ta' Mejju 2014, paragrafu 34; QĠUE, Kawża C-210/16, Wirtschaftsakademie Schleswig-Holstein, sentenza tal-5 ta' Ġunju 2018, paragrafu 28; QĠUE, Kawża C-40/17, Fashion ID GmbH & Co.KG v Verbraucherzentrale NRW eV, sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, paragrafu 66.

- “jiddetermina”
- “waħdu jew flimkien ma’ oħrajn”
- “l-għanijiet u l-mezzi”
- “l-ipproċessar ta’ *data* personali”.

2.1.1 “Persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor”

17. L-ewwel element kostitwenti huwa relatat mat-tip ta’ entità li tista’ tkun kontrollur. Skont il-GDPR, kontrollur jista’ jkun “*persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor*”. Dan ifisser li, fil-prinċipju, ma hemm l-ebda limitazzjoni fir-rigward tat-tip ta’ entità li tista’ tassumi r-rwol ta’ kontrollur. Din tista’ tkun organizzazzjoni, iżda tista’ tkun ukoll individwu jew grupp ta’ individwi.⁸ Madankollu, fil-prattika, b’mod ġenerali hija l-organizzazzjoni bħala tali, u mhux individwu fi ħdan l-organizzazzjoni (bħall-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, impjegat jew membru tal-bord), li taġixxi bħala kontrollur fit-tifsira tal-GDPR. Safejn ikun ikkonċernat l-ipproċessar tad-*data* fi ħdan grupp ta’ kumpanija, trid tingħata attenzjoni speċjali lill-kwistjoni dwar jekk stabbiliment jistax ikun qed jaġixxi bħala kontrollur jew proċessur, eż. meta tkun qed tiġi pproċessata *data* f’isem il-kumpanija prinċipali.
18. Kultant, il-kumpaniji u l-korpi pubbliċi jaħtru persuna speċifika responsabbli għall-implimentazzjoni tal-attività tal-ipproċessar. Anke jekk persuna fiżika speċifika tinħatar biex tiżgura l-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data*, din il-persuna ma tkunx il-kontrollur iżda taġixxi f’isem l-entità legali (il-kumpanija jew il-korp pubbliku) li fl-aħħar mill-aħħar tkun responsabbli f’każ ta’ ksur tar-regoli fil-kapaċità tagħha bħala kontrollur. Bl-istess mod, anke jekk dipartiment jew unità partikolari ta’ organizzazzjoni jkollhom responsabbiltà operattiva biex tiġi żgurata l-konformità fir-rigward ta’ ċerta attività tal-ipproċessar, ma jfissirx li dan id-dipartiment jew l-unità (minflok l-organizzazzjoni b’mod ġenerali) isiru l-kontrollur.

Eżempju:

Id-dipartiment tal-kummerċjalizzazzjoni tal-Kumpanija ABC iniedi kampanja ta’ reklamar biex jippromwovi l-prodotti ta’ ABC. Id-dipartiment tal-kummerċjalizzazzjoni jiddeċiedi n-natura tal-kampanja, il-mezzi li jridu jintużaw (posta elettronika, midja soċjali ...), liema kliġenti għandhom ikunu fil-mira u liema *data* għandha tintuża biex il-kampanja tkun kemm jista’ jkun ta’ suċċess. Anki jekk id-dipartiment tal-kummerċjalizzazzjoni aġixxa b’indipendenza konsiderevoli, il-Kumpanija ABC fil-prinċipju tiġi kkunsidrata bħala l-kontrollur peress li l-kampanja tar-reklamar tiġi mnedija mill-kumpanija u sseħħ fil-qasam tal-attivitajiet kummerċjali tagħha u għall-finijiet tagħha.

19. Fil-prinċipju, kwalunkwe pproċessar ta’ *data* personali mill-impjegati li jseħħ bħala parti mill-attivitajiet ta’ organizzazzjoni jista’ jitqies li jseħħ taħt il-kontroll ta’ dik l-organizzazzjoni.⁹ Madankollu, f’ċirkostanzi eċċezzjonali, jista’ jseħħ li impjegat jiddeċiedi li juża *data* personali għall-finijiet tiegħu stess, biex b’hekk jeċċedi b’mod illegali l-awtorità li ngħatat lilu. (eż. biex jistabbilixxi l-kumpanija tiegħu stess jew simili). Għaldaqstant, huwa d-dmir tal-organizzazzjoni bħala l-kontrollur li tiżgura li jkun

⁸ Pereżempju, fis-Sentenza tagħha *f’Jehovah’s witnesses*, C-25/17, ECLI:EU:C:2018:551, paragrafu 75, il-QĠUE kkunsidrat li komunità reliġjuża tax-xhieda ta’ Ġeħova aġixxiet bħala kontrollur, flimkien mal-membri individwali tagħha. *Sentenza f’Jehovah’s witnesses*, C-25/17, ECLI:EU:C:2018:551, paragrafu 75.

⁹ L-impjegati li għandhom aċċess għal *data* personali fi ħdan organizzazzjoni b’mod ġenerali ma jiġux ikkunsidrati bħala “kontrolluri” jew “proċessuri”, iżda aktar bħala “persuni li jaġixxu taħt l-awtorità tal-kontrollur jew tal-proċessur” fis-sens tal-Artikolu 29 tal-GDPR.

hemm miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, li jinkludu eż. it-taħriġ u l-informazzjoni għall-impjegati, biex tkun żgurata l-konformità mal-GDPR.¹⁰

2.1.2 “Jiddetermina”

20. It-tieni element kostitwenti tal-kunċett ta’ kontrollur jirreferi għall-*influenza* tal-kontrollur fuq l-ipproċessar, bis-saħħa ta’ *eżerċizzju ta’ setgħa ta’ teħid ta’ deċiżjonijiet*. Kontrollur huwa korp li *jiddeċiedi* ċerti elementi ewlenin fir-rigward tal-ipproċessar. Dan il-kontroll jista’ jiġi definit mil-liġi jew jista’ jirriżulta minn analiżi tal-elementi fattwali jew iċ-ċirkostanzi tal-każ. Wieħed għandu jħares lejn l-operazzjonijiet tal-ipproċessar speċifiċi kkonċernati u jifhem min jiddeterminahom, billi l-ewwel jikkunsidra l-mistoqsijiet li ġejjin: *“Għaliex qed jitwettaq dan l-ipproċessar?”* u *“min iddeċieda li l-ipproċessar għandu jitwettaq għal għan partikolari?”*.

Ċirkostanzi li jwasslu għal kontroll

21. Fid-dawl tal-fatt li l-kunċett ta’ kontrollur huwa kunċett funzjonali, huwa għalhekk ibbażat fuq **analiżi fattwali aktar milli formali**. Sabiex tiġi ffaċilitata l-analiżi, ċerti regoli ġenerali u preżunzjonijiet prattiċi jistgħu jintużaw biex jiggwidaw u jissimplifikaw il-proċess. Fil-biċċa l-kbira tas-sitwazzjonijiet, il-“korp determinanti” jista’ jiġi identifikat b’mod faċli u ċar b’referenza għal ċerti ċirkostanzi legali u/jew fattwali li minnhom normalment tiġi dedotta l-“influenza”, sakemm elementi oħra ma jindikawx il-kuntrarju. Jistgħu jiġu distinti żewġ kategoriji ta’ sitwazzjonijiet: (1) kontroll li jirriżulta minn *dispożizzjonijiet legali*; u (2) kontroll li jirriżulta minn *influenza fattwali*.

1) Kontroll li jirriżulta minn dispożizzjonijiet legali

22. Hemm każijiet fejn il-kontroll jista’ jiġi dedott minn kompetenza legali espliċita eż., meta l-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jiġu ddeżinjati mil-liġi nazzjonali jew tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-Artikolu 4(7) jiddikjara li *“fejn l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar ikunu ddeterminati mil-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru, il-kontrollur jew il-kriterji speċifiċi għall-ħatra tiegħu jistgħu jiġu determinati mil-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru.”* Filwaqt li l-Artikolu 4(7) jirreferi biss għal “il-kontrollur” fil-forma singolari, l-EDPB jikkunsidra li jista’ jkun possibbli wkoll għal-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li jiġi nnominat aktar minn kontrollur wieħed, possibbilment anke bħala kontrolluri konġunti.
23. Fejn il-kontrollur ikun ġie identifikat speċifikament mil-liġi dan ikun determinanti biex jiġi stabbilit min qed jaġixxi bħala kontrollur. Dan jippresupponi li l-leġiżlatur ikun ħatar bħala kontrollur l-entità li għandha kapacià ġenwina li teżerċita l-kontroll. F’diversi pajjiżi, il-liġi nazzjonali tipprevedi li l-awtoritajiet pubbliċi jkunu responsabbli għall-ipproċessar ta’ *data* personali fil-kuntest tad-dmirijiet tagħhom.
24. Madankollu, b’mod aktar komuni, aktar milli taħtar direttament lill-kontrollur jew tistabbilixxi l-kriterji għall-ħatra tiegħu, il-liġi tistabbilixxi kompitu jew timponi dmir fuq persuna biex tiġbor u tipproċessa ċerta *data*. F’dawn il-każijiet, l-għan tal-ipproċessar spiss jiġi determinat mil-liġi. Normalment il-kontrollur ikun dak maħtur mil-liġi għat-twettiq ta’ dan l-għan, dan il-kompitu pubbliku. Pereżempju, dan ikun il-każ fejn entità li tkun fdata b’ċerti kompiti pubbliċi (eż., is-sigurtà soċjali) li ma jistgħux jiġu ssodisfati mingħajr ma tinġabar tal-anqas xi *data* personali, twaqqaf bażi ta’ *data* jew reġistru sabiex twettaq dawn il-kompiti pubbliċi. F’dan il-każ, il-liġi, għalkemm b’mod indirett, tistabbilixxi min hu l-kontrollur. B’mod aktar ġenerali, il-liġi tista’ wkoll timponi obbligu fuq entitajiet pubbliċi jew privati biex iżommu jew jipprovdu ċerta *data*. Dawn l-entitajiet imbagħad normalment jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri fir-rigward tal-ipproċessar li jkun meħtieġ biex jiġi eżegwit dan l-obbligu.

¹⁰ L-Artikolu 24(1) tal-GDPR.

Eżempju: Dispożizzjonijiet legali

Il-liġi nazzjonali fil-Pajjiż A tistabbilixxi obbligu fuq l-awtoritajiet municiipali biex jipprovdu benefiċċji tal-benessri soċjali bħal pagamenti ta' kull xahar liċ-ċittadini abbażi tas-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Sabiex twettaq dawn il-pagamenti, l-awtorità municiipali trid tiġbor u tipproċessa *data* dwar iċ-ċirkostanzi finanzjarji tal-applikanti. Anki jekk il-liġi ma tiddikjarax b'mod espliċitu li l-awtoritajiet municiipali huma l-kontrolluri għal dan l-ipproċessar, dan jirriżulta b'mod impliċitu mid-dispożizzjonijiet legali.

2) Kontroll li jirriżulta minn influwenza fattwali

25. Fin-nuqqas ta' kontroll li jirriżulta minn dispożizzjonijiet legali, il-kwalifika ta' parti bħala kontrollur trid tiġi stabbilita abbażi ta' valutazzjoni taċ-ċirkostanzi fattwali madwar l-ipproċessar. Iridu jiġu kkunsidrati ċ-ċirkostanzi fattwali rilevanti kollha sabiex tintlaħaq konklużjoni dwar jekk entità partikolari teżerċita influwenza determinanti fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali kkonċernata.
26. Il-ħtieġa għall-valutazzjoni fattwali tfisser ukoll li r-rwol ta' kontrollur ma jirriżultax min-natura ta' entità li qed tipproċessa d-*data* iżda mill-attivitajiet konkreti tagħha f'kuntest speċifiku. Fi kliem ieħor, l-istess entità tista' taġixxi fl-istess ħin bħala kontrollur għal ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar u bħala proċessur għal oħrajn, u l-kwalifika bħala kontrollur jew proċessur ikollha tiġi vvalutata fir-rigward ta' kull attività speċifika tal-ipproċessar ta' *data*.
27. Fil-prattika, ċerti attivitajiet tal-ipproċessar jistgħu jitqiesu bħala marbuta b'mod naturali mar-rwol jew l-attivitajiet ta' entità li fl-aħħar mill-aħħar jinvolvu responsabbiltajiet mill-perspettiva tal-protezzjoni tad-*data*. Dan jista' jkun dovut għal dispożizzjonijiet legali aktar ġenerali jew Prattika legali stabbilita f'oqsma differenti (il-liġi ċivili, il-liġi kummerċjali, il-liġi tax-xogħol, eċċ.). F'dan il-każ, rwoli tradizzjonali u kompetenza professjonali eżistenti li normalment jimplikaw ċerta responsabbiltà jgħinu fl-identifikazzjoni tal-kontrollur, pereżempju: min iħaddem fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data* personali dwar l-impjegati tiegħu, pubblikatur li jipproċessa d-*data* personali dwar l-abbonati tiegħu, jew assoċjazzjoni li tipproċessa d-*data* personali dwar il-membri jew il-kontributori tagħha. Meta entità tipparteċipa fl-ipproċessar ta' *data* personali bħala parti mill-interazzjonijiet tagħha mal-impjegati, il-klijenti jew il-membri tagħha stess, b'mod ġenerali tkun dik li tiddetermina l-għan u l-mezzi fir-rigward tal-ipproċessar u għaldaqstant tkun qed taġixxi bħala kontrollur fit-tifsira tal-GDPR.

Eżempju: Uffiċċji tal-avukati

Il-kumpanija ABC tqabba uffiċċju tal-avukati biex jirrappreżentaha f'tilwima. Sabiex iwettaq dan il-kompitu, l-uffiċċju tal-avukati jrid jipproċessa d-*data* personali relatata mal-każ. Ir-raġunijiet għall-ipproċessar tad-*data* personali huwa l-mandat tal-uffiċċju tal-avukati li jirrappreżenta lill-klijent fil-qorti. Madankollu, dan il-mandat mhuwiex b'mod speċifiku mmirat għall-ipproċessar tad-*data* personali. L-uffiċċju tal-avukati jaġixxi bi grad sinifikanti ta' indipendenza, pereżempju meta jiddeċiedi liema informazzjoni juża u kif jużaha, u ma hemm l-ebda struzzjoni mill-kumpanija klijenta rigward l-ipproċessar tad-*data* personali. L-ipproċessar li l-uffiċċju tal-avukati jwettaq sabiex jissodisfa l-kompitu bħala r-rappreżentant legali għall-kumpanija huwa għaldaqstant marbut mar-rwol funzjonali tal-uffiċċju tal-avukati bir-riżultat li dan jiġi kkunsidrat bħala l-kontrollur għal dan l-ipproċessar.

Eżempju: Operaturi tat-telekomunikazzjonijiet¹¹:

Il-provvista ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bħal servizz ta' posta elettronika jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali. Il-fornitur ta' dawn is-servizzi normalment jiġi kkunsidrat bħala kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali li jkun meħtieġ għat-tħaddim tas-servizz bħala tali (eż., *data* dwar it-traffiku u l-kontijiet). Jekk l-uniku għan u rwol tal-fornitur ikun li jippermetti t-trażmissjoni ta' messaġġi tal-posta elettronika, il-fornitur ma jiġix ikkunsidrat bħala l-kontrollur fir-rigward tad-*data* personali li tinsab fil-messaġġ innifsu. Il-kontrollur fir-rigward ta' kwalunkwe *data* personali li tinsab fil-messaġġ normalment jiġi kkunsidrat bħala l-persuna li minnha joriġina l-messaġġ, aktar milli l-fornitur tas-servizz li joffri s-servizz tat-trażmissjoni.

28. F'ħafna każijiet, valutazzjoni tat-termini kuntrattwali bejn il-partijiet differenti involuti tista' tiffaċilita d-determinazzjoni ta' liema parti (jew partijiet) qed taġixxi bħala kontrollur. Anki jekk kuntratt ma jindikax min huwa l-kontrollur, jista' jkun fih elementi suffiċjenti biex wieħed jiddeduċi min jeżerċita rwol ta' teħid ta' deċiżjonijiet fir-rigward tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar. Jista' jkun ukoll li l-kuntratt fih dikjarazzjoni espliċita dwar l-identità tal-kontrollur. Jekk ma hemm l-ebda dubju li dan jirrifletti b'mod preċiż ir-realtà, ma hemm xejn li jżomm il-partijiet milli jsegwu t-termini tal-kuntratt. Madankollu, it-termini ta' kuntratt ma jkunux deċiżivi fiċ-ċirkostanzi kollha, peress li dan sempliċement jippermetti lill-partijiet jallokaw ir-responsabbiltà kif jidhrilhom xieraq. Ma jkunx possibbli li ssir kontrollur jew li taħrab mill-obbligi ta' kontrollur sempliċement billi ssawwar il-kuntratt f'tali mod fejn iċ-ċirkostanzi fattwali jgħidu xi ħaġa oħra.
29. Jekk parti waħda fil-fatt tiddeċiedi r-raġuni u l-mezz kif tiġi pproċessata d-*data* personali dik il-parti tkun kontrollur anke jekk kuntratt jiddikjara li hija proċessur. B'mod simili, mhux għax kuntratt kummerċjali juża t-terminu "sottokuntrattur" entità għandha tiġi kkunsidrata bħala proċessur mill-perspettiva tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*.¹²
30. F'konformità mal-approċċ fattwali, il-kelma "tiddetermina" tfisser li l-entità li fir-realtà teżerċita influwenza deċiżiva fuq l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar hija l-kontrollur. Normalment, ftehim tal-proċessur jistabbilixxi min hija l-parti determinanti (kontrollur) u l-parti mogħtija l-istruzzjonijiet (proċessur). Anke jekk b'mod speċifiku l-proċessur joffri servizz li jkun definit b'mod preliminari, il-kontrollur jkollu jiġi ppreżentat b'deskrizzjoni dettaljata tas-servizz u jrid jieħu d-deċiżjoni finali biex japprova b'mod attiv il-mod kif jitwettagħ l-ipproċessar u jagħmel talba għal tibdil jekk meħtieġ. Barra minn hekk, il-proċessur ma jistax fi stadju aktar tard ibiddel l-elementi essenzjali tal-ipproċessar mingħajr l-approvazzjoni tal-kontrollur.

Eżempju: servizz ta' cloud storage standardizzat

Fornitur kbir ta' cloud storage joffri lill-klijenti tiegħu l-kapaċità li jinħażnu volumi kbar ta' *data* personali. Is-servizz huwa kompletament standardizzat, bil-klijenti jkollhom ftit jew l-ebda kapaċità li jippersonalizzaw is-servizz. It-termini tal-kuntratt jiġu ddeterminati u mfasla b'mod unilaterali mill-fornitur tas-servizz tal-cloud, ipprovduti lill-klijent fuq "bażi ta' jew hekk jew xejn". Kumpanija X tiddeċiedi li tagħmel użu mill-fornitur tal-cloud biex taħżen *data* personali dwar il-klijenti tagħha. Il-kumpanija X xorta għandha tiġi kkunsidrata bħala kontrollur, minħabba d-deċiżjoni tagħha li tagħmel użu minn dan il-fornitur tas-servizz tal-cloud partikolari sabiex tipproċessa *data* personali għall-

¹¹ L-EDPB jikkunsidra li dan l-eżempju, preċedentement inkluż fil-Premessa (47) tad-Direttiva 95/46/KE, jibqa' relevanti wkoll taħt il-GDPR.

¹² Ara eż., l-Opinjoni 10/2006 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-*Data* tal-Artikolu 29 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali mis-Soċjetà għat-Telekomunikazzjoni Finanzjarja Interbankarja Dinjija (SWIFT), 22 ta' Novembru 2006, WP128, p. 11.

għanijiet tagħha. Sakemm il-fornitur tas-servizz tal-cloud ma jipproċessax id-*data* personali għall-għanijiet tiegħu stess u jaħżen id-*data* biss f'isem il-klijenti tiegħu u f'konformità mal-istruzzjonijiet, il-fornitur tas-servizz jiġi kkunsidrat bħala proċessur.

2.1.3 “Waħdu jew flimkien ma’ oħrajn”

31. L-Artikolu 4(7) jirrikonoxxi li l-“għanijiet u l-mezzi” tal-ipproċessar jistgħu jiġu ddeterminati minn aktar minn attur wieħed. Jiddikjara li l-kontrollur huwa l-attur li “waħdu jew flimkien ma’ oħrajn” jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar. Dan ifisser li bosta entitajiet differenti jistgħu jaġixxu bħala kontrolluri għall-istess ipproċessar, b’kull waħda minnhom imbagħad tkun soġġetta għad-dispożizzjonijiet tal-protezzjoni tad-*data* applikabbli. B’mod korrispondenti, organizzazzjoni xorta tista’ tkun kontrollur anke jekk ma tiħux id-deċiżjonijiet kollha fir-rigward tal-għanijiet u l-mezzi. Il-kriterji għall-kontroll konġunt u l-punt sa fejn żewġ atturi jew aktar b’mod konġunt jeżerċitaw il-kontroll, jistgħu jieħdu forom differenti, kif iċċarat aktar ’il quddiem.¹³

2.1.4 “L-għanijiet u l-mezzi”

32. Ir-raba’ element kostitwenti tad-definizzjoni tal-kontrollur jirreferi għall-oġġett tal-influenza tal-kontrollur, jiġifieri l-“għanijiet u l-mezzi” tal-ipproċessar. Dan jirrappreżenta l-parti sostantiva tal-kunċett tal-kontrollur: dak li parti għandha tiddetermina sabiex tikkwalifika bħala kontrollur.
33. Id-dizzjunarji jiddefinixxu “għan” bħala “riżultat antiċipat li huwa maħsub jew li jiġgwida l-azzjonijiet ipplanati tiegħek” u “mezzi” bħala “kif jinkiseb riżultat jew jintlaħaq tmiem”.
34. Il-GDPR jistabbilixxi li d-*data* trid tinġabar għal finijiet speċifikati, espliċiti u leġittimi u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment b’mod inkompatibbli ma’ dawk il-finijiet. Id-determinazzjoni tal-“għanijiet” tal-ipproċessar u tal-“mezzi” biex dawn jinkisbu, hija għaldaqstant ta’ importanza partikolari.
35. Id-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tammonta biex jiġu deċiżi b’mod rispettiv ir-“raġuni” u l-“mod” tal-ipproċessar:¹⁴ minħabba operazzjoni ta’ pproċessar partikolari, il-kontrollur huwa l-attur li ddetermina r-*raġuni* għaliex l-ipproċessar qed jitwettaq (jiġifieri, “għal liema għan”) u l-*mod* kif dan l-għan għandu jintlaħaq (jiġifieri liema mezz għandu jintuża biex jintlaħaq l-għan). Persuna fiżika jew ġuridika li teżerċita tali influwenza fuq l-ipproċessar ta’ *data* personali, b’hekk tipparteċipa fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi ta’ dak l-ipproċessar f’konformità mad-definizzjoni fl-Artikolu 4(7) tal-GDPR.¹⁵
36. Il-kontrollur irid jiddeċiedi kemm dwar l-għan kif ukoll dwar il-mezzi tal-ipproċessar kif deskritt hawn taħt. Bħala riżultat, il-kontrollur ma jistax jiddetermina biss l-għan. Irid ukoll jieħu deċiżjonijiet dwar il-mezzi tal-ipproċessar. Għall-kuntrarju, il-parti li qed taġixxi bħala proċessur qatt ma tista’ tiddetermina l-għan tal-ipproċessar.
37. Fil-prattika, jekk kontrollur jimpjega proċessur biex iwettaq l-ipproċessar f’ismu, dan spiss ifisser li l-proċessur għandu jkun jista’ jieħu ċerti deċiżjonijiet tiegħu huwa stess dwar kif iwettaq l-ipproċessar. L-EDPB jirrikonoxxi li jista’ jeżisti xi marġini ta’ manuvrar biex il-proċessur ukoll ikun jista’ jieħu xi deċiżjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar. F’din il-perspettiva, hemm il-ħtieġa li tingħata gwida dwar

¹³ Ara Parti I, Taqsima 3 (“Definizzjoni ta’ kontrolluri konġunti”).

¹⁴ Ara wkoll l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Bot f’*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, ECLI:EU:C:2017:796, paragrafu 46.

¹⁵ Sentenza f’*Jehovah’s witnesses*, C-25/17, ECLI:EU:C:2018:551, paragrafu 68.

liema **livell ta' influwenza** fuq ir-“raġuni” u l-“mod” għandu jinvolvi l-kwalifika ta' entità bħala kontrollur u sa liema punt proċessur jista' jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu stess.

38. Meta entità waħda b'mod ċar tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi, fejn tkun qed tafda lil entità oħra bl-attivitajiet ta' proċessur li jammontaw għall-eżekuzzjoni tal-istruzzjonijiet dettaljati tagħha, is-sitwazzjoni tkun sempliċi, u ma hemm l-ebda dubju li t-tieni entità għandha titqies bħala proċessur, filwaqt li l-ewwel entità tkun il-kontrollur.

Mezzi essenzjali kontra dawk mhux essenzjali

39. Il-kwistjoni hija fejn tinġibed il-linja bejn deċiżjonijiet li huma riservati għall-kontrollur u deċiżjonijiet li jistgħu jitħallew fid-diskrezzjoni tal-proċessur. Id-deċiżjonijiet dwar l-għan tal-ipproċessur b'mod ċar għandhom dejjem jittieħdu mill-kontrollur.
40. Fir-rigward tad-determinazzjoni tal-mezzi, tista' ssir distinzjoni bejn il-mezzi essenzjali u dawk mhux essenzjali. Il-“mezzi essenzjali” huma tradizzjonalment u b'mod inerenti riservati għall-kontrollur. Filwaqt li l-mezzi mhux essenzjali jistgħu jiġu determinati wkoll mill-proċessur, il-mezzi essenzjali għandhom jiġu determinati mill-kontrollur. “Mezzi essenzjali” huma mezzi li huma marbuta mill-qrib mal-għan u l-kamp ta' applikazzjoni tal-ipproċessur, bħat-tip ta' *data* personali li tiġi pproċessata (“*liema data għandha tiġi pproċessata?*”), it-tul tal-ipproċessur (“*għal kemm tul ta' żmien għandhom jiġu pproċessati?*”), il-kategoriji ta' riċevituri (“*min għandu jkollu aċċess għalihom?*”) u l-kategoriji ta' suġġetti tad-*data* (“*ta' min qed tiġi pproċessata d-data personali?*”) Flimkien mal-għan tal-ipproċessur, il-mezzi essenzjali huma wkoll marbuta mill-qrib mal-kwistjoni dwar jekk l-ipproċessur huwiex legali, meħtieġ u proporzjonat. Il-“mezzi mhux essenzjali” jikkonċernaw aspetti aktar prattiċi tal-implimentazzjoni, bħall-għażla ta' tip partikolari ta' hardware jew software jew il-miżuri ta' sigurtà dettaljati li jistgħu jitħallew f'idejn il-proċessur biex jiddeċiedi dwarhom.

Eżempju: L-amministrazzjoni tal-pagi

Impjegatur A jikri kumpanija oħra biex tamministra l-ħlas tas-salarji lill-impjegati tiegħu. Impjegatur A jagħti struzzjonijiet ċari dwar min jitħallas, liema ammonti, sa liema data, minn liema bank, għal kemm żmien għandha tinħażen id-*data*, liema *data* għandha tiġi żvelata lill-awtorità tat-taxxa eċċ. F'dan il-każ, l-ipproċessur tad-*data* jitwettaq għall-iskop tal-Kumpanija A li tħallas is-salarji lill-impjegati tagħha u l-amministratur tal-pagi ma jistax juża d-*data* għal kwalunkwe skop tiegħu proprju. Il-mod li bih l-amministratur tal-pagi għandu jwettaq l-ipproċessur huwa essenzjalment definit b'mod ċar u strett. Madankollu, l-amministratur tal-pagi jista' jiddeċiedi dwar ċerti kwistjonijiet dettaljati fir-rigward tal-ipproċessur bħal liema software jintuża, kif jiddistribwixxi l-aċċess fl-organizzazzjoni tiegħu stess, eċċ. Dan ma jbidilx ir-rwol tiegħu bħala proċessur sakemm l-amministratur ma jmurx kontra jew lil hinn mill-istruzzjonijiet mogħtija mill-Kumpanija A.

Eżempju: Pagamenti bankarji

Bħala parti mill-istruzzjonijiet mill-Impjegatur A, l-amministrazzjoni tal-pagi tittrażmetti informazzjoni lill-Bank B sabiex dan ikun jista' jwettaq il-pagamenti proprji lill-impjegati tal-Impjegatur A. Din l-attività tinkludi l-ipproċessur tad-*data* personali mill-Bank B li jagħmel dan bil-għan li jwettaq l-attività bankarja. Fi ħdan din l-attività, il-bank jiddeċiedi b'mod indipendenti mill-Impjegatur A dwar liema *data* trid tiġi pproċessata sabiex jipprovdi s-servizz, it-tul ta' żmien li d-*data* trid tinħażen, eċċ. L-Impjegatur A ma jista' jkollu l-ebda influwenza fuq l-għan u l-mezzi tal-ipproċessur tad-*data* tal-Bank B. Għaldaqstant, il-Bank B għandu jitqies bħala kontrollur għal dan l-ipproċessur u t-trażmissjoni tad-*data*

personali mill-amministrazzjoni tal-pagi għandha titqies bħala żvelar ta' informazzjoni bejn żewġ kontrolluri, mill-Impjegatur A għall-Bank B.

Eżempju: Kontabilisti

L-Impjegatur A jqabba ukoll Ditta tal-kontabilità C biex twettaq verifiki taż-żamma tal-kotba tiegħu u għaldaqstant jittrasferixxi d-*data* dwar tranżazzjonijiet finanzjarji (inkluża *data* personali) lil C. Id-ditta tal-kontabilità C tipproċessa din id-*data* mingħajr struzzjonijiet dettaljati minn A. Id-ditta tal-kontabilità C tiddeċiedi hija stess, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw il-kompiti tal-attivitajiet tal-awditjar imwettqa minn C, li d-*data* li tiġbor tkun ipproċessata biss għall-għan tal-awditjar ta' A u tidetermina liema *data* jeħtieġ li jkollha, liema kategoriji ta' persuni jeħtieġ li jiġu rreġistrati, it-tul ta' żmien li għandha tinżamm id-*data* u liema mezzi tekniċi għandhom jintużaw. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, id-ditta tal-kontabilità C għandha titqies bħala kontrollur tagħha stess meta qed twettaq is-servizzi ta' awditjar tagħha għal A. Madankollu, din il-valutazzjoni tista' tkun differenti skont il-livell ta' struzzjonijiet minn A. F'sitwazzjoni fejn il-liġi ma tistabbilixxix obbligi speċifiċi għad-ditta tal-kontabilità u l-kumpanija klijenta tipprovdni struzzjonijiet dettaljati ħafna dwar l-ipproċessar, id-ditta tal-kontabilità tkun tabilħaqq qed taġixxi bħala proċessur. Tista' ssir distinzjoni bejn sitwazzjoni fejn l-ipproċessar - f'konformità mal-liġijiet li jirregolaw din il-professjoni - jitwettaq bħala parti mill-attività ewlenija tad-ditta tal-kontabilità u fejn l-ipproċessar huwa komputu anċillari aktar limitat li jitwettaq bħala parti mill-attività tal-kumpanija klijenta.

Eżempju: Servizzi ta' hosting

L-Impjegatur A jikri servizz ta' hosting H biex jaħżen *data* kriptata fuq servers ta' H. Is-servizz ta' hosting H ma jiddeterminax jekk id-*data* miżmuma minnu hijiex *data* personali u lanqas jipproċessa *data* bi kwalunkwe mod ieħor għajr il-ħżin tagħha fuq is-servers tiegħu. Peress li l-ħżin huwa eżempju wieħed ta' attività ta' proċessar ta' *data* personali, is-servizz ta' hosting H qed jipproċessa *data* personali f'isem l-impjegatur A u għaldaqstant huwa proċessur. L-Impjegatur A jrid jipprovdni l-istruzzjonijiet meħtieġa lil H u jrid jiġi konkluż ftehim dwar l-ipproċessar tad-*data* f'konformità mal-Artikolu 28, li jirrikjedi li H jimplementa miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi. H jrid jassisti lil A biex jiżgura li jittieħdu l-miżuri ta' sigurtà meħtieġa u jinnotifikah f'każ ta' kwalunkwe ksur ta' *data* personali.

41. Anki jekk deċiżjonijiet dwar mezzi mhux essenzjali jistgħu jitħallew f'idejn il-proċessur, il-kontrollur xorta jrid jistipula ċerti elementi fil-ftehim tal-proċessur, bħal – fir-rigward tal-ħtieġa tas-sigurtà, eż. struzzjoni biex jittieħdu l-miżuri kollha meħtieġa skont l-Artikolu 32 tal-GDPR. Il-ftehim irid jiddikjara wkoll li l-proċessur għandu jassisti lill-kontrollur biex tiġi żgurata l-konformità ma', pereżempju, l-Artikolu 32. Fi kwalunkwe każ, il-kontrollur jibqa' responsabbli għall-implimentazzjoni ta' miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżgura u jkun kapaċi juri li l-ipproċessar jitwettaq f'konformità mar-Regolament (l-Artikolu 24). Meta jagħmel dan, il-kontrollur irid jikkunsidra n-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta' persuni fiżiċi. Għal din ir-raġuni, il-kontrollur irid jkun infurmat b'mod sħiħ dwar il-mezzi li jintużaw sabiex ikun jista' jieħu deċiżjoni infurmata f'dan ir-rigward. Sabiex il-kontrollur ikun jista' juri l-legalità tal-ipproċessar, huwa rakkomandat li jiġu ddokumentati l-miżuri tekniċi u organizzattivi minimi meħtieġa fil-kuntratt jew strument legalment vinkolanti ieħor bejn il-kontrollur u l-proċessur.

Eżempju: Ċentru telefoniku

Kumpanija X tiddeċiedi li testernalizza parti mir-relazzjonijiet tas-servizzi tal-klijenti tagħha lil ċentru telefoniku. Iċ-ċentru telefoniku jirċievi *data* identifikabbli fir-rigward tax-xiri tal-klijenti, kif ukoll tal-

informazzjoni ta' kuntatt. Iċ-ċentru telefoniku juża s-software u l-infrastruttura tal-IT tiegħu stess biex jiġġestixxi d-*data* personali fir-rigward tal-klijenti tal-Kumpanija X. Il-Kumpanija X tiffirma ftehim ta' proċessur mal-fornitur taċ-ċentru telefoniku f'konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR, wara li tiddetermina li l-miżuri ta' sigurtà tekniċi u organizzattivi proposti miċ-ċentru telefoniku jkunu xierqa għar-riskji kkonċernati u li ċ-ċentru telefoniku jipproċessa biss id-*data* personali għall-għanijiet tal-Kumpanija X u f'konformità mal-istruzzjonijiet tagħha. Il-Kumpanija X ma tippovdi l-ebda struzzjoni oħra liċ-ċentru telefoniku dwar software speċifiku li jkollu jintuża u lanqas xi struzzjoni dettaljata fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà speċifiċi li jkollhom jiġu implimentati. F'dan l-eżempju, il-Kumpanija X tibqa' kontrollur, minkejja l-fatt li ċ-ċentru telefoniku jkun iddetermina ċerti mezzi mhux essenzjali tal-ipproċessar.

2.1.5 “Tal-ipproċessar ta' *data* personali”

42. L-għanijiet u l-mezzi ddeterminati mill-kontrollur iridu jkunu relatati mal-“ipproċessar ta' *data* personali”. L-Artikolu 4(2) tal-GDPR jiddefinixxi l-ipproċessar ta' *data* personali bħala “*kwalunkwe attività jew sett ta' attivitajiet li jitwettqu fuq data personali jew fuq settijiet ta' data personali*”. Bħala riżultat, il-kunċett ta' kontrollur jista' jkun marbut jew ma' operazzjoni waħda ta' pproċessar jew ma' sett ta' operazzjonijiet. Fil-prattika, dan jista' jfisser li l-kontrollur eżerċitat minn entità partikolari jista' jestendi għall-ipproċessar kollu kkonċernat iżda jista' wkoll ikun limitat għal stadju partikolari fl-ipproċessar.¹⁶
43. Fil-prattika, l-ipproċessar ta' *data* personali li jnvolvi bosta atturi jista' jinqasam f'diversi operazzjonijiet ta' pproċessar iżgħar li għalihom kull attur jista' jiġi kkunsidrat biex b'mod individwali jiddetermina l-għan u l-mezzi. Min-naħa l-oħra, sekwenza jew sett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li jnvolvju diversi atturi jistgħu jitwettqu wkoll għall-istess għan(ijiet), f'liema każ ikun possibbli li l-ipproċessar jnvolvi kontrollur konġunt wieħed jew aktar. Fi kliem ieħor, ikun possibbli li fil-“livell mikro” l-operazzjonijiet differenti ta' pproċessar tal-katina jidhru maqtugħin minn xulxin, peress li kull waħda minnhom jista' jkollha għan differenti. Madankollu, ikun meħtieġ li jkun hemm kontrollur doppju dwar jekk fil-“livell makro” dawn l-operazzjonijiet ta' pproċessar għandhomx jiġu kkunsidrati bħala “sett ta' operazzjonijiet” li jseguwu għan konġunt bl-użu ta' mezzi definiti b'mod konġunt.
44. Kull min jiddeċiedi li jipproċessa d-*data* jrid jikkunsidra jekk din tinkludix *data* personali u, jekk iva, x'inhuma l-obbligi skont il-GDPR. Attur ikun ikkunsidrat bħala “kontrollur” anke jekk b'mod deliberat ma jkollux fil-mira d-*data* personali bħala tali jew ikun ievaluta b'mod żbaljat li ma jipproċessax *data* personali.
45. Mhuwix meħtieġ li l-kontrollur effettivament ikollu aċċess għad-*data* li qed tiġi pproċessata.¹⁷ Persuna li testernalizza attività ta' pproċessar u li meta tagħmel dan, ikollha influwenza determinanti fuq l-għan u l-mezzi (essenzjali) tal-ipproċessar (eż. billi tagħgħusta l-parametri ta' servizz b'tali mod li tinfluwenza d-*data* personali li għandha tiġi pproċessata), ikollha tiġi kkunsidrata bħala kontrollur anke jekk din qatt mhu se jkollha aċċess effettiv għad-*data*.

¹⁶ Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, ECLI:EU:C:2019:629, paragrafu 74: “(K)if osserva l-Avukat Ġenerali, [...] jidher li persuna fiżika jew ġuridika tista' tkun kontrollur biss, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 95/46, b'mod kondiviż ma' oħrajn, tal-operazzjonijiet ta' pproċessar ta' *data* ta' natura personali li fir-rigward tagħha hija tiddetermina b'mod kondiviż il-finijiet u l-mezzi. Min-naħa l-oħra, [...] din il-persuna fiżika jew ġuridika ma tistax titqies bħala kontrollur, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, mill-operazzjonijiet preċedenti jew sussegwenti tal-katina ta' pproċessar li fir-rigward tagħha hija la tiddetermina l-finijiet u lanqas il-mezzi”.

¹⁷ Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-201/16, ECLI:EU:C:2018:388, paragrafu 38.

Eżempju: Riċerka dwar is-suq 1

Kumpanija ABC tixtieq tifhem liema tipi ta' konsumaturi x'aktarx ikunu l-aktar interessati fil-prodotti tagħha u tagħmel kuntratt ma' fornitur ta' servizz, XYZ, biex jikseb l-informazzjoni rilevanti.

Il-Kumpanija ABC tagħti struzzjonijiet lil XYZ dwar liema tip ta' informazzjoni hija interessata fiha u tipprovdi lista ta' mistoqsijiet li għandhom isiru lil dawk li qed jipparteċipaw fir-riċerka dwar is-suq.

Il-Kumpanija ABC tirċievi biss informazzjoni statistika (eż., li tidentifika x-xejriet tal-konsumatur għal kull reġjun) minn XYZ u ma jkollhiex aċċess għad-*data* personali nnifisha. Madankollu, il-Kumpanija ABC iddeċidiet li l-ipproċessar għandu jseħħ, l-ipproċessar jitwettaq għall-għan u l-attività tagħha u pprovdiet lil XYZ bi struzzjonijiet dettaljati dwar liema informazzjoni għandha tinġabar. Għaldaqstant, il-Kumpanija ABC xorta għandha tiġi kkunsidrata bħala kontrollur fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali li jitwettaq sabiex twassal l-informazzjoni li għaliha għamlet talba. XYZ tista' tipproċessa biss id-*data* għall-għan mogħti mill-Kumpanija ABC u f'konformità mal-istruzzjonijiet dettaljati tagħha u għaldaqstant għandha tiġi kkunsidrata bħala proċessur.

Eżempju: Riċerka dwar is-suq 2

Kumpanija ABC tixtieq tifhem liema tipi ta' konsumaturi x'aktarx ikunu l-aktar interessati fil-prodotti tagħha. Il-fornitur tas-servizz XYZ huwa aġenzija ta' riċerka dwar is-suq li ġabret informazzjoni dwar l-interessi tal-konsumatur permezz ta' varjetà ta' kwestjonarji li jappartjenu għal varjetà wiesgħa ta' prodotti u servizzi. Il-fornitur tas-servizz XYZ ġabar u analizza din id-*data* b'mod indipendenti, skont il-metodoloġija tiegħu stess mingħajr ma rċieva kwalunkwe struzzjoni mill-Kumpanija ABC. Biex iwieġeb għat-talba tal-Kumpanija ABC, il-fornitur tas-servizz XYZ għandu jiġġenera informazzjoni statistika, iżda jagħmel dan mingħajr ma jirċievi ebda struzzjoni oħra dwar liema *data* personali għandha tiġi pproċessata jew kif għandu jipproċessaha sabiex jiġġenera din l-istatistika. F'dan l-eżempju, il-fornitur tas-servizz XYZ jaġixxi bħala l-uniku kontrollur, li qed jipproċessa d-*data* personali għal skopijiet ta' riċerka dwar is-suq, u li b'mod awtonomu jiddetermina l-mezzi biex jagħmel dan. Il-Kumpanija ABC ma għandha l-ebda rwol jew responsabbiltà partikolari taħt il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet ta' pproċessar, billi l-Kumpanija ABC tirċievi statistika anonimizzata u mhijiex involuta fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar.

3 DEFINIZZJONI TA' KONTROLLURI KONĠUNTI

3.1 Definizzjoni ta' kontrolluri konġunti

46. Il-kwalifika bħala kontrolluri konġunti tista' tinqala' meta fl-ipproċessar ikun hemm involut aktar minn attur wieħed.
47. Filwaqt li l-kunċett mhux ġdid u diġà kien jeżisti taħt id-Direttiva 95/46/KE, il-GDPR, fl-Artikolu 26 tiegħu, jintroduċi regoli speċifiċi għal kontrolluri konġunti u jistabbilixxi qafas li jirregola r-relazzjoni tagħhom. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) f'sentenzi reċenti ġabet kjarifiki dwar dan il-kunċett u l-implikazzjonijiet tiegħu.¹⁸

¹⁸ Ara b'mod partikolari, *Unabhängiges Landeszentrum für Datenschutz Schleswig-Holstein v Wirtschaftsakademie*, (C-210/16), *Tietosuojaalvautuutettu v Jehovan todistajat — uskonnollinen yhdyskunta* (C-

48. Kif elaborat aktar fid-dettall fil-Parti II, Taqsima 2, il-kwalifika ta' kontrolluri konġunti jkollha prinċipalment konsegwenzi f'termini ta' allokazżjoni ta' obbligi għall-konformità mar-regoli tal-protezzjoni tad-*data* u b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-individwi.
49. F'din il-perspettiva, it-taqsima li ġejja għandha l-għan li tipprovdi gwida dwar il-kunċett ta' kontrolluri konġunti f'konformità mal-GDPR u l-ġurisprudenza tal-QĠUE biex tgħin lill-entitajiet jiddeterminaw fejn jistgħu jkunu qed jaġixxu bħala kontrolluri konġunti u japplikaw il-kunċett fil-prattika.

3.2 L-eżistenza ta' kontroll konġunt

3.2.1 Kunsiderazzjonijiet ġenerali

50. Id-definizzjoni ta' kontrollur fl-Artikolu 4 (7) tal-GDPR tiffirma l-punt tat-tluq għad-determinazzjoni ta' kontroll konġunt. Il-kunsiderazzjonijiet f'din it-taqsima huma għaldaqstant direttament relatati ma' u jissupplimentaw il-kunsiderazzjonijiet fit-taqsima dwar il-kunċett ta' kontrollur. Bħala konsegwenza, il-valutazzjoni tal-kontroll konġunt għandha tirrifletti l-valutazzjoni ta' kontroll "uniku" żviluppat hawn fuq.
51. L-Artikolu 26 tal-GDPR, li jirrifletti d-definizzjoni fl-Artikolu 4(7) tal-GDPR, jipprevedi li "[f]ejn żewġ kontrolluri jew aktar jiddeterminaw flimkien l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar, huma għandhom ikunu kontrolluri konġunti." F'termini wesgħin, il-kontroll konġunt jeżisti fir-rigward ta' attività ta' pproċessar speċifika meta partijiet differenti jiddeterminaw b'mod konġunt l-għan u l-mezzi ta' din l-attività ta' pproċessar. Għaldaqstant, il-valutazzjoni tal-eżistenza ta' kontrolluri konġunti teħtieġ li jiġi eżaminat jekk id-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi li jikkarakterizzaw kontrollur humiex deċiżi minn aktar minn parti waħda. "B'mod konġunt" trid tiġi interpretata bħala li tfisser "flimkien ma'" jew "mhux waħdu", f'forom u kombinazzjonijiet differenti, kif spjegat hawn taħt.
52. Il-valutazzjoni tal-kontroll konġunt għandha titwettaq permezz ta' analiżi fattwali, aktar milli formali, tal-influenza reali fuq l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar. L-arranġamenti kollha eżistenti jew previsti għandhom jiġu vverifikati maċ-ċirkostanzi fattwali rigward ir-relazzjoni bejn il-partijiet. Kriterju sempliċement formali ma jkunx biżżejjed għal tal-anqas żewġ raġunijiet: f'xi każijiet, il-ħatra formali ta' kontrollur konġunt - stabbilita pereżempju bil-liġi jew f'kuntratt - tkun nieqsa; f'każijiet oħra, jista' jkun li l-ħatra formali ma tirriflettix ir-realtà tal-arranġamenti, billi b'mod formali r-rwol ta' kontrollur jiġi fdat lil entità li fil-fatt ma tkunx fil-pożizzjoni li "tiddetermina" l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar.
53. Mhux l-ipproċessar kollu li jinvolvi bosta entitajiet iwassal għal kontroll konġunt. Il-kriterju ġenerali biex jeżisti l-kontroll konġunt huwa l-**parteċipazzjoni konġunta ta' żewġ entitajiet jew aktar fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi** ta' pproċessar. B'mod aktar speċifiku, il-parteċipazzjoni konġunta teħtieġ tinkludi min-naħa waħda d-determinazzjoni tal-għanijiet u min-naħa l-oħra d-determinazzjoni tal-mezzi. Jekk kull wieħed minn dawn l-elementi jiġi ddeterminat mill-entitajiet kollha kkonċernati, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri konġunti tal-ipproċessar ikkonċernat.

3.2.2 Valutazzjoni tal-parteċipazzjoni konġunta

54. Parteċipazzjoni konġunta fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi timplika li aktar minn entità waħda jkollha influwenza deċiżiva fuq jekk jitwettaqx l-ipproċessar u kif jitwettaq. Fil-prattika, parteċipazzjoni

25/17), *Fashion ID GmbH & Co. KG v Verbraucherzentrale NRW eV* (C-40/17). Ta' min jinnota li waqt li dawn is-sentenzi nħarġu mill-QĠUE fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-kunċett ta' kontrolluri konġunti taħt id-Direttiva 95/46/KE, jibqgħu validi fil-kuntest tal-GDPR, minħabba li l-elementi li jiddeterminaw dan il-kunċett taħt il-GDPR jibqgħu l-istess bħal taħt id-Direttiva.

konġunta tista' tieħu diversi forom differenti. Pereżempju, parteċipazzjoni konġunta tista' tieħu l-forma ta' **deċiżjoni komuni** meħuda minn żewġ entitajiet jew aktar jew tista' tirriżulta minn **deċiżjonijiet konverġenti** ta' żewġ entitajiet jew aktar fir-rigward tal-għanijiet u l-mezzi essenzjali.

55. Parteċipazzjoni konġunta permezz ta' *deċiżjoni komuni* tfisser it-teħid ta' deċiżjonijiet flimkien u tinvolvi intenzjoni komuni f'konformità mal-aktar fehim komuni tat-terminu "flimkien" imsemmi fl-Artikolu 26 tal-GDPR.

Is-sitwazzjoni tal-parteċipazzjoni konġunta permezz ta' *deċiżjonijiet konverġenti* tirriżulta b'mod aktar partikolari mill-ġurisprudenza tal-QĠUE dwar il-kunċett ta' kontrolluri konġunti. Deċiżjonijiet jistgħu jiġu kkunsidrati bħala konverġenti fuq l-għanijiet u l-mezzi **jekk jikkumplementaw lil xulxin u jkunu meħtieġa biex jitwettaq l-ipproċessar b'tali mod li jkollhom impatt tanġibbli fuq id-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar**. Għandu jiġi enfasizzat li l-kunċett ta' deċiżjonijiet konverġenti jeħtieġ li jiġi kkunsidrat fir-rigward tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar iżda mhux fir-rigward ta' aspetti oħra tar-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet.¹⁹ Bħala tali, kriterju importanti biex jiġu identifikati deċiżjonijiet konverġenti f'dan il-kuntest, **huwa jekk l-ipproċessar ma jkunx possibbli mingħajr il-parteċipazzjoni taż-żewġ partijiet fl-għanijiet u l-mezzi fis-sens li l-ipproċessar minn kull parti huwa inseparabbli, jiġifieri jkun marbut b'mod inseparabbli**. Is-sitwazzjoni ta' kontrolluri konġunti li jaġixxu abbażi tad-deċiżjonijiet konverġenti għandha madankollu tkun distinta mill-każ ta' proċessur, peress li dan tal-aħħar – waqt li jipparteċipa fit-twettiq ta' proċessar – ma jipproċessax id-*data* għall-għanijiet tiegħu stess iżda jwettaq l-ipproċessar f'isem il-kontrollur.

56. Il-fatt li waħda mill-partijiet ma jkollhiex aċċess għal *data* personali pproċessata mhuwiex biżżejjed biex jiġi eskluż il-kontroll konġunt.²⁰ Pereżempju, f'*Jehovah's Witnesses*, il-QĠUE kkunsidrat li komunità reliġjuża trid tiġi kkunsidrata bħala kontrollur, flimkien mal-membri tagħha li jipparteċipaw fl-ippridkar, tal-ipproċessar ta' *data* personali mwettaq minn dawn tal-aħħar fil-kuntest tal-ippridkar bieb bieb.²¹ Il-QĠUE kkunsidrat li ma kienx meħtieġ li l-komunità jkollha aċċess għad-*data* inkwistjoni, jew li tistabbilixxi li dik il-komunità kienet tat lill-membri tagħha linji gwida bil-miktub jew struzzjonijiet fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data*.²² Il-komunità pparteċipat fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi billi organizzat u kkoordinat l-attivitajiet tal-membri tagħha, li għenu biex jintlaħaq l-objettiv tal-komunità tax-Xhieda ta' Ġeħova.²³ Barra minn hekk, il-komunità kellha għarfien, b'mod ġenerali, tal-fatt li dan l-ipproċessar twettaq għall-finijiet tat-tixrid tal-fidi tagħha.²⁴
57. Huwa importanti wkoll li jiġi enfasizzat, kif iċċarat mill-QĠUE, li entità tiġi kkunsidrata biss bħala kontrollur konġunt mal-oħrajn fir-rigward ta' dawk l-operazzjonijiet li għalihom tiddetermina, flimkien ma' oħrajn, il-mezzi u l-għanijiet tal-istess ipproċessar ta' *data* b'mod partikolari f'każ ta' deċiżjonijiet konverġenti. Jekk waħda minn dawn l-entitajiet tiddeċiedi waħedha l-għanijiet u l-mezzi tal-operazzjonijiet li jippreċedu jew li jkunu sussegwenti fil-katina ta' pproċessar, din l-entità trid tiġi kkunsidrata bħala l-uniku kontrollur ta' din l-operazzjoni preċedenti jew sussegwenti.²⁵

¹⁹ Tabilħaqq, l-arranġamenti kummerċjali kollha jinvolvu deċiżjonijiet konverġenti bħala parti mill-proċess li bih jintlaħaq ftehim.

²⁰ Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, ECLI:EU:C:2018:388, paragrafu 38.

²¹ Sentenza f'*Jehovah's witnesses*, C-25/17, ECLI:EU:C:2018:551, paragrafu 75.

²² Ibid.

²³ Ibid, paragrafu 71.

²⁴ Ibid.

²⁵ Sentenza f'*Fashion ID*, C-40/17, ECLI:EU:2018:1039, paragrafu 74 "Min-naħa l-oħra, u bla ħsara għal responsabbiltà ċivili eventwali prevista mid-dritt nazzjonali f'dan ir-rigward, din il-persuna fiżika jew ġuridika ma tistax titqies bħala kontrollur, fis-sens tal-imsemmija dispożizzjoni, mill-operazzjonijiet preċedenti jew sussegwenti tal-katina ta' pproċessar li fir-rigward tagħha hija la tiddetermina l-finijiet u lanqas il-mezzi".

58. L-eżistenza ta' responsabbiltà kondiviża ma twassalx neċessarjament għal responsabbiltà ekwivalenti tad-diversi operatori fl-ipproċessar ta' *data* personali. Għall-kuntrarju, il-QĠUE kkjarifikat li dawn l-atturi jistgħu jkunu involuti fi stadji differenti ta' dan l-ipproċessar u bi gradi differenti sabiex il-livell ta' responsabbiltà ta' kull wieħed minnhom irid jiġi vvalutat billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi kollha rilevanti tal-każ partikolari.

3.2.2.1 *Għanijiet iddeterminati b'mod konġunt*

59. Il-kontroll konġunt jeżisti meta l-entitajiet involuti fl-istess ipproċessar iwettqu l-ipproċessar għal għanijiet definiti b'mod konġunt. Dan ikun il-każ jekk l-entitajiet involuti jipproċessaw id-*data* għall-istess għanijiet jew għal għanijiet komuni.

60. Barra minn hekk, meta l-entitajiet ma jkollhomx l-istess għan għall-ipproċessar, il-kontroll konġunt jista' wkoll, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-QĠUE, jiġi stabbilit meta l-entitajiet involuti jseguw għanijiet li jkunu marbuta mill-qrib jew li jkunu komplementari. Dan jista' jkun il-każ, pereżempju, meta jkun hemm benefiċċju reċiproku li jirriżulta mill-istess operazzjoni ta' pproċessar, sakemm kull waħda mill-entitajiet involuti tipparteċipa fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-operazzjoni ta' pproċessar rilevanti. Madankollu, il-kunċett ta' benefiċċju reċiproku mhux deċiżiv u jista' jkun biss indikazzjoni. Fil-kawża *Fashion ID*, pereżempju, il-QĠUE kkjarifikat li operatur ta' sit web jipparteċipa fid-determinazzjoni tal-għanijiet (u l-mezzi) tal-ipproċessar billi jinkorpora plug-in soċjali fuq sit web sabiex jottimizza r-reklamar tal-prodotti tiegħu billi jagħmilhom aktar viżibbli fuq in-network soċjali. Il-QĠUE kkunsidrat li l-operazzjonijiet ta' pproċessar kkonċernati twettqu fl-interessi ekonomiċi kemm tal-operatur tas-sit web kif ukoll tal-fornitur tal-plug-in soċjali.²⁶

61. Bl-istess mod, kif innotat mill-QĠUE f'*Wirtschaftsakademie*, l-ipproċessar ta' *data* personali permezz ta' statistika tal-viżitaturi fuq paġna tal-ammiraturi huwa maħsub biex jippermetti li Facebook ittejjeb is-sistema tiegħu ta' reklamar trażmess permezz tan-network tiegħu u biex jippermetti li l-amministratur tal-paġna tal-ammiraturi jikseb statistika għall-ġestjoni tal-promozzjoni tal-attività tiegħu.²⁷ F'dan il-każ, kull entità ssegwi l-interess proprju tagħha imma ż-żewġ partijiet jipparteċipaw fid-determinazzjoni tal-għanijiet (u l-mezzi) tal-ipproċessar ta' *data* personali fir-rigward tal-viżitaturi fuq il-paġna tal-ammiraturi.²⁸

62. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jiġi enfasizzat li s-sempliċi eżistenza ta' benefiċċju reċiproku (eż. kummerċjali) li jirriżulta minn attività ta' pproċessar ma twassalx għal kontroll konġunt. Jekk l-entità involuta fl-ipproċessar ma ssegwix xi għan proprju tagħha fir-rigward tal-attività ta' pproċessar, iżda tkun sempliċement qed tiġi mħallsa għas-servizzi mogħtija, tkun qed tagħxi bħala proċessur aktar milli bħala kontrollur konġunt.

3.2.2.2 *Mezzi determinati b'mod konġunt*

63. Il-kontroll konġunt jeħtieġ ukoll li żewġ entitajiet jew aktar ikunu eżerċitaw influwenza fuq il-mezzi tal-ipproċessar. Dan ma jfissirx li, biex jeżisti l-kontroll konġunt, kull entità involuta teħtieġ li fil-każijiet kollha tiddetermina l-mezzi kollha. Tabilħaqq, kif ikkjarifikat il-QĠUE, entitajiet differenti jistgħu jkunu involuti fi stadji differenti ta' dan l-ipproċessar u fi gradi differenti. Kontrolluri konġunti differenti jistgħu għaldaqstant jiddefinixxu l-mezzi tal-ipproċessar sa grad differenti, skont min ikun effettivament f'pożizzjoni li jagħmel dan.

64. Jista' jkun ukoll il-każ li waħda mill-entitajiet involuti tipprovdi l-mezzi tal-ipproċessar u tagħmilhom disponibbli għall-attivitajiet tal-ipproċessar ta' *data* personali minn entitajiet oħra. L-entità li tiddeċiedi

²⁶ Sentenza f'*Fashion ID*, C-740/17, ECLI:EU:C:2018:1039, paragrafu 80.

²⁷ Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, ECLI:EU:C:2018:388, paragrafu 34.

²⁸ Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, ECLI:EU:C:2018:388, paragrafu 39.

li tagħmel użu minn dawn il-mezzi sabiex id-*data* personali tkun tista' tiġi pproċessata għal għan partikolari tipparteċipa wkoll fid-determinazzjoni tal-mezzi tal-ipproċessar.

65. Dan ix-xenarju jista' jirriżulta b'mod notevoli f'każ ta' pjattaformi, għodod standardizzati, jew infrastruttura oħra li tippermetti li l-partijiet jipproċessaw l-istess *data* personali u li tkun ġiet stabbilita b'ċertu mod minn waħda mill-partijiet biex tintuża minn oħrajn li jistgħu wkoll jiddeċiedu kif jistabbilixxuha.²⁹ L-użu ta' sistema teknika diġà eżistenti ma jeskludix il-kontroll konġunt meta l-utenti tas-sistema jistgħu jiddeċiedu dwar l-ipproċessar ta' *data* personali li jkollu jitwettaq f'dan il-kuntest.
66. Bħala eżempju ta' dan, il-QĠUE ddeċidiet f'*Wirtschaftsakademie* li l-amministratur ta' paġna tal-ammiraturi ospitata fuq Facebook, billi jiddefinixxi l-parametri bbażati fuq l-udjenza fil-mira tiegħu u l-għanijiet tal-ġestjoni u l-promozzjoni tal-attivitajiet tiegħu, irid jiġi kkunsidrat bħala li qed jieħu sehem fid-determinazzjoni tal-mezzi tal-ipproċessar ta' *data* personali b'rabta mal-persuni li jaċċedu l-paġna tal-ammiraturi tiegħu.
67. Barra minn hekk, l-għażla magħmula minn entità biex tuża għall-għanijiet tagħha stess għodda jew sistema oħra żviluppata minn entità oħra, li tippermetti l-ipproċessar ta' *data* personali, x'aktarx tammonta għal deċiżjoni konġunta dwar il-mezzi ta' dan l-ipproċessar minn dawn l-entitajiet. Dan isegwi mill-kawża ta' Fashion ID fejn il-QĠUE kkonkludiet, li bl-inkorporazzjoni fuq is-sit web tagħha tal-buttna 'Jogħġobni' ta' Facebook magħmula disponibbli minn Facebook għall-operaturi ta' siti web, Fashion ID eżerċitat influwenza deċiżiva fir-rigward tal-operazzjonijiet li jinvolvu l-ġbir u t-trażmissjoni tad-*data* personali tal-persuni li jaċċedu s-sit web tagħha għal Facebook u għaldaqstant kienet iddeterminat b'mod konġunt ma' Facebook il-mezzi ta' dan l-ipproċessar.³⁰
68. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li **l-użu ta' sistema jew infrastruttura komuni ta' pproċessar ta' *data* ma twassalx fil-każijiet kollha biex tikkwalifika lill-partijiet involuti bħala kontrolluri konġunti**, b'mod partikolari fejn l-ipproċessar li jwettqu huwa separabbli u jista' jitwettaq minn parti waħda mingħajr l-intervent mill-oħra jew fejn il-fornitur huwa proċessur fin-nuqqas ta' kwalunkwe għan tiegħu proprju (l-eżistenza ta' sempliċi benefiċċju kummerċjali għall-partijiet involuti mhux biżżejjed biex jikkwalifika bħala għan ta' pproċessar).

Eżempju: Aġenzija tal-ivvjaġġar

Aġenzija tal-ivvjaġġar tibgħat *data* personali tal-klijenti tagħha lil-linja tal-ajru u lil katina ta' lukandi, bil-ħsieb li tagħmel riservazzjonijiet għal pakkett tal-ivvjaġġar. Il-linja tal-ajru u l-lukanda jikkonfermaw id-disponibbiltà tas-sits u tal-kmamar mitluba. L-aġenzija tal-ivvjaġġar toħroġ id-dokumenti tal-ivvjaġġar u l-vawċers għall-klijenti tagħha. Kull wieħed mill-atturi jipproċessa d-*data* biex iwettaq l-attivitajiet tiegħu proprji u juża l-mezzi tiegħu proprji. F'dan il-każ, l-aġenzija tal-ivvjaġġar, il-linja tal-ajru u l-lukanda huma tliet kontrolluri tad-*data* differenti li qed jipproċessaw id-*data* għall-għanijiet proprji u separati tagħhom u ma hemm l-ebda kontroll konġunt.

L-aġenzija tal-ivvjaġġar, il-katina tal-lukandi u l-linja tal-ajru mbagħad jiddeċiedu li jipparteċipaw b'mod konġunt fit-twaqqif ta' pjattaforma komuni bbażata fuq l-Internet għall-għan komuni li jipprovdu pakketti tal-ivvjaġġar. Huma jaqblu dwar il-mezzi essenzjali li jkollhom jintużaw, bħal liema *data* għandha tinħażen, kif għandhom jiġu allokatu u kkonfermati r-riservazzjonijiet, u min jista' jkollu aċċess għall-informazzjoni maħżuna. Barra minn hekk, huma jiddeċiedu li jikkondividu d-*data* tal-klijenti

²⁹ Il-fornitur tas-sistema jista' jkun kontrollur konġunt jekk jiġu ssodisfati l-kriterji msemmija hawn fuq, jiġifieri jekk il-fornitur jipparteċipa fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi. Inkella, il-fornitur għandu jiġi kkunsidrat bħala proċessur.

³⁰ Sentenza f'Fashion ID, C-40/17, ECLI:EU:C:2018:1039, paragrafi 77-79.

tagħhom sabiex iwettqu azzjonijiet konġunti ta' kummerċjalizzazzjoni. F'dan il-każ, l-aġenzija tal-ivvjaġġar, il-linja tal-ajru u l-katina tal-lukandi, flimkien jiddeterminaw ir-raġuni u l-mod kif tiġi pproċessata d-*data* personali tal-klijenti rispettivi tagħhom u għaldaqstant ikunu kontrolluri konġunti fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' pproċessar relatati mal-pjattaforma komuni ta' prenotazzjoni bbażata fuq l-Internet u l-azzjonijiet konġunti ta' kummerċjalizzazzjoni. Madankollu, kull wieħed minnhom xorta jibqa' jżomm kontroll uniku fir-rigward tal-attivitajiet l-oħra ta' pproċessar barra mill-pjattaforma komuni bbażata fuq l-Internet.

Eżempju: Proġett ta' riċerka mill-istituti

Diversi istituti ta' riċerka jiddeċiedu li jipparteċipaw fi proġett speċifiku ta' riċerka konġunta u li għal dan il-għan jużaw il-pjattaforma eżistenti ta' wieħed mill-istituti involuti fil-proġett. Kull istitut idañhal *data* personali li diġà għandu fil-pjattaforma għall-iskop tar-riċerka konġunta u juża d-*data* pprovduta minn oħrajn permezz tal-pjattaforma għat-twettiq tar-riċerka. F'dan il-każ, l-istituti kollha jikkwalifikaw bħala kontrolluri konġunti għall-ipproċessar tad-*data* personali li jsir permezz tal-ħżin u l-iżvelar ta' informazzjoni minn din il-pjattaforma peress li ddeċidew flimkien l-għan tal-ipproċessar u l-mezzi li jkollhom jintużaw (il-pjattaforma eżistenti). Kull wieħed mill-istituti madankollu huwa kontrollur separat għal kwalunkwe pproċessar ieħor li jista' jitwettaq barra mill-pjattaforma għall-iskopijiet rispettivi tagħhom.

Eżempju: Operazzjoni ta' kummerċjalizzazzjoni

Il-kumpaniji A u B nedew prodott tal-marka C konġunta u jixtiequ jorganizzaw avveniment biex jippromwovu dan il-prodott. Għal dan il-għan, huma jiddeċiedu li jikkondividu d-*data* mill-bażi tad-*data* tal-klijenti u l-klijenti potenzjali tagħhom u jiddeċiedu fuq il-lista tal-mistiedna għall-avveniment fuq din il-bażi. Huma jaqblu wkoll dwar il-modalitajiet biex jintbagħtu l-inviți għall-avveniment, kif jiġbru feedback matul l-avveniment u l-azzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni ta' segwitu. Il-kumpaniji A u B jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri konġunti għall-ipproċessar ta' *data* personali b'rabta mal-organizzazzjoni tal-avveniment promozzjonali hekk kif jiddeċiedu flimkien dwar l-għan u l-mezzi essenzjali definiti b'mod konġunt tal-ipproċessar tad-*data* f'dan il-kuntest.

Eżempju: Provi kliniċi³¹

Fornitur tal-kura tas-saħħa (l-investigatur) u università (l-isponsor) jiddeċiedu li jniedu flimkien prova klinika bl-istess għan. Huma jikkollaboraw flimkien għall-abbozzar tal-protokoll tal-istudju (jiġifieri l-iskop, il-metodoloġija/id-disinn tal-istudju, id-*data* li jkollha tinġabar, il-kriterji ta' esklużjoni/inklużjoni tas-suġġett, l-użu mill-ġdid tal-bażi tad-*data* (fejn rilevanti) eċċ.). Dawn jistgħu jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri konġunti, għal din il-prova klinika billi flimkien jiddeterminaw u jaqblu dwar l-istess għan u l-mezzi essenzjali tal-ipproċessar. Il-ġbir ta' *data* personali mir-rekord mediku tal-pazjent għall-iskop ta' riċerka għandu jkun distint mill-ħżin u l-użu tal-istess *data* għall-iskop tal-kura tal-pazjent, li għaliha l-fornitur tal-kura tas-saħħa jibqa' l-kontrollur.

Fil-każ li l-investigatur ma jipparteċipax fl-abbozzar tal-protokoll (huwa jaċċetta biss il-protokoll diġà elaborat mill-isponsor), u l-protokoll ikun iddisinjat biss mill-isponsor, l-investigatur għandu jiġi kkunsidrat bħala proċessur u l-isponsor bħala l-kontrollur għal din il-prova klinika.

³¹ L-EDPB jipprova li jipprovdi aktar gwida fir-rigward tal-provi kliniċi fil-kuntest tal-Linji Gwida li ġejjin tiegħu dwar l-ipproċessar ta' *data* personali għal skopijiet ta' riċerka medika u xjentifika.

Eżempju: Persuni responsabbli mir-reklutaġġ

Il-kumpanija X tgħin lil Kumpanija Y fir-reklutaġġ ta' persunal ġdid- bis-servizz b'valur miżjud famuż tagħha "global matchz". Il-kumpanija X tfitteż kandidati adattati kemm fost is-CVs riċevuti direttament mill-Kumpanija Y kif ukoll dawk li diġà jinstabu fil-bażi tad-*data* proprja tagħha. Tali bażi tad-*data* hija maħluqa u ġestita mill-Kumpanija X innifisha. Dan jiżgura li l-Kumpanija X ittejjeb it-tqabbil bejn l-offerti ta' impjeg u persuni li qed ifittxu impjeg, biex b'hekk iżżid id-dħul tagħha. Anki jekk formalment ma ħadux deċiżjoni flimkien, il-Kumpaniji X u Y jipparteċipaw b'mod konġunt fl-ipproċessar bil-għan li jsibu kandidati xierqa abbażi ta' deċiżjonijiet konverġenti: id-deċiżjoni għall-ħolqien u l-ġestjoni tas-servizz "global matchz" għall-Kumpanija X u d-deċiżjoni tal-Kumpanija Y li ssaħħaħ il-bażi tad-*data* bis-CVs li tirċievi b'mod dirett. Tali deċiżjonijiet jikkumplimentaw lil xulxin, huma inseparabbli u meħtieġa biex iseħħ l-ipproċessar għas-sejbien ta' kandidati adattati. Għaldaqstant, f'dan il-każ partikolari għandhom jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri konġunti ta' tali pproċessar. Madankollu, il-Kumpanija X hija l-uniku kontrollur tal-ipproċessar meħtieġ għall-ġestjoni tal-bażi tad-*data* tagħha u l-Kumpanija Y hija l-uniku kontrollur tal-ipproċessar tal-kiri sussegwenti għall-iskop tagħha proprju (l-organizzazzjoni ta' intervisti, il-konklużjoni tal-kuntratt u l-ġestjoni tad-*data* tar-Riżorsi Umani).

Eżempju: L-analiżi tad-*data* dwar is-saħħa

Kumpanija ABC, l-iżviluppatur ta' applikazzjoni għall-monitoraġġ tal-pressjoni tad-demem u Kumpanija XYZ, fornitur ta' applikazzjonijiet għall-professjonisti mediċi, it-tnejn jixtiequ jeżaminaw kif it-tibdil fil-pressjoni tad-demem jista' jgħin fit-tbassir ta' ċertu mard. Il-kumpaniji jiddeċiedu li jwaqqfu proġett konġunt u jagħmlu kuntatt mal-Isptar DEF biex jiġi involut ukoll.

Id-*data* personali li tiġi pproċessata f'dan il-proġett tikkonsisti minn *data* personali li l-Kumpanija ABC, l-Isptar DEF u l-Kumpanija XYZ qed jipproċessaw b'mod separat bħala kontrolluri individwali. Id-deċiżjoni li tiġi pproċessata din id-*data* għall-valutazzjoni tat-tibdil fil-pressjoni tad-demem tittieħed b'mod konġunt mit-tliet atturi. Il-Kumpanija ABC, l-Isptar DEF u l-Kumpanija XYZ iddeterminaw b'mod konġunt l-għanijiet tal-ipproċessar. Il-Kumpanija XYZ tiegħu l-inizjattiva biex tipproponi l-mezzi essenzjali tal-ipproċessar. Kemm il-Kumpanija ABC kif ukoll l-Isptar DEF jaċċettaw dawn il-mezzi essenzjali wara li huma wkoll ġew involuti fl-iżvilupp ta' wħud mill-karatteristiċi tal-applikazzjoni sabiex ir-riżultati jkunu jistgħu jintużaw minnhom b'mod suffiċjenti. It-tliet organizzazzjonijiet għaldaqstant jaqblu li jkollhom għan komuni għall-ipproċessar li huwa l-valutazzjoni ta' kif it-tibdil fil-pressjoni tad-demem jista' jgħin fit-tbassir ta' ċertu mard. Ladarba titlesta r-riċerka, il-Kumpanija ABC, l-Isptar DEF u l-Kumpanija XYZ jistgħu jibbenefikaw mill-valutazzjoni billi jużaw ir-riżultati tagħha fl-attivitajiet tagħhom proprji. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, huma jikkwalifikaw bħala kontrolluri konġunti għal dan l-ipproċessar konġunt speċifiku.

Kieku l-Kumpanija XYZ kienet sempliċement mitluba mill-oħrajn biex twettaq din il-valutazzjoni mingħajr ma jkollha l-ebda għan proprju tagħha u sempliċement tkun qed tipproċessa d-*data* f'isem l-oħrajn, il-Kumpanija XYZ tikkwalifika bħala proċessur anke jekk kienet tkun fdata bid-determinazzjoni tal-mezzi mhux essenzjali.

3.2.3 Sitwazzjonijiet fejn ma hemm l-ebda kontroll konġunt

69. Il-fatt li bosta atturi huma involuti fl-istess ipproċessar ma jfissirx li huma neċessarjament qed jaġixxu bħala kontrolluri konġunti ta' tali pproċessar. Mhux kull tip ta' sħubija, kooperazzjoni jew kollaborazzjoni jimplika kwalifika ta' kontrolluri konġunti peress li tali kwalifika teħtieġ analiżi każ b'każ

ta' kull ipproċessar involut u r-rwol preċiż ta' kull entità fir-rigward ta' kull ipproċessar. Il-każijiet hawn taħt jipprovdu eżempji mhux eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet fejn ma hemm l-ebda kontroll konġunt.

70. Pereżempju, l-iskambju tal-istess *data* jew sett ta' *data* bejn żewġ entitajiet mingħajr mal-għanijiet ikunu determinati b'mod konġunt jew il-mezzi ta' pproċessar ikunu determinati b'mod konġunt għandu jiġi kkunsidrat bħala trażmissjoni ta' *data* bejn kontrolluri separati.

Eżempju: It-trażmissjoni ta' *data* tal-impjegati lill-awtoritajiet tat-taxxa

Kumpanija tiġbor u tipproċessa d-*data* personali tal-impjegati tagħha bl-iskop li tiġġestixxi s-salarji, l-assigurazzjonijiet tas-saħħa, eċċ. Liġi timponi obbligu fuq il-kumpanija biex tibgħat id-*data* kollha dwar is-salarji lill-awtoritajiet tat-taxxa, bil-għan li jissaħħaħ il-kontroll fiskali.

F'dan il-każ, anke jekk kemm il-kumpanija kif ukoll l-awtoritajiet tat-taxxa jipproċessaw l-istess *data* li tikkonċerna s-salarji, in-nuqqas ta' għanijiet u mezzi ddeterminati b'mod konġunt fir-rigward ta' dan l-ipproċessar tad-*data* jirriżulta fl-ikkwalifikar taż-żewġ entitajiet bħala żewġ kontrolluri tad-*data* separati.

71. Il-kontroll konġunt jista' wkoll jiġi eskluż f'sitwazzjoni fejn bosta entitajiet jużaw bażi ta' *data* kondiviża jew infrastruttura komuni, jekk kull entità tiddetermina b'mod indipendenti l-għanijiet proprji tagħha.

Eżempju: L-operazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni fi grupp ta' kumpaniji li jużaw bażi ta' *data* kondiviża:

Grupp ta' kumpaniji juża l-istess bażi tad-*data* għall-ġestjoni tal-klijenti u l-klijenti potenzjali. Tali bażi tad-*data* hija miżmuma fuq is-servers tal-kumpanija omm li għalhekk hija l-proċessur tal-kumpaniji fir-rigward tal-ħżin tad-*data*. Kull entità tal-grupp iddaħħal id-*data* tal-klijenti u tal-klijenti potenzjali tagħha stess u tipproċessa tali *data* għall-għanijiet tagħha stess. Barra minn hekk, kull entità tiddeċiedi b'mod indipendenti dwar l-aċċess, il-perjodi ta' żamma, il-korrezzjoni jew it-tħassir tad-*data* tal-klijenti u tal-klijenti potenzjali tagħha. Dawn ma jistgħux jaċċessaw jew jużaw id-*data* ta' xulxin. Is-sempliċi fatt li dawn il-kumpaniji jużaw bażi tad-*data* ta' grupp kondiviża fih innifsu ma jinvolvix kontroll konġunt. Taħt dawn iċ-ċirkostanzi, kull kumpanija hija għaldaqstant kontrollur separat.

Eżempju: Kontrolluri indipendenti meta qed tintuża infrastruttura kondiviża

Kumpanija XYZ tospita bażi tad-*data* u tagħmilha disponibbli għal kumpaniji oħra biex jipproċessaw u jżommu *data* personali dwar l-impjegati tagħhom. Il-kumpanija XYZ hija proċessur fir-rigward tal-ipproċessar u l-ħżin tal-impjegati ta' kumpaniji oħra peress li dawn l-operazzjonijiet jitwettqu f'isem u skont l-istruzzjonijiet ta' dawn il-kumpaniji l-oħra. Barra minn hekk, il-kumpaniji l-oħra jipproċessaw id-*data* mingħajr l-ebda involviment mill-Kumpanija XYZ u għal għanijiet li bl-ebda mod ma huma kondiviżi mill-Kumpanija XYZ.

72. Ukoll, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn diversi atturi suċċessivament jipproċessaw l-istess *data* personali f'katina ta' operazzjonijiet, kull wieħed minn dawn l-atturi jkollu għan indipendenti u mezzi indipendenti fil-parti tagħhom tal-katina. Fin-nuqqas ta' parteċipazzjoni konġunta fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-istess operazzjoni ta' pproċessar jew sett ta' operazzjonijiet, il-kontroll konġunt jkollu jiġi eskluż u l-atturi varji jridu jiġu kkunsidrati bħala kontrolluri indipendenti suċċessivi.

Eżempju: Analiżi statistika għal kompitu ta' interess pubbliku

Awtorità pubblika (Awtorità A) għandha l-kompitu legali li tagħmel analiżi u statistika rilevanti dwar kif tiżviluppa r-rata ta' impjeg tal-pajjiż. Biex isir dan, bosta entitajiet pubbliċi oħra huma legalment

marbuta li jiżvelaw *data* speċifika lill-Awtorità A. L-Awtorità A tiddeċiedi li tuża sistema speċifika biex tipproċessa d-*data*, li tinkludi l-ġbir. Dan ifisser ukoll li l-unitajiet l-oħra huma obbligati jużaw is-sistema għall-iżvelar tad-*data* tagħhom. F'dan il-każ, mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe attribuzzjoni ta' rwoli mil-liġi, l-Awtorità A tkun l-uniku kontrollur tal-ipproċessar għall-iskop ta' analiżi u statistika tar-rata tal-impjegjieg ipproċessata fis-sistema, minħabba li l-Awtorità A tiddetermina l-għan għall-ipproċessar, u tkun iddeċidiet kif għandu jiġi organizzat l-ipproċessar. Naturalment, l-entitajiet pubbliċi l-oħra, bħala kontrolluri għall-attivitajiet ta' pproċessar tagħhom stess, huma responsabbli biex jiżguraw l-eżattezza tad-*data* li jkunu pproċessaw preċedentement, liema *data* mbagħad jiżvelaw lill-Awtorità A.

4 DEFINIZZJONI TA' PROĊESSUR

73. Fl-Artikolu 4(8), proċessur huwa definit bħala persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor, li jipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur. Simili għad-definizzjoni ta' kontrollur, id-definizzjoni ta' proċessur tipprevedi firxa wiesgħa ta' atturi - dan jista' jkun "*persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp ieħor*". Dan ifisser li ma hemm l-ebda limitazzjoni fir-rigward tat-tip ta' attur li jista' jassumi r-rwol ta' proċessur. Dan jista' jkun organizzazzjoni, iżda jista' jkun ukoll individwu.
74. Il-GDPR jstabbilixxi obbligi direttament applikabbli speċifikament għall-proċessuri kif speċifikat aktar fil-Parti II Taqsima 1 ta' dawn il-linji gwida. Proċessur jista' jinżamm responsabbli jew jiġi mmultat f'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawn l-obbligi jew f'każ li jaġixxi barra jew kontra l-istruzzjonijiet legali tal-kontrollur.
75. L-ipproċessar ta' *data* personali jista' jinvolvi proċessuri multipli. Pereżempju, kontrollur jista' huwa stess jagħżel li jqabba b'mod dirett proċessuri multipli, billi jinvolvi proċessuri differenti fi stadji separati tal-ipproċessar (proċessuri multipli). Kontrollur jista' wkoll jiddeċiedi li jinvolvi proċessur wieħed, li min-naħa tiegħu - bl-awtorizzazzjoni tal-kontrollur - jinvolvi proċessur wieħed jew aktar ("*sotto-proċessur(i)*"). L-attività ta' pproċessar f-*data* lill-proċessur tista' tkun limitata għal komputu jew kuntest ferm speċifiku jew tista' tkun aktar ġenerali u estiża.
76. Żewġ kundizzjonijiet bażiċi għall-ikkwalifikar bħala proċessur huma:
 - a) li tkun *entità separata* fir-rigward tal-kontrollur u
 - b) li tipproċessa *data* personali f'isem il-kontrollur.
77. *Entità separata* tfisser li l-kontrollur jiddeċiedi li jiddelega l-attivitajiet tal-ipproċessar kollha jew parti minnhom lil organizzazzjoni esterna. Fi grupp ta' kumpaniji, kumpanija waħda tista' tkun proċessur għal kumpanija oħra li taġixxi bħala kontrollur, peress li ż-żewġ kumpaniji huma entitajiet separati. Min-naħa l-oħra, dipartiment fi ħdan kumpanija ma jistax ikun proċessur għal dipartiment ieħor fl-istess entità.
78. Jekk il-kontrollur jiddeċiedi li jipproċessa d-*data* huwa stess, billi juża r-riżorsi proprji tiegħu fi ħdan l-organizzazzjoni tiegħu, pereżempju permezz tal-persunal tiegħu stess, din mhix sitwazzjoni ta' proċessur. Impjegati u persuni oħra li qed jaġixxu taħt l-awtorità diretta tal-kontrollur, bħal persunal impjegat b'mod temporanju, ma għandhomx jitqiesu bħala proċessuri peress li dawn jipproċessaw *data* personali bħala parti mill-entità tal-kontrollur. F'konformità mal-Artikolu 29, huma marbuta wkoll bl-istruzzjonijiet tal-kontrollur.

79. *L-ipproċessar ta' data personali f'isem il-kontrollur*, l-ewwel nett, jirrikjedi li l-entità separata tipproċessa *data* personali għall-benefiċċju tal-kontrollur. Fl-Artikolu 4(2), l-ipproċessar huwa definit bħala kunċett li jinkludi firxa wiesgħa ta' operazzjonijiet li jvarjaw minn ġbir, ħażna u konsultazzjoni għall-użu, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b'xi mezz ieħor u l-qerda.. Il-kunċett ta' "proċessar" huwa deskritt f'aktar dettall taħt 2.1.5.
80. It-tieni nett, l-ipproċessar irid jitwettaq f'isem kontrollur iżda inkella taħt l-awtorità jew il-kontroll dirett tiegħu. Li taġixxi "f'isem" tfisser li taqdi l-interess ta' persuna oħra u tfakkar fil-kunċett legali ta' "delegazzjoni". Fir-rigward tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, proċessur huwa msejjaħ jimplementa l-istruzzjonijiet mogħtija mill-kontrollur tal-anqas fir-rigward tal-għan tal-ipproċessar u l-elementi essenzjali tal-mezzi. Il-legalità tal-ipproċessar f'konformità mal-Artikolu 6, u jekk rilevanti mal-Artikolu 9, tar-Regolament tiġi derivata mill-attività tal-kontrollur u l-proċessur ma jistax jipproċessa d-*data* għajr skont l-istruzzjonijiet tal-kontrollur. Anke hekk, kif deskritt hawn fuq, l-istruzzjonijiet tal-kontrollur xorta jistgħu jħallu ċertu grad ta' diskrezzjoni dwar kif jiġu servuti bl-aħjar mod l-interessi tal-kontrollur, li jippermettu li l-proċessur jagħżel l-aktar mezzi tekniċi u organizzattivi xierqa.³²
81. Li taġixxi "f'isem" tfisser ukoll li l-proċessur ma jistax iwettaq l-ipproċessar għall-għan(ijiet) tiegħu proprju/i. Kif previst fl-Artikolu 28(10), proċessur jikser il-GDPR jekk imur lil hinn mill-istruzzjonijiet tal-kontrollur u jibda jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tiegħu proprji fir-rigward tal-ipproċessar. Il-proċessur jitqies bħala kontrollur fir-rigward ta' dak l-ipproċessar u jista' jkun soġġett għal sanzjonijiet talli jkun mar lil hinn mill-istruzzjonijiet tal-kontrollur.

Eżempju: Fornitur tas-servizz imsejjaħ proċessur tad-*data* iżda li jaġixxi bħala kontrollur

Il-fornitur tas-servizz MarketinZ jipprovdi reklamar promozzjonali u servizzi ta' kummerċjalizzazzjoni diretta lil diversi kumpaniji. Il-Kumpanija GoodProductZ tikkonkludi kuntratt ma' MarketinZ, skont liema din il-kumpanija tipprovdi reklamar kummerċjali għall-klijenti ta' GoodProductZ u tissejjaħ proċessur tad-*data*. Madankollu, MarketinZ tiddeċiedi li tuża l-bażi tad-*data* tal-klijenti ta' GoodProducts anke għal skopijiet oħra għajr ir-reklamar għal GoodProducts, bħalma huwa l-iżvilupp tal-attività kummerċjali tagħha stess. Id-deċiżjoni li jiżdied għan addizzjonali ma' dak li għalih ġiet trasferita d-*data* personali tbiddel lil MarketinZ f'kontrollur tad-*data* għal dan is-sett ta' operazzjonijiet ta' pproċessar u l-ipproċessar tagħha għal dan il-għan jikkostitwixxi ksur tal-GDPR.

82. L-EDPB ifakkar li mhux kull fornitur ta' servizz li jipproċessa *data* personali waqt li qed jagħti servizz huwa "proċessur" fis-sens tal-GDPR. Ir-rwol ta' proċessur ma jirriżultax min-natura ta' entità li qed tipproċessa d-*data* iżda mill-attivitajiet konkreti tagħha f'kuntest speċifiku. Fi kliem ieħor, l-istess entità tista' taġixxi fl-istess ħin bħala kontrollur għal ċerti operazzjonijiet ta' pproċessar u bħala proċessur għal oħrajn, u l-kwalifika bħala kontrollur jew proċessur trid tiġi vvalutata fir-rigward ta' settijiet speċifiċi ta' *data* jew ta' operazzjonijiet. In-natura tas-servizz tiddetermina jekk l-attività tal-ipproċessar tammontax għal proċessar ta' *data* personali f'isem il-kontrollur skont it-tifsira tal-GDPR. Fil-prattika, fejn is-servizz ipprovdu ma jkunx speċifikament immirat lejn l-ipproċessar ta' *data* personali jew fejn tali pproċessar ma jikkostitwixxix element ewlieni tas-servizz, il-fornitur tas-servizz jista' jkun f'pożizzjoni li jiddetermina b'mod indipendenti l-għanijiet u l-mezzi ta' dak l-ipproċessar li huwa meħtieġ sabiex jiġi pprovdu is-servizz. F'dik is-sitwazzjoni, il-fornitur tas-servizz għandu jitqies bħala kontrollur separat u mhux bħala proċessur.³³ Madankollu, jibqa' l-ħtieġa ta' analiżi każ b'każ, sabiex jiġi

³² Ara Parti I, Sottotaqsima 2.1.4 li tiddekrivi d-distinzjoni bejn mezzi essenzjali u mhux essenzjali.

³³ Ara wkoll il-Premessa 81 tal-GDPR, li tirreferi għal "jafda proċessur bl-attivitajiet tal-ipproċessar", li tindika li l-attività tal-ipproċessar bħala tali hija parti importanti mid-deċiżjoni tal-kontrollur li jagħmel talba lil proċessur biex jipproċessa *data* personali f'ismu.

aċċertat il-grad ta' influwenza li kull entità effettivament għandha fid-determinazzjoni tal-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar.

Eżempju: Servizz tat-taksis

Servizz tat-taksis joffri pjattaforma online li tippermetti li kumpaniji jibbukkwaw taksi biex jittrasportaw impjegati jew mistednin lejn u mill-ajruport. Meta tibbukkja taksi, Kumpanija ABC tispesifika l-isem tal-impjegat li għandu jinġabar mill-ajruport sabiex ix-xufier ikun jista' jikkonferma l-identità tal-impjegat fil-mument tal-ġbir. F'dan il-każ, is-servizz tat-taksis jipproċessa d-*data* personali tal-impjegat bħala parti mis-servizz tiegħu lill-Kumpanija ABC, iżda l-ipproċessar bħala tali mhuwiex il-mira tas-servizz. Is-servizz tat-taksis fassal il-pjattaforma tal-ibbukkwjar online bħala parti mill-iżvilupp tal-attività tan-negozju tiegħu stess biex jipprovdi servizzi tat-trasport, mingħajr l-ebda struzzjoni mill-Kumpanija ABC. Is-servizz tat-taksis jiddetermina wkoll b'mod indipendenti l-kategoriji tad-*data* li jiġbor u kemm idum il-perjodu ta' żamma. Għaldaqstant, is-servizz tat-taksis jaġixxi bħala kontrollur għalih innifsu, minkejja l-fatt li l-ipproċessar iseħħ wara talba għal servizz mill-Kumpanija ABC.

83. L-EDPB jinnotta li fornitur tas-servizz xorta jista' jkun qed jaġixxi bħala proċessur anke jekk l-ipproċessar ta' *data* personali mhuwiex l-oġġett ewlieni jew primarju tas-servizz, sakemm il-klijent tas-servizz xorta jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar fil-prattika. Meta jikkunsidraw jekk jafdawx jew le l-ipproċessar ta' *data* personali lil fornitur ta' servizz partikolari, il-kontrolluri għandhom jivvalutaw bir-reqqa jekk il-fornitur tas-servizz inkwistjoni jippermettilhomx li jeżerċitaw grad suffiċjenti ta' kontroll, filwaqt li jikkunsidraw in-natura, il-kamp ta' applikazzjoni, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji potenzjali għas-suġġetti tad-*data*.

Eżempju: Ċentru telefoniku

Kumpanija X testernalizza l-appoġġ tal-klijent tagħha lil Kumpanija Y li tipprovdi ċentru telefoniku sabiex tgħin lill-klijenti tal-Kumpanija X bil-mistoqsijiet tagħhom. Is-servizz ta' appoġġ għall-klijent ifisser li l-Kumpanija Y irid ikollha aċċess għall-bażijiet tad-*data* tal-klijent tal-Kumpanija X. Il-Kumpanija Y tista' taċċessa biss id-*data* sabiex tipprovdi l-appoġġ li akkwistat il-Kumpanija X u ma tistax tipproċessa d-*data* għal għanijiet oħra għajr dawk iddikjarati mill-Kumpanija X. Kumpanija Y għandha tiġi kkunsidrata bħala proċessur ta' *data* personali u jrid jiġi konkluż ftehim ta' proċessur bejn il-Kumpanija X u Y.

Eżempju: Sostenn ġenerali għall-IT

Kumpanija Z tqabbd fornitur tas-servizz tal-IT biex iwettaq sostenn ġenerali fuq is-sistemi tal-IT tagħha li jinkludu ammont kbir ta' *data* personali. L-aċċess għal *data* personali mhuwiex l-oġġett ewlieni tas-servizz ta' sostenn iżda huwa inevitabli li l-fornitur tas-servizz tal-IT ikollu aċċess sistematiku għad-*data* personali meta jwettaq is-servizz. Il-Kumpanija Z għaldaqstant tikkonkludi li l-fornitur tas-servizz tal-IT - billi huwa kumpanija separata u inevitabbilment huwa meħtieġ li jipproċessa *data* personali anke jekk dan mhuwiex l-għan ewlieni tas-servizz – għandu jiġi kkunsidrat bħala proċessur. Ftehim ta' proċessur huwa għaldaqstant konkluż mal-fornitur tas-servizz tal-IT.

Eżempju: Konsulent tal-IT biex isib soluzzjonijiet għal żball f'software

Kumpanija ABC tqabbd speċjalista tal-IT minn kumpanija oħra biex isib soluzzjoni għal żball f'software li qed jintuża mill-kumpanija. Il-konsulent tal-IT mhux imqabbd biex jipproċessa *data* personali, u l-Kumpanija ABC tiddetermina li kwalunkwe aċċess għal *data* personali jkun purament inċidentali u

għaldaqstant ferm limitat fil-prattika. Għaldaqstant, ABC tikkonkludi li l-ispeċjalista tal-IT mhuwiex proċessur (u lanqas kontrollur fih innifsu) u li l-Kumpanija ABC għandha tiegħu l-miżuri xierqa skont l-Artikolu 32 tal-GDPR sabiex tipprevjeni lill-konsulent tal-IT milli jipproċessa *data* personali b'mod mhux awtorizzat.

84. Kif iddikjarat hawn fuq, xejn ma jimpedixxi lill-proċessur milli joffri servizz definit b'mod preliminari iżda l-kontrollur irid jieħu d-deċiżjoni finali biex japprova b'mod attiv il-mod kif jitwettaq l-ipproċessar, tal-anqas safejn jikkonċerna l-mezzi essenzjali tal-ipproċessar. Kif iddikjarat hawn fuq, proċessur għandu marġini ta' manuvra fir-rigward ta' mezzi mhux essenzjali, ara hawn fuq taħt is-Sottotaqsima 2.1.4.

Eżempju: Fornitur ta' servizz ta' cloud

Muniċipalitè ddeċidiet li tuża fornitur ta' servizz ta' cloud biex tittratta informazzjoni fis-servizzi tal-iskejjel u tal-edukazzjoni tagħha. Is-servizz tal-cloud jipprovdi servizzi ta' messaggġi, vidjokonferenzi, ħżin ta' dokumenti, għestjoni tal-kalendarju, word processing, eċċ u jinvolvi l-ipproċessar ta' *data* personali dwar tfal u għalliema fl-iskejjel. Il-fornitur ta' servizz ta' cloud joffri servizz standardizzat li jiġi offrut mad-dinja kollha. Madankollu, il-muniċipalitè trid tiżgura li l-ftehim fis-seħħ jikkonforma mal-Artikolu 28(3) tal-GDPR, li d-*data* personali li tagħha hija kontrollur tiġi pproċessata għall-għanijiet tal-muniċipalitè biss. Trid tiżgura wkoll li l-istruzzjonijiet speċifiċi tagħha dwar il-perjodi ta' ħżin, it-tħassir tad-*data*, eċċ jiġu rispettati mill-fornitur ta' servizz ta' cloud irrispettivament minn dak li ġeneralment jiġi offrut fis-servizz standardizzat.

5 DEFINIZZJONI TA' PARTI TERZA/RIĊEVITUR

85. Ir-Regolament mhux biss jiddefinixxi l-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur iżda wkoll il-kunċetti ta' riċevitur u ta' parti terza. Għall-kuntrarju tal-kunċetti ta' kontrollur u ta' proċessur, ir-Regolament ma jistabbilixxi l-ebda obbligu jew responsabbiltà speċifiċi għal riċevituri u partijiet terzi. Jista' jingħad li dawn huma kunċetti relattivi fis-sens li jiddeskrivu relazzjoni ma' kontrollur jew proċessur minn perspettiva speċifika, eż. kontrollur jew proċessur jiżvela *data* lil riċevitur. Riċevitur ta' *data* personali u parti terza jistgħu b'mod simultanju jitqiesu bħala kontrollur jew proċessur minn perspettivi oħra. Pereżempju, entitajiet li għandhom jitqiesu bħala riċevituri jew partijiet terzi minn perspettiva waħda, huma l-kontrolluri għall-ipproċessar li għalih jiddeterminaw l-għan u l-mezzi.

Parti terza

86. L-Artikolu 4(10) jiddefinixxi "*parti terza*" bħala persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew korp għajr
- is-sugġett tad-*data*,
 - il-kontrollur,
 - il-proċessur u
 - l-persuni li, taħt l-awtorità diretta tal-kontrollur jew tal-proċessur, ikunu awtorizzati li jipproċessaw id-*data* personali.
87. Id-definizzjoni tikkorrispondi b'mod ġenerali mad-definizzjoni preċedenti ta' "*parti terza*" fid-Direttiva 95/46/KE.
88. Filwaqt li t-termini "*data personali*", "*suġġett tad-data*", "*kontrollur*" u "*proċessur*" huma definiti fir-Regolament, il-kunċett ta' "*persuni li, taħt l-awtorità diretta tal-kontrollur jew tal-proċessur, ikunu*

awtorizzati li jipproċessaw id-data personali” mhuwiex definit. Madankollu, ġeneralment huwa mifhum li jirreferi għal persuni li jappartjenu għall-entità legali tal-kontrollur jew tal-proċessur (impjegat jew rwol ferm komparabbli ma’ dak tal-impjegati, eż. persunal interim ipprovdut permezz ta’ aġenzija tal-impjeg temporanju) iżda biss sakemm dawn ikunu awtorizzati li jipproċessaw *data* personali. Impjegat, eċċ, li jikseb aċċess għal *data* li mhux awtorizzat li jaċċessa u għal għanijiet oħra għajr dak tal-impjegatur ma jaqax taħt din il-kategorija. Minflok, dan l-impjegat għandu jiġi kkunsidrat bħala parti terza vis-à-vis l-ipproċessur imwettaq mill-impjegatur. Sakemm l-impjegat jipproċessa d-*data* personali għall-għanijiet tiegħu proprji, distinti minn dawk tal-impjegatur tiegħu, huwa mbagħad jiġi kkunsidrat bħala kontrollur u jerfa’ l-konsegwenzi u r-responsabbiltajiet kollha li jirriżultaw f’termini ta’ pproċessur ta’ *data* personali.³⁴

89. Għaldaqstant, parti terza tirreferi għal persuna li, fis-sitwazzjoni speċifika attwali, ma tkunx suġġett tad-*data*, kontrollur, proċessur jew impjegat. Pereżempju, il-kontrollur jista’ jqabba proċessur u jagħtih struzzjonijiet biex jittrasferixxi d-*data* personali lil parti terza. Din il-parti terza mbagħad titqies bħala kontrollur bi dritt għall-ipproċessur li twettaq għall-għanijiet proprji tagħha. Ta’ min jinnota li, fi ħdan grupp ta’ kumpaniji, kumpanija għajr il-kontrollur jew il-proċessur tkun parti terza, anke jekk tappartjeni għall-istess grupp bħala l-kumpanija li tagħxi bħala kontrollur jew proċessur.

Eżempju: Servizzi ta’ tindif

Kumpanija A tikkonkludi kuntratt ma’ kumpanija tas-servizzi ta’ tindif biex tnaddaf l-uffiċċji tagħha. Il-fattigi mhux support ikollhom aċċess jew inkella jipproċessaw id-*data* personali. Anki jekk kultant jistgħu jiltaqgħu ma’ tali *data* meta jkunu qed iduru fl-uffiċċju, dawn jistgħu jwettqu l-kompitu tagħhom mingħajr ma jkollhom aċċess għad-*data* u kuntrattwalment huma pprojbiti li jaċċessaw jew inkella jipproċessaw *data* personali li l-Kumpanija A żżomm bħala kontrollur. Il-fattigi mhumix impjegati mill-Kumpanija A u lanqas ma jitqiesu li huma taħt l-awtorità diretta ta’ din il-kumpanija. Ma hemm l-ebda intenzjoni li l-kumpanija tas-servizz ta’ tindif jew l-impjegati tagħha jiġu involuti biex jipproċessaw *data* personali f’isem il-Kumpanija A. Il-kumpanija tas-servizz ta’ tindif u l-impjegati tagħha għalhekk għandhom jitqiesu bħala parti terza u l-kontrollur irid jiżgura li hemm miżuri ta’ sigurtà adegwati biex jipprevjenu li dawn ikollhom aċċess għad-*data* u jistabbilixxi dmir ta’ kunfidenzjalità f’każ li aċċidentalment jiltaqgħu ma’ *data* personali.

Eżempju: Gruppi ta’ kumpaniji – kumpanija omm u kumpaniji sussidjarji

Kumpaniji X u Y jiffurmaw parti mill-Grupp Z. Il-Kumpaniji X u Y it-tnejn jipproċessaw *data* dwar l-impjegati rispettivi tagħhom għal skopijiet ta’ amministrazzjoni tal-impjegati. F’mument partikolari, il-kumpanija omm ZZ tiddeċiedi li tagħmel talba għal *data* dwar l-impjegati mill-kumpaniji sussidjarji kollha sabiex tipproduċi statistika għall-grupp kollu. Meta qed tittrasferixxi d-*data* mill-kumpaniji X u Y għal ZZ, din tal-aħħar għandha tiġi kkunsidrata bħala parti terza irrispettivament mill-fatt li l-kumpaniji kollha huma parti mill-istess grupp. Il-Kumpanija ZZ tiġi kkunsidrata bħala l-kontrollur għall-ipproċessur tad-*data* għall-għanijiet statistiċi.

³⁴ L-impjegatur (bħala l-kontrollur oriġinali) jista’ madankollu jżomm xi responsabbiltà f’każ li l-ipproċessur il-ġdid iseħħ minħabba nuqqas ta’ miżuri ta’ sigurtà adegwati.

Riċevitur

90. L-Artikolu 4(9) jiddefinixxi “*riċevitur*” bħala persuna fiżika jew ġuridika, awtorità pubblika, aġenzija jew kwalunkwe korp ieħor, li lilha tiġi żvelata d-*data* personali, irrISPettivament milli huwiex parti terza jew le. L-awtoritajiet pubbliċi madankollu ma għandhomx jitqiesu bħala riċevituri meta jirċievu *data* personali fil-qafas ta’ inkjesta partikolari f’konfomità mal-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru (eż. l-awtoritajiet tat-taxxa u u doganali, unitajiet ta’ investigazzjoni finanzjarja, eċċ.)³⁵
91. Id-definizzjoni tikkorrispondi b’mod ġenerali mad-definizzjoni preċedenti ta’ “*riċevitur*” fid-Direttiva 95/46/KE.
92. Id-definizzjoni tkopri kull persuna li tirċievi *data* personali, kemm jekk tkun parti terza u kemm jekk le. Pereżempju, meta kontrollur jibgħat *data* personali lil entità oħra, jew proċessur jew parti terza, din l-entità tkun riċevitur. Parti terza riċevitur għandha tiġi kkunsidrata bħala kontrollur għal kwalunkwe proċessar li twettaq għall-għan(ijiet) tagħha stess wara li tirċievi d-*data*.

Eżempju: L-iżvelar ta’ *data* bejn il-kumpaniji

L-aġenzija tal-ivvjaġġar ExploreMore tagħmel arranġamenti ta’ vjaġġi fuq talba mill-klijenti individwali tagħha. Fi ħdan dan is-servizz, hija tibgħat id-*data* personali tal-klijenti lil-linji tal-ajru, lil-lukandi u lill-organizzazzjonijiet ta’ eskursjonijiet sabiex dawn iwettqu s-servizzi rISPettivi tagħhom. ExploreMore, il-lukandi, il-linji tal-ajru u l-fornituri tal-eskursjonijiet għandhom jitqiesu kull wieħed bħala kontrollur għall-ipproċessar li jwettqu fi ħdan is-servizzi rISPettivi tagħhom. Ma hemm l-ebda relazzjoni bejn il-kontrollur u l-proċessur. Madankollu, il-linji tal-ajru, il-lukandi u l-fornituri tal-eskursjonijiet għandhom jiġu kkunsidrati bħala riċevituri meta jkunu qed jirċievu d-*data* personali minn ExploreMore.

PARTI II – KONSEGWENZI TA’ ATTRIBUZZJONI TA’ RWOLI DIFFERENTI

1 IR-RELAZZJONI BEJN IL-KONTROLLUR U L-PROĊESSUR

93. Karatteristika ġdida distinta fil-GDPR ikunu d-dispożizzjonijiet li jimponu obbligi b’mod dirett fuq il-proċessuri. Pereżempju, proċessur irid jiżgura li persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom għall-kunfidenzjalità (l-Artikolu 28(3)); proċessur irid iżomm rekord tal-kategoriji kollha ta’ attivitajiet ta’ pproċessar (l-Artikolu 30(2)) u jrid jimplementa miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa (l-Artikolu 32). Proċessur irid ukoll jaħtar uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data* taħt ċerti kundizzjonijiet (l-Artikolu 37) u jkollu d-dmir li jinnotifika lill-kontrollur mingħajr dewmien żejjed wara li jkun sar jaf bi ksur tad-*data* personali (l-Artikolu 33(2)). Barra minn hekk, ir-regoli dwar it-trasferimenti ta’ *data* lil pajjiżi terzi (Kapitolu V) japplikaw għall-proċessuri kif ukoll għall-kontrolluri. F’dan ir-rigward, l-EDPB jikkunsidra li l-Artikolu 28(3) tal-GDPR, filwaqt li jagħmel mandat ta’ kontenut speċifiku għall-kuntratt meħtieġ bejn il-kontrollur u l-proċessur, jimponi obbligi diretti fuq il-proċessuri, inkluż id-dmir li jassistu lill-kontrollur biex jiżgura l-konformità.³⁶

1.1 L-għażla tal-proċessur

³⁵ Ara wkoll il-Premessa 31 tal-GDPR

³⁶ Pereżempju, il-proċessur għandu jassisti lill-kontrollur, fejn meħtieġ u fuq talba, biex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi relatati mal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* (Premessa 95 tal-GDPR). Dan jeħtieġ li jkun rifless fil-kuntratt bejn il-kontrollur u l-proċessur skont l-Artikolu 28(3)(f) tal-GDPR.

94. Il-kontrollur għandu d-**dover li juża “biss proċessuri li jagħtu garanziji suffiċjenti** biex jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa”, sabiex l-ipproċessar jissodisfa r-rekwiżiti tal-GDPR - anke għas-sigurtà tal-ipproċessar - u jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data*.³⁷ Għaldaqstant, il-kontrollur huwa responsabbli għall-valutazzjoni tas-suffiċjenza tal-garanziji pprovduti mill-proċessur u għandu jkun kapaċi jagħti prova li kkunsidra bir-reqqa, l-elementi kollha previsti fil-GDPR.
95. Il-garanziji “pprovduti” mill-proċessur huma dawk li l-proċessur huwa kapaċi **juri għas-sodisfazzjon tal-kontrollur**, billi dawk huma l-uniċi li jistgħu effettivament jiġu kkunsidrati mill-kontrollur meta jkun qed jivvaluta l-konformità mal-obbligi tiegħu. Spiss dan ikun jeħtieġ skambju ta’ dokumentazzjoni rilevanti (eż. politika ta’ privatezza, termini ta’ servizz, reġistrazzjoni ta’ attivitajiet ta’ pproċessar, politika ta’ ġestjoni ta’ reġistrazzjonijiet, politika ta’ sigurtà ta’ informazzjoni, rapporti ta’ verifiki esterni għall-protezzjoni tad-*data*, ċertifikazzjonijiet internazzjonali rikonoxxuti, bħas-serje ISO 27000).
96. Il-valutazzjoni tal-kontrollur dwar jekk il-garanziji humiex suffiċjenti hija forma ta’ valutazzjoni tar-riskju, li tiddependi ħafna fuq it-tip ta’ proċessar fdat lill-proċessur u teħtieġ li ssir fuq bażi ta’ każ b’każ, filwaqt li tikkunsidra n-natura, il-kamp ta’ applikazzjoni, il-kuntest u l-għanijiet tal-ipproċessar kif ukoll ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet ta’ persuni fiżiċi. Bħala konsegwenza, l-EDPB ma jistax jipprovdi lista eżawrjenti tad-dokumenti jew tal-azzjonijiet li l-proċessur jeħtieġ li juri fi kwalunkwe xenarju partikolari, peress li dan jiddependi ħafna miċ-ċirkostanzi speċifiċi tal-ipproċessar.
97. L-elementi li ġejjin³⁸ għandhom jiġu kkunsidrati mill-kontrollur sabiex tiġi vvalutata s-suffiċjenza tal-garanziji: **l-għarfien espert** tal-proċessur (eż. il-kompetenza teknika fir-rigward ta’ miżuri ta’ sigurtà u ta’ ksur ta’ *data*); **l-affidabbiltà** tal-proċessur; **ir-riżorsi** tal-proċessur. Ir-reputazzjoni tal-proċessur fis-suq tista’ wkoll tkun fattur rilevanti li jiġi kkunsidrat mill-kontrolluri.
98. Barra minn hekk, l-aderenza ma’ kodiċi ta’ kondotta jew ma’ mekkaniżmu ta’ ċertifikazzjoni approvat tista’ tintuża bħala element li bih jistgħu jintwerew garanziji suffiċjenti.³⁹ Il-proċessuri huma għaldaqstant avżati biex jinfurmaw lill-kontrollur dwar din iċ-ċirkostanza, kif ukoll dwar kwalunkwe tibdil f’tali aderenza.
99. L-obbligu li jintużaw biss il-proċessuri “li jagħtu garanziji suffiċjenti” li jinsab fl-Artikolu 28(1) tal-GDPR huwa obbligu kontinwu. Dan ma jintemmx fil-mument meta l-kontrollur u l-proċessur jikkonkludu kuntratt jew att legali ieħor. Pjuttost, il-kontrollur għandu, f’intervalli xierqa, jivverifika l-garanziji tal-proċessur, inkluż permezz ta’ verifiki u spezzjonijiet fejn xieraq.⁴⁰

1.2 Forma tal-kuntratt jew ta’ att legali ieħor

100. Kwalunkwe proċessar ta’ *data* personali minn proċessur irid jiġi rregolat minn kuntratt jew att legali ieħor skont il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru bejn il-kontrollur u l-proċessur, kif meħtieġ mill-Artikolu 28(3) tal-GDPR.
101. Tali att legali jrid ikun **bil-miktub, inkluż f’forma elettronika**.⁴¹ Għaldaqstant, ftehimiet mhux miktuba (irrispettivament minn kemm huma bir-reqqa jew effettivi) ma jistgħux jiġu kkunsidrati suffiċjenti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti mill-Artikolu 28 tal-GDPR. Għall-evitar ta’ kwalunkwe diffikultà biex

³⁷ L-Artikolu 28(1) u l-Premessa 81 tal-GDPR.

³⁸ Premessa (81) tal-GDPR.

³⁹ L-Artikolu 28(5) u l-Premessa 81 tal-GDPR.

⁴⁰ Ara wkoll l-Artikolu 28(3)h tal-GDPR.

⁴¹ L-Artikolu 28(9) tal-GDPR.

jintwera li l-kuntratt jew att legali ieħor huwa attwalment fis-seħħ, l-EDPB jirrakkomanda li jiġi żgurat li l-firem meħtieġa jkunu inklużi fl-att legali, f'konformità mal-liġi applikabbli (eż. il-liġi tal-kuntratti).

102. Barra minn hekk, il-kuntratt jew l-att legali l-ieħor skont il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru jrid ikun **vinkolanti għall-proċessur** fir-rigward tal-kontrollur, jiġifieri dan irid jistabbilixxi obbligi fuq il-proċessur li huma vinkolanti bħala parti mil-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru. Barra minn hekk dan irid jistabbilixxi l-obbligi tal-kontrollur. Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet, għandu jkun hemm kuntratt, iżda r-Regolament jirreferi wkoll għal “att legali ieħor”, bħal liġi nazzjonali (primarja jew sekondarja) jew strument legali ieħor. Jekk l-att legali ma jinkludix il-kontenut minimu meħtieġ kollu, dan irid jiġi ssupplimentat b'kuntratt jew b'att legali ieħor li jinkludi l-elementi nieqsa.
103. Peress li r-Regolament jistabbilixxi obbligu ċar ta' dħul f'kuntratt bil-miktub, fejn l-ebda att legali rilevanti ieħor ma jkun fis-seħħ, in-nuqqas tiegħu huwa ksur tal-GDPR.⁴² Kemm il-kontrollur kif ukoll il-proċessur huma responsabbli biex jiżguraw li jkun hemm kuntratt jew att legali ieħor li jirregola l-ipproċessar.⁴³ Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 83 tal-GDPR, l-awtorità superviżorja kompetenti tkun tista' toħroġ multa amministrattiva kemm kontra l-kontrollur kif ukoll kontra l-proċessur, waqt li tqis iċ-ċirkostanzi ta' kull każ individwali. Il-kuntratti li jkunu daħħlu fis-seħħ qabel id-data tal-applikazzjoni tal-GDPR kellhom ikunu aġġornati fid-dawl tal-Artikolu 28(3). In-nuqqas ta' tali aġġornament, sabiex kuntratt eżistenti preċedenti jsir konformi mar-rekwiżiti tal-GDPR, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 28(3).

Kuntratt bil-miktub skont l-Artikolu 28(3) tal-GDPR jista' jkun inkorporat f'kuntratt usa', bħal ftehim dwar il-livell ta' servizz. Sabiex jiffaċilita d-dimostrazzjoni tal-konformità mal-GDPR, l-EDPB jirrakkomanda li l-elementi tal-kuntratt li jfittxu li jagħtu effett lill-Artikolu 28 tal-GDPR ikunu identifikati b'mod ċar bħala tali f'post wieħed (pereżempju f'anness).

104. Sabiex jikkonformaw mad-dmir li jidhru f'kuntratt, **il-kontrollur u l-proċessur jistgħu jagħżlu li jinneozjaw il-kuntratt tagħhom stess** inklużi l-elementi obligatorji kollha **jew li jiddependu, kompletament jew parzjalment, fuq klawżoli kuntrattwali standard fir-rigward tal-obbligi taħt l-Artikolu 28.**⁴⁴

⁴² Il-preżenza (jew in-nuqqas) ta' arranġament bil-miktub, madankollu, mhijiex deċiżiva għall-eżistenza ta' relazzjoni bejn kontrollur u proċessur. Fejn hemm raġuni biex wieħed jemmin li l-kuntratt ma jikkorrispondix mar-realtà f'termini ta' kontroll reali, abbażi ta' analiżi fattwali taċ-ċirkostanzi marbuta mar-relazzjoni bejn il-partijiet u l-ipproċessar tad-*data* personali li jkun qed jitwettaq, il-ftehim jista' jitwarrab. Bil-maqlub, relazzjoni bejn kontrollur u proċessur tista' xorta tiġi kkunsidrata li teżisti fin-nuqqas ta' ftehim dwar l-ipproċessar bil-miktub. Madankollu, dan jimplika ksur tal-Artikolu 28(3) tal-GDPR. Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi, in-nuqqas ta' definizzjoni ċara tar-relazzjoni bejn il-kontrollur u l-proċessur jista' jqajjem il-problema tan-nuqqas ta' bażi legali li fuqha għandu jkun ibbażat kull proċessar, eż. fir-rigward tal-komunikazzjoni tad-*data* bejn il-kontrollur u l-allegat proċessur.

⁴³ L-Artikolu 28(3) mhux applikabbli biss għall-kontrolluri. Fis-sitwazzjoni fejn il-proċessur biss ikun soġġett għall-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR, l-obbligu għandu jkun direttament applikabbli biss għall-proċessur, ara wkoll il-Linji Gwida 3/2018 tal-EDPB dwar il-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-GDPR, p. 12.

⁴⁴ L-Artikolu 28(6) tal-GDPR. L-EDPB ifakkar li klawżoli kuntrattwali standard għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 28 tal-GDPR mhumiex l-istess bħall-klawżoli kuntrattwali standard imsemmija fl-Artikolu 46(2). Filwaqt li tal-ewwel jistipulaw u jiċċaraw f'aktar dettall kif id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 28(3) u (4) jiġu ssodisfati, dawn tal-aħħar jipprovdu salvagwardji xierqa f'każ ta' trasferiment ta' *data* personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali fin-nuqqas ta' deċiżjoni ta' adegwatezza skont l-Artikolu 45(3).

105. Sett ta' klawżoli kuntrattwali standard (SCCs) jista' jkun, b'mod alternattiv, adottat mill-Kummissjoni⁴⁵ jew adottat minn awtorità superviżorja, skont il-mekkaniżmu ta' konsistenza.⁴⁶ Dawn il-klawżoli jistgħu jkunu parti minn ċertifikazzjoni mogħtija lill-kontrollur jew lill-proċessur skont l-Artikoli 42 jew 43.⁴⁷
106. L-EDPB jixtieq jikkjarifika li ma hemm l-ebda obbligu għall-kontrolluri u l-proċessuri biex jidħlu f'kuntratt ibbażat fuq l-SCCs, u lanqas mhuwa neċessarjament ippreferut fuq in-negozjar ta' kuntratt individwali. Iż-żewġ għażliet huma vijabbli għall-għanijiet ta' konformità mal-liġi tal-protezzjoni tad-*data*, skont iċ-ċirkostanzi speċifiċi, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 28(3).
107. Jekk il-partijiet jixtiequ jieħdu vantaġġ minn klawżoli kuntrattwali standard, il-klawżoli tal-protezzjoni tad-*data* tal-ftehim tagħhom iridu jkunu l-istess bħal daww ta' l-SCCs. L-SCCs spiss iħallu xi spazji vojta biex jimtlew jew għażliet biex jintgħażlu mill-partijiet. Barra minn hekk, kif imsemmi wkoll hawn fuq, l-SCCs ġeneralment ikunu inkorporati fi ftehim akbar li jiddeskrivi l-oġġett tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet finanzjarji tiegħu, u klawżoli miftiehma oħra: ikun possibbli għall-partijiet li jżidu klawżoli addizzjonali (eż. liġi u ġurisdizzjoni applikabbli) sakemm dawn ma jikkontradixxux, b'mod dirett jew b'mod indirett l-SCCs⁴⁸ u ma jimminawx il-protezzjoni mogħtija mill-GDPR u mil-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-*data* tal-UE jew tal-Istati Membri.
108. Il-kuntratti bejn il-kontrolluri u l-proċessuri kultant jistgħu jiġu abbozzati b'mod unilaterali minn waħda mill-partijiet. Liema parti jew partijiet jabbozzaw il-kuntratt jista' jiddependi fuq diversi fatturi, inklużi: il-pożizzjoni tal-partijiet fis-suq u l-poter kuntrattwali, il-kompetenza teknika tagħhom, kif ukoll l-aċċess għas-servizzi legali. Pereżempju, xi fornituri ta' servizzi għandhom it-tendenza li jistabbilixxu termini u kundizzjonijiet standard, li jinkludu ftehimiet dwar l-ipproċessar tad-*data*.
109. Ftehim bejn il-kontrollur u l-proċessur irid ikun konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 28 tal-GDPR sabiex jiġi żgurat li l-proċessur jipproċessa *data* personali f'konformità mal-GDPR. Kwalunkwe ftehim bħal dan għandu jikkunsidra r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-kontrolluri u l-proċessuri. Għalkemm l-Artikolu 28 jipprovdi lista ta' punti li jridu jiġu indirizzati fi kwalunkwe kuntratt li jirregola r-relazzjoni bejn il-kontrolluri u l-proċessuri, iħalli spazju għal negozjati bejn il-partijiet għal dawn il-kuntratti. F'xi sitwazzjonijiet kontrollur jew proċessur jista' jkun f'pożizzjoni ta' negozjar aktar dgħajfa biex jippersonalizza l-ftehim dwar il-protezzjoni tad-*data*. Id-dipendenza fuq il-klawżoli kuntrattwali

⁴⁵ L-Artikolu 28(7) tal-GDPR. L-Artikolu 28(7) tal-GDPR. L-Artikolu 28(7) tal-GDPR. L-Artikolu 28(7) tal-GDPR. Ara l-Opinjoni Konġunta 1/2021 tal-EDPB-EDPS dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/our-documents/edpbedps-joint-opinion/edpb-edps-joint-opinion-12021-standard_en.

⁴⁶ L-Artikolu 28(8) tal-GDPR. Ir-Reġistru għad-Deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet superviżorji u l-qrati dwar kwistjonijiet trattati fil-mekkaniżmu ta' konsistenza, inklużi klawżoli kuntrattwali standard għall-finijiet tal-konformità mal-Art. 28 tal-GDPR, jista' jiġi aċċessat minn hawn: https://edpb.europa.eu/our-work-tools/consistency-findings/register-for-decisions_en.

⁴⁷ L-Artikolu 28(6) tal-GDPR.

⁴⁸ L-EDPB ifakkar li l-istess grad ta' flessibbiltà huwa permess meta l-partijiet jagħżlu li jużaw l-SCCs bħala salvagwardja xierqa għal trasferimenti lejn pajjiżi terzi skont l-Artikolu 46(2)(c) jew l-Artikolu 46(2)(d) tal-GDPR. Il-Premessa 109 tal-GDPR tikkjarifika li "Il-possibbiltà għall-kontrollur jew għall-proċessur li juża klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-*data* adottati mill-Kummissjoni jew minn awtorità superviżorja la għandha tipprevjeni l-kontrolluri jew il-proċessuri milli jinkludu l-klawżoli standard dwar il-protezzjoni tad-*data* f'kuntratt usa', bħal kuntratt bejn il-proċessur u proċessur ieħor, u lanqas ma għandha tipprevjenihom milli jżidu klawżoli oħrajn jew salvagwardji addizzjonali sakemm ma jikkontradixxux, b'mod dirett jew indirett, il-klawżoli kuntrattwali xierqa [...] jew jippreġudikaw id-drittijiet jew il-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-*data*. Il-kontrolluri u l-proċessuri għandhom jiġu mħeġġa jipprovdu salvagwardji addizzjonali permezz ta' impenji kuntrattwali li jissupplimentaw il-klawżoli ta' protezzjoni standard".

standard adottati skont l-Artikolu 28 (is-subparagrafi 7 u 8) tista' tikkontribwixxi għall-ibbilanċjar mill-ġdid tal-pożizzjonijiet tan-negozjar u biex jiġi żgurat li l-kuntratti jirrispettaw il-GDPR.

110. Il-fatt li l-kuntratt u t-termini tan-negozju dettaljati tiegħu jiġu ppreparati mill-fornitur tas-servizz aktar milli mill-kontrollur, fih innifsu, mhuwiex problematiku u ma jkunx bażi suffiċjenti biex jiġi konkluż li l-fornitur tas-servizz għandu jiġi kkunsidrat bħala kontrollur. Barra minn hekk, l-iżbilanċ fil-poter kuntrattwali ta' kontrollur tad-*data* żgħir fir-rigward ta' fornituri kbar tas-servizzi ma għandux jiġi kkunsidrat bħala ġustifikazzjoni għall-kontrollur li jaċċetta klawżoli u termini ta' kuntratti li mhumiex konformi mal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, u lanqas ma jista' jirrilaxxa l-kontrollur mill-obbligi tiegħu ta' protezzjoni tad-*data*. Il-kontrollur irid jevalwa t-termini u sakemm b'mod liberu jaċċettahom u jagħmel użu mis-servizz, huwa jkun aċċetta wkoll ir-responsabbiltà sħiħa għall-konformità mal-GDPR. Kwalunkwe modifika proposta, minn proċessur, fir-rigward ta' ftehimiet dwar l-ipproċessar tad-*data* inklużi fit-termini u l-kundizzjonijiet standard għandha tkun notifikata u approvata b'mod dirett mill-kontrollur, waqt li wieħed iżomm f'moħħu l-grad ta' libertà li l-proċessur igawdi fir-rigward tal-elementi mhux essenzjali tal-mezzi (ara l-paragrafi 40-41 hawn fuq). Is-sempliċi pubblikazzjoni ta' dawn il-modifiki fuq is-sit web tal-proċessur mhix konformi mal-Artikolu 28.

1.3 Il-kontenut tal-kuntratt jew ta' att legali ieħor

111. Qabel ma niffokaw fuq kull wieħed mir-rekwiżiti dettaljati stabbiliti mill-GDPR fir-rigward tal-kontenut tal-kuntratt jew ta' att legali ieħor, huma meħtieġa xi rimarki ġenerali.
112. Filwaqt li l-elementi stabbiliti mill-Artikolu 28 tar-Regolament jikkostitwixxu l-kontenut ewlieni tiegħu, il-kuntratt għandu jkun mod li bih il-kontrollur u l-proċessur jiċċaraw bi struzzjonijiet aktar dettaljati kif dawn l-elementi ewlenin għandhom jiġu implimentati. Għaldaqstant, **il-ftehim dwar l-ipproċessar ma għandux sempliċement jiddikjara mill-ġdid id-dispożizzjonijiet tal-GDPR**: pjuttost, għandu jinkludi informazzjoni aktar speċifika u konkreta dwar kif għandhom jintlaħqu r-rekwiżiti u liema livell ta' sigurtà huwa meħtieġ għall-ipproċessar ta' *data* personali li huwa l-oġġett tal-ftehim ta' proċessur. In-negozjar u l-istipulazzjoni tal-kuntratt mhumiex eżerċizzju proforma, iżda opportunità biex jiġu speċifikati d-dettalji rigward l-ipproċessar.⁴⁹ Tabilħaqq, il-“protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* kif ukoll ir-responsabbiltà tal-kontrolluri u l-proċessuri [...] tirrikjedi allokkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet” skont il-GDPR.⁵⁰
113. Fl-istess waqt, il-kuntratt għandu **jikkunsidra “l-kompiti u r-responsabbiltajiet speċifiċi tal-proċessur fil-kuntest tal-ipproċessar li għandu jitwettagħ u r-riskju għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*”**.⁵¹ B'mod ġenerali, il-kuntratt bejn il-partijiet għandu jkun abbozzat fid-dawl tal-attività speċifika tal-ipproċessar tad-*data*. Pereżempju, ma hemmx ftehim li jiġu imposti protezzjonijiet u proċeduri partikolarment stretti fuq proċessur fdat b'attività ta' proċessur li minnu jirriżultaw riskji minuri biss: filwaqt li kull proċessur irid jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti bir-Regolament, il-miżuri u l-proċeduri għandhom ikunu mfassla skont is-sitwazzjoni speċifika. Fi kwalunkwe każ, l-elementi kollha tal-Artikolu 28(3) iridu jkunu koperti mill-kuntratt. Fl-istess waqt, il-kuntratt għandu jinkludi diversi elementi li jistgħu jgħinu lill-proċessur jifhem ir-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data* li jirriżultaw mill-ipproċessar: minħabba li l-attività titwettagħ f'isem il-kontrollur, spiss il-kontrollur ikollu għarfien aktar profond tar-riskji li l-ipproċessar jinvolvi peress li l-kontrollur huwa konxju taċ-ċirkostanzi li fihom huwa inkorporat l-ipproċessar.

⁴⁹ Ara wkoll l-Opinjoni 14/2019 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard tal-EDPB ippreżentata mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR), p. 5.

⁵⁰ Premessa (79) tal-GDPR.

⁵¹ Premessa (81) tal-GDPR.

114. Meta jgħaddi għall-**kontenut meħtieġ** tal-kuntratt jew ta' att legali ieħor, l-EDPB jinterpreta l-Artikolu 28(3) b'mod li jeħtieġ jistabbilixxi:

- **is-suġġett** tal-ipproċessar (pereżempju, reġistrazzjonijiet ta' sorveljanza bil-vidjo ta' persuni li jidħlu u joħorġu minn faċilità ta' sigurtà għolja). Filwaqt li s-suġġett tal-ipproċessar huwa kunċett wiesa', jeħtieġ li jiġi fformulat bi speċifikazzjonijiet biżżejjed sabiex ikun ċar x'inhu l-għan ewlieni tal-ipproċessar;
- **it-tul**⁵² tal-ipproċessar: għandu jiġi speċifikat il-perjodu eżatt ta' żmien, jew il-kriterji użati biex jiddeterminaw dan; pereżempju, tista' ssir referenza għat-tul tal-ftehim dwar l-ipproċessar;
- **in-natura** tal-ipproċessar: it-tip ta' operazzjonijiet imwettqa bħala parti mill-ipproċessar (pereżempju: l-“iffilmjar”, ir-“reġistrazzjoni”, l-“arkivjar tal-immaġni”, ...) **u l-għan** tal-ipproċessar (pereżempju: id-detezzjoni ta' dħul illegali). Din id-deskrizzjoni għandha tkun kemm jista' jkun komprensiva, skont l-attività speċifika tal-ipproċessar, sabiex tippermetti lill-partijiet esterni (eż. l-awtoritajiet superviżorji) jifhmu l-kontenut u r-riskji tal-ipproċessar fdat lill-proċessur.
- **it-tip ta' data personali**: dan għandu jkun speċifikat bl-aktar mod dettaljat possibbli (pereżempju: l-immaġni bil-vidjo ta' individwi hekk kif jidħlu u joħorġu mill-faċilità). Ma jkunx xieraq li sempliċement tispeċifika li hija “data personali skont l-Artikolu 4(1) tal-GDPR” jew “kategoriji speċjali ta' data personali skont l-Artikolu 9”. Fil-każ ta' kategoriji speċjali ta' data, il-kuntratt jew l-att legali għandu tal-anqas jispeċifika liema tipi ta' data huma kkonċernati, pereżempju, “informazzjoni dwar reġistrazzjonijiet tas-saħħa”, jew “informazzjoni dwar jekk is-suġġett tad-data huwiex membru ta' trejtdjunjin”;
- **il-kategoriji ta' suġġetti tad-data**: dan, ukoll, għandu jiġi indikat b'mod pjuttost speċifiku (pereżempju: “viżitaturi”, “impjegati”, servizzi ta' kunsinna, eċċ.);
- **l-obbligi u d-drittijiet tal-kontrollur**: id-drittijiet tal-kontrollur huma trattati f'aktar dettall fit-taqsimiet li ġejjin (eż. fir-rigward tad-dritt tal-kontrollur li jwettaq l-ispezzjonijiet u l-verifiki). Fir-rigward tal-obbligi tal-kontrollur, eżempji jinkludu l-obbligu tal-kontrollur li jipprovdi lill-proċessur bid-data msemmija fil-kuntratt, li jipprovdi u jiddokumenta kwalunkwe struzzjoni li jkollha x'taqsam mal-ipproċessar tad-data mill-proċessur, li, qabel u matul l-ipproċessar, jiżgura l-konformità mal-obbligi stabbiliti fil-GDPR min-naħa tal-proċessur, li jissorvelja l-ipproċessar, anke bit-tweġġ ta' verifiki u spezzjonijiet mal-proċessur.

115. Filwaqt li l-GDPR jelenka elementi li dejjem jeħtieġ li jiġu inklużi fil-ftehim, informazzjoni rilevanti oħra jista' jeħtieġ li tiġi inkluża, skont il-kuntest u r-riskji tal-ipproċessar kif ukoll kwalunkwe rekwiżit addizzjonali applikabbli.

1.3.1 *Il-proċessur irid jipproċessa biss data fil-każ ta' struzzjonijiet dokumentati mill-kontrollur (Art. 28(3)(a) tal-GDPR)*

116. Il-ħtieġa li jiġi speċifikat dan l-obbligu ġej mill-fatt li l-proċessur jipproċessa d-data f'isem il-kontrollur. Il-kontrolluri jridu jipprovdu lill-proċessuri tagħhom bi struzzjonijiet relatati ma' kull attività ta' pproċessar. Tali struzzjonijiet jistgħu jinkludu l-ġestjoni permissibbli u inaċċettabbli ta' data personali, proċeduri aktar dettaljati, modi kif tiġi żgurata d-data, eċċ. Il-proċessur ma għandux imur lil hinn mill-

⁵² It-tul tal-ipproċessar mhux neċessarjament ekwivalenti għat-tul tal-ftehim (jista' jkun hemm obbligi legali biex id-data tinżamm għal perjodu itwal jew iqsar).

istruzzjonijiet tal-kontrollur. Madankollu huwa possibbli għall-proċessur li jissuġġerixxi elementi li, jekk ikunu aċċettati mill-kontrollur, isiru parti mill-istruzzjonijiet mogħtija.

117. Meta proċessur jipproċessa *data* barra jew lil hinn mill-istruzzjonijiet tal-kontrollur, u dan jammonta għal deċiżjoni li tiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar, il-proċessur ikun fi ksur tal-obbligi tiegħu u jkun saħansitra kkunsidrat bħala kontrollur fir-rigward ta' dak l-ipproċessar skont l-Artikolu 28(10) (ara s-sottotaqsima 1.5 hawn taħt⁵³).
118. L-istruzzjonijiet maħruġa mill-kontrollur iridu jkunu **dokumentati**. Għal dawn l-għanijiet, huwa rrakkomandat li jkunu inklużi proċedura u mudell biex jingħataw aktar struzzjonijiet f'anness għall-kuntratt jew att legali ieħor. B'mod alternattiv, l-istruzzjonijiet jistgħu jiġu pprovduti fi kwalunkwe forma bil-miktub (eż. posta elettronika), kif ukoll fi kwalunkwe forma dokumentata oħra sakemm ikun possibbli li jinżammu reġistrazzjonijiet ta' dawn l-istruzzjonijiet. Fi kwalunkwe każ, sabiex tiġi evitata kwalunkwe diffikultà biex jintwera li l-istruzzjonijiet tal-kontrollur ġew dokumentati kif xieraq, l-EDPB jirrakkomanda li dawn l-istruzzjonijiet jinżammu flimkien mal-kuntratt jew att legali ieħor.
119. Id-dmir għall-proċessur li jżomm lura minn kwalunkwe attività ta' proċessar li mhux ibbażata fuq l-istruzzjonijiet tal-kontrollur japplika wkoll għal **trasferimenti** ta' *data* personali lejn pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali. Il-kuntratt għandu jispeċifika r-rekwiżiti għal trasferimenti lejn pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, b'kunsiderazzjoni għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tal-GDPR.
120. L-EDPB jirrakkomanda li l-kontrollur jagħti l-attenzjoni dovuta għal dan il-punt speċifiku b'mod speċjali meta l-proċessur ikun se jiddelega xi attivitajiet ta' proċessar lil proċessuri oħra, u meta l-proċessur ikollu diviżjonijiet jew unitajiet li jinsabu f'pajjiżi terzi. Jekk l-istruzzjonijiet mill-kontrollur ma jippermettux trasferimenti jew żvelar lil pajjiżi terzi, il-proċessur ma jitħallix jassenja l-ipproċessar lil sottoproċessur f'pajjiż terz, u lanqas ma jitħalla jkollu d-*data* pproċessata f'wieħed mid-diviżjonijiet tiegħu li mhumiex fl-UE.
121. Proċessur jista' jipproċessa *data* għajr fuq struzzjonijiet dokumentati tal-kontrollur **meta l-proċessur ikun meħtieġ jipproċessa u/jew jittrasferixxi *data* personali abbażi tal-liġi tal-UE jew tal-liġi tal-Istat Membru li għaliha huwa soġġett il-proċessur**. Din id-dispożizzjoni tkompli tiżvela l-importanza ta' negozjar u abbozzar bir-reqqa ta' ftehimiet ta' proċessar ta' *data*, peress li, pereżempju, jista' jkun hemm il-ħtieġa li jiġi mfittex parir legali miż-żewġ partijiet dwar l-eżistenza ta' kwalunkwe rekwiżit legali bħal dan. Dan jeħtieġ li jsir fil-ħin, peress li l-proċessur ikollu l-obbligu li jinforma lill-kontrollur b'tali rekwiżit qabel ma jibda l-ipproċessar. Huwa biss meta dik l-istess liġi (tal-UE jew tal-Istat Membru) tipprojbixxi lill-proċessur milli jinforma lill-kontrollur għal "raġunijiet importanti ta' interess pubbliku", li ma jkun hemm l-ebda obbligu bħal dan ta' informazzjoni. Fi kwalunkwe każ, kwalunkwe trasferiment jew żvelar jista' jseħħ biss jekk ikun awtorizzat mil-liġi tal-Unjoni, anke f'konformità mal-Artikolu 48 tal-GDPR.

*1.3.2 Il-proċessur irid jiżgura li l-persuni awtorizzati jipproċessaw id-*data* personali jkunu impenjaw ruħhom li jżommu l-kunfidenzjalità jew li jkunu taħt obbligu statutorju xieraq ta' kunfidenzjalità (l-Art. 28(3)(b) tal-GDPR)*

122. Il-kuntratt jeħtieġ jiddikjara li l-proċessur irid jiżgura li kull min jingħata permess li jipproċessa d-*data* personali jkun impenjat li jżomm il-kunfidenzjalità. Dan jista' jseħħ jew permezz ta' ftehim kuntrattwali speċifiku, jew minħabba obbligi statutorji diġà fis-seħħ.

⁵³ Ara Parti II, sottotaqsima 1.5 ("Il-proċessur li jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar").

123. Il-kunċett wiesa' ta' "persuni awtorizzati biex jipproċessaw id-*data* personali" jinkludi l-impjegati u l-ħaddiema temporanji. B'mod ġenerali, il-proċessur għandu jagħmel id-*data* personali disponibbli biss għall-impjegati li fil-fatt ikollhom bżonnha biex iwettqu l-kompiti li għalihom il-proċessur ġie mqabba mill-kontrollur.
124. L-impenn jew l-obbligu ta' kunfidenzjalità jrid ikun "xieraq", jiġifieri irid effettivament jipprojbixxi lill-persuna awtorizzata milli tiżvela kwalunkwe informazzjoni kunfidenzjali mingħajr awtorizzazzjoni, u jrid ikun wiesa' biżżejjed sabiex jinkludi d-*data* personali kollha pproċessata f'isem il-kontrollur kif ukoll il-kundizzjonijiet li taħthom tiġi pproċessata d-*data* personali.

1.3.3 Il-proċessur irid jieħu l-miżuri kollha mitluba skont l-Artikolu 32 (l-Art.28(3)(c) tal-GDPR)

125. L-Artikolu 32 jirrikjedi li l-kontrollur u l-proċessur jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzattivi ta' sigurtà xierqa. Filwaqt li dan l-obbligu huwa diġà impost b'mod dirett fuq il-proċessur li l-operazzjonijiet tal-ipproċessar tiegħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR, id-dmir li jittieħdu l-miżuri kollha mitluba skont l-Artikolu 32 jeħtieġ li jiġi rifless fil-kuntratt li jikkonċerna l-attivitajiet ta' pproċessar fdati mill-kontrollur.
126. Kif indikat qabel, il-kuntratt ta' pproċessar ma għandux sempliċement jiddikjara mill-ġdid id-dispożizzjonijiet tal-GDPR. Il-kuntratt irid jinkludi jew jirreferi informazzjoni dwar il-miżuri ta' sigurtà li għandhom jiġu adottati, **obbligu fuq il-proċessur biex jikseb l-approvazzjoni tal-kontrollur qabel ma jagħmel it-tibdil**, u reviżjoni regolari tal-miżuri ta' sigurtà sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tagħhom fir-rigward tar-riskji, li jistgħu jevolvu maż-żmien. Il-grad ta' dettall tal-informazzjoni dwar il-miżuri ta' sigurtà li jridu jiġu inklużi fil-kuntratt irid ikun tali li jippermetti lill-kontrollur jivvaluta l-adegwatezza tal-miżuri skont l-Artikolu 32(1) tal-GDPR. Barra minn hekk, id-deskrizzjoni hija wkoll meħtieġa sabiex il-kontrollur ikun konformi mad-dmir ta' responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 5(2) u l-Artikolu 24 tal-GDPR fir-rigward tal-miżuri ta' sigurtà imposti fuq il-proċessur. Obbligu korrispondenti tal-proċessur li jgħin lill-kontrollur u li jagħmel disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità jista' jiġi dedott mill-Art. 28.3 (f) u (h) tal-GDPR.
127. Il-livell ta' struzzjonijiet ipprovduti mill-kontrollur lill-proċessur fir-rigward tal-miżuri li jridu jiġu implimentati jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi speċifiċi. F'xi każijiet, il-kontrollur jista' jipprovidi deskrizzjoni ċara u dettaljata tal-miżuri ta' sigurtà li jridu jiġu implimentati. F'każijiet oħra, il-kontrollur jista' jiddeskrivi l-għanijiet minimi ta' sigurtà li jridu jintlaħqu, waqt li jagħmel talba lill-proċessur biex jipproponi l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà speċifiċi. Fi kwalunkwe każ, il-kontrollur irid jipprovidi lill-proċessur b'deskrizzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar u l-għanijiet tas-sigurtà (ibbażati fuq il-valutazzjoni tar-riskju tal-kontrollur), kif ukoll japprova l-miżuri proposti mill-proċessur. Dan jista' jiġi inkluż f'anness għall-kuntratt. Il-kontrollur jeżerċita s-setgħa tiegħu ta' teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-karatteristiċi ewlenin tal-miżuri ta' sigurtà, kemm billi b'mod espliċitu jelenka l-miżuri jew billi japprova dawk proposti mill-proċessur.

1.3.4 Il-proċessur irid jirrispetta l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 28(2) u 28 (4) għall-impjegar ta' proċessur ieħor (l-Art. 28(3)(d) tal-GDPR).

128. Il-ftehim irid jispeċifika li l-proċessur ma jistax jinvolvi proċessur ieħor mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel tal-kontrollur u jekk din l-awtorizzazzjoni hux se tkun speċifika jew ġenerali. Fil-każ ta' awtorizzazzjoni ġenerali, il-proċessur irid jinforma lill-kontrollur bi kwalunkwe bidla tas-sottoproċessuri fuq awtorizzazzjoni bil-miktub, u jagħti lill-kontrollur l-opportunità li joġġezzjona. Huwa rrakkomandat li l-kuntratt jistabbilixxi l-proċess għal dan. Ta' min jinnota li d-dmir tal-proċessur

li jinforma lill-kontrollur bi kwalunkwe tibdil fis-sottoproċessuri jimplika li l-proċessur jindika jew juri b'mod attiv tali tibdil lill-kontrollur.⁵⁴ Barra minn hekk, fejn tkun meħtieġa awtorizzazzjoni speċifika, il-kuntratt għandu jstabbilixxi l-proċess għall-kisba ta' tali awtorizzazzjoni.

129. Meta l-proċessur jinvolvi proċessur ieħor, irid jiġi stabbilit kuntratt bejniethom, li jimponi l-istess obbligi ta' protezzjoni tad-*data* bħal dawk imposti fuq il-proċessur oriġinali jew dawn l-obbligi jridu jiġu imposti minn att legali ieħor taħt il-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru (ara wkoll il-paragrafu hawn taħt 160). Dan jinkludi l-obbligu skont l-Artikolu 28(3)(h) biex jiġu permessi awditi u ssir kontribuzzjoni għalihom mill-kontrollur jew minn awditur ieħor li jkun ingħata l-mandat mill-kontrollur.⁵⁵ Il-proċessur huwa responsabbli lejn il-kontrollur għall-konformità tal-proċessuri l-oħra mal-obbligi tal-protezzjoni tad-*data* (għal aktar dettalji dwar il-kontenut rakkomandat tal-ftehim ara s-sottotaqsima 1.6 hawn taħt⁵⁶).

1.3.5 Il-proċessur irid jassisti lill-kontrollur fit-twettiq tal-obbligu tiegħu li jwieġeb għal talbiet tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-data (l-Artikolu 28(3)(e) tal-GDPR).

130. Filwaqt li l-iżgurar li t-talbiet tas-suġġetti tad-*data* jiġu ttrattati huwa fir-responsabbiltà tal-kontrollur, il-kuntratt irid jistipula li l-proċessur għandu l-obbligu li jipprovdi l-assistenza "b'miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa, sakemm dan ikun possibbli". In-natura ta' din l-assistenza tista' tvarja ħafna "jieħu kont tan-natura tal-ipproċessar" u skont it-tip ta' attività fdata lill-proċessur. Id-dettalji li jikkonċernaw l-assistenza li jkollha tingħata mill-proċessur għandhom jiġu inklużi fil-kuntratt jew f'anness miegħu.
131. Filwaqt li l-assistenza tista' sempliċement tikkonsisti fit-trażmissjoni minnufih ta' kwalunkwe talba riċevuta u/jew li tippermetti li l-kontrollur jagħmel estrazzjoni u jiġġestixxi b'mod dirett id-*data* personali rilevanti, f'xi ċirkostanzi l-proċessur jingħata aktar dmirijiet tekniċi speċifiċi, b'mod speċjali meta jkun fil-pożizzjoni tal-estraxxjoni u l-ġestjoni ta' *data* personali.
132. Huwa kruċjali li wieħed iżomm f'moħħu li, għalkemm il-ġestjoni Prattika tat-talbiet individwali tista' tiġi esternalizzata lill-proċessur, il-kontrollur għandu r-responsabbiltà li jikkonforma mat-tali talbiet. Għaldaqstant, il-valutazzjoni dwar jekk it-talbiet mis-suġġetti tad-*data* humiex ammissibbli u/jew ir-rekwiżiti stabbiliti mill-GDPR humiex issodisfati għandha titwettaq mill-kontrollur, jew fuq bażi ta' każ b'każ jew permezz ta' struzzjonijiet ċari pprovduti lill-proċessur fil-kuntratt qabel il-bidu tal-ipproċessar. Barra minn hekk, l-iskadenzi stabbiliti mill-Kapitolu III ma jstgħux jiġu estiżi mill-kontrollur abbażi tal-fatt li l-informazzjoni meħtieġa trid tkun ipprovduta mill-proċessur.

1.3.6 Il-proċessur irid jassisti lill-kontrollur sabiex jassigura l-konformità mal-obbligi skont l-Artikoli 32 sa 36 (l-Art. 28(3)(f) tal-GDPR).

133. Huwa meħtieġ li l-kuntratt jevita li sempliċement jiddikjara mill-ġdid dawn id-dmirijiet ta' assistenza: **il-ftehim għandu jkun fih dettalji dwar kif il-proċessur jintalab jgħin lill-kontrollur jissodisfa l-obbligi elenkati.** Pereżempju, jistgħu jiġu miżjuda proċeduri u formoli bħala mudell fl-annessi għall-ftehim, li jippermettu li l-proċessur jipprovdi lill-kontrollur bl-informazzjoni kollha meħtieġa.

⁵⁴ F'dan ir-rigward huwa, għall-kuntrarju, eż. mhux biżżejjed li l-proċessur sempliċement jipprovdi lill-kontrollur b'aċċess ġeneralizzat għal lista tas-sottoproċessuri li tista' tiġi aġġornata minn żmien għal żmien, mingħajr ma jkun hemm indikazzjoni fir-rigward ta' kull sottoproċessur ġdid previst. Fi kliem ieħor, il-proċessur irid b'mod attiv jinforma lill-kontrollur dwar kwalunkwe bidla fil-lista (jiġifieri b'mod partikolari fir-rigward ta' kull sottoproċessur ġdid previst).

⁵⁵ Ara wkoll l-Opinjoni 14/2019 tal-EDPB dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomessi mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR), 9 ta' Lulju 2019, f'paragrafu 44.

⁵⁶ Ara Parti II, sottotaqsima 1.6 ("Sottoproċessuri").

134. It-tip u l-grad ta' assistenza li jkollha tiġi pprovduta mill-proċessur jistgħu jvarjaw b'mod wiesa' "*waqt li titqies in-natura tal-ipproċessar u l-informazzjoni disponibbli lill-proċessur*". Il-kontrollur irid jinforma b'mod adegwat lill-proċessur dwar ir-riskju involut fl-ipproċessar u dwar kwalunkwe ċirkostanza oħra li tista' tgħin lill-proċessur jaqdi dmiru.
135. Fir-rigward tal-obbligi speċifiċi, il-proċessur għandu, qabel xejn, dmir li jgħin lill-kontrollur jissodisfa l-obbligu li jadotta miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa biex jiżgura s-sigurtà tal-ipproċessar.⁵⁷ Filwaqt li dan jista' jikkoinċidi, sa ċertu punt, mar-rekwiżit li l-proċessur innifsu jadotta miżuri ta' sigurtà adegwati, fejn l-operazzjonijiet ta' pproċessar tal-proċessur jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GDPR, dawn jibqgħu żewġ obbligi distinti, peress li wieħed jirreferi għall-miżuri tal-proċessur stess u l-ieħor jirreferi għal dawk tal-kontrollur.
136. It-tieni nett, il-proċessur irid jassisti lill-kontrollur biex jissodisfa l-obbligu li jinnotifika ksur ta' *data* personali lill-awtorità superviżorja u lis-suġġetti tad-*data*. Il-proċessur irid jinnotifika lill-kontrollur kull meta jiskopri ksur ta' *data* personali li jaffettwa l-faċilitajiet / sistemi tal-IT tal-proċessur jew ta' sottoproċessur u jgħin lill-kontrollur biex jikseb l-informazzjoni li jeħtieġ li tiġi ddikjarata fir-rapport lill-awtorità superviżorja.⁵⁸ Il-GDPR jirrikjedi li l-kontrollur jinnotifika ksur mingħajr dewmien żejjed sabiex tiġi minimizzata l-ħsara għall-individwi u tiġi massimizzata l-possibbiltà li l-ksur jiġi indirizzat b'mod adegwat. Għalhekk, in-notifika tal-proċessur lill-kontrollur tad-*data* għandha sseħħ ukoll mingħajr dewmien żejjed.⁵⁹ Skont il-karatteristiċi speċifiċi tal-ipproċessar fdat lill-proċessur, jista' jkun xieraq għall-partijiet li jinkludu fil-kuntratt qafas ta' żmien speċifiku (eż. numru ta' sigħat) li fih il-proċessur ikollu jinnotifika lill-kontrollur, kif ukoll il-punt ta' kuntatt għal tali notifikati, il-modalità u l-kontenut minimu mistenni mill-kontrollur.⁶⁰ L-arranġament kuntrattwali bejn il-kontrollur u l-proċessur jista' jinkludi wkoll awtorizzazzjoni u rekwiżit biex il-proċessur b'mod dirett jinnotifika ksur ta' *data* skont l-Artikoli 33 u 34, iżda r-responsabbiltà legali għan-notifika tibqa' tal-kontrollur.⁶¹ Jekk il-proċessur jinnotifika ksur ta' *data* b'mod dirett lill-awtorità superviżorja, u jinforma lis-suġġetti tad-*data* skont l-Artikoli 33 u 34, il-proċessur irid jinforma wkoll lill-kontrollur u jipprovdli lill-kontrollur kopji tan-notifika u informazzjoni lis-suġġetti tad-*data*.
137. Barra minn hekk, il-proċessur irid ukoll jgħin lill-kontrollur fit-twerttiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* meta jkun meħtieġ, u fil-konsultazzjoni mal-awtorità superviżorja meta r-riżultat juri li hemm riskju għoli li ma jistax jiġi mitigat.
138. Id-dmir ta' assistenza ma jikkonsistix fi trasferiment ta' responsabbiltà, peress li dawn l-obbligi huma imposti fuq il-kontrollur. Pereżempju, għalkemm il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data* tista' fil-prattika titwettaq minn proċessur, il-kontrollur jibqa' responsabbli għad-dmir li jwettaq il-valutazzjoni⁶² u l-proċessur huwa meħtieġ biss li jassisti lill-kontrollur "*fejn meħtieġ u fuq talba.*"⁶³

⁵⁷ L-Artikolu 32 tal-GDPR.

⁵⁸ L-Artikolu 33(3) tal-GDPR.

⁵⁹ Għal aktar informazzjoni, ara l-Linji Gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali skont ir-Regolament 2016/679, WP250rev.01, 6 ta' Frar 2018, p. 13-14.

⁶⁰ Ara wkoll l-Opinjoni tal-EDPB 14/2019 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomessi mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR), 9 ta' Lulju 2019, f'paragrafu 40.

⁶¹ Linji Gwida dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali skont ir-Regolament 2016/679, WP250rev.01, 6 ta' Frar 2018, p. 14.

⁶² L-Artikolu 29 tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni tad-*Data*, Linji Gwida dwar il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*Data* (DPIA) u d-determinazzjoni dwar jekk l-ipproċessar "x'aktarx li jippreżenta livell għoli ta' riskju" għall-finijiet tar-Regolament 2016/679, WP 248 rev.01, p. 14

⁶³ Premessa (95) tal-GDPR.

Bħala riżultat, il-kontrollur huwa dak li jrid jieħu l-inizjattiva biex iwettaq il-valutazzjoni tal-impatt fuq il-protezzjoni tad-*data*, mhux il-proċessur.

*1.3.7 Mat-tmiem tal-attivitajiet tal-ipproċessar, il-proċessur irid, fuq l-għażla tal-kontrollur, iħassar jew jirritorna d-*data* personali kollha lill-kontrollur u jħassar il-kopji eżistenti (l-Art. 28(3)(g) tal-GDPR).*

139. It-termini kuntrattwali huma maħsuba biex jiżguraw li d-*data* personali tkun soġġetta għal protezzjoni xierqa wara t-tmiem tal-“forniment ta’ servizzi relatati mal-ipproċessar”: għaldaqstant hija fir-responsabbiltà tal-kontrollur li jiddeċiedi x’għandu jagħmel il-proċessur fir-rigward tad-*data* personali.
140. Fil-bidu, il-kontrollur jista’ jiddeċiedi jekk *data* personali għandhiex titħassar jew tiġi rritornata billi jispeċifikaha fil-kuntratt, permezz ta’ komunikazzjoni bil-miktub li jkollha tintbagħat fil-ħin lill-proċessur. Il-kuntratt jew att legali ieħor għandu jirrifletti l-possibbiltà għall-kontrollur tad-*data* li jibdel l-għażla magħmula qabel it-tmiem tal-forniment ta’ servizzi relatati mal-ipproċessar. Il-kuntratt għandu jispeċifika l-proċess biex jiġu fornuti tali struzzjonijiet.
141. Jekk il-kontrollur jagħżel li d-*data* personali titħassar, il-proċessur għandu jiżgura li t-tħassir jitwettaq b’mod sikur, anke sabiex ikun konformi mal-Artikolu 32 tal-GDPR. Il-proċessur għandu jikkonferma lill-kontrollur li t-tħassir twettaq fi żmien miftiehem u b’mod miftiehem.
142. Il-proċessur irid iħassar il-kopji kollha eżistenti tad-*data*, sakemm il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru ma tirrikjedix il-ħżin ulterjuri. Jekk il-proċessur jew il-kontrollur ikun konxju ta’ kwalunkwe rekwiżit legali bħal dan, għandu jinforma lill-parti l-oħra mill-aktar fis possibbli.

1.3.8 Il-proċessur irid jagħmel disponibbli għall-kontrollur l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28 u jippermetti u jikkontribwixxi għal verifiki, inklużi spezzjonijiet, immexxija mill-kontrollur jew awditur ieħor li jkun ingħata l-mandat mill-kontrollur (l-Art. 28(3)(h) tal-GDPR).

143. Il-kuntratt għandu jinkludi dettalji dwar kemm-il darba u kif il-fluss ta’ informazzjoni bejn il-proċessur u l-kontrollur għandu jseħħ sabiex il-kontrollur ikun infurmat bis-sħiħ dwar id-dettalji tal-ipproċessar li huma rilevanti biex tintwera l-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28 tal-GDPR. Pereżempju, il-porzjonijiet rilevanti tar-reġistrazzjonijiet tal-proċessur dwar l-attivitajiet tal-ipproċessar jistgħu jiġu kondiviżi mal-kontrollur. Il-proċessur għandu jipprovdi l-informazzjoni kollha dwar kif l-attività tal-ipproċessar għandha titwettaq f’isem il-kontrollur. Tali informazzjoni għandha tinkludi informazzjoni dwar il-funzjonament tas-sistemi użati, il-miżuri ta’ sigurtà, kif jintlaħqu r-rekwiżiti taż-żamma ta’ *data*, il-lokalizzazzjoni ta’ *data*, it-trasferimenti ta’ *data*, min għandu aċċess għad-*data* u min huma r-riċevituri tad-*data*, is-sottoproċessuri użati, eċċ.
144. Aktar dettalji għandhom jiġu stipulati wkoll fil-kuntratt dwar il-kapaċità tat-twettiq u d-dmir ta’ kontribuzzjoni fir-rigward ta’ spezzjonijiet u verifiki mill-kontrollur jew minn awditur ieħor li jkun ingħata l-mandat mill-kontrollur.

Il-GDPR jispeċifika li l-ispezzjonijiet u l-verifiki jitwettqu mill-kontrollur jew minn parti terza li tkun ingħatat il-mandat mill-kontrollur. L-għan ta’ tali verifika ikun li jiġi żgurat li l-kontrollur ikollu l-informazzjoni kollha dwar l-attività ta’ pproċessar imwettqa f’ismu u l-garanziji pprovduti mill-proċessur. Il-proċessur jista’ jissuġġerixxi l-għażla ta’ awditur speċifiku, iżda d-deċiżjoni finali trid

titħalla f'idejn il-kontrollur skont l-Artikolu 28(3)(h) tal-GDPR.⁶⁴ Barra minn hekk, anke fejn l-ispezzjoni titwettaq minn awditur propost mill-proċessur, il-kontrollur iżomm id-dritt li jikkontesta l-kamp ta' applikazzjoni, il-metodoloġija u r-riżultati tal-ispezzjoni.⁶⁵

Il-partijiet għandhom jikkooperaw in bona fide u jivvalutaw jekk hemmx u meta hemm ħtieġa li jitwettqu verifiki fil-bini tal-proċessur, kif ukoll liema tip ta' verifika jew spezzjoni (mill-bogħod / fuq il-post / mod ieħor biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa) tkun meħtieġa u xierqa fil-każ speċifiku billi jiġi kkunsidrat ukoll it-tħassib dwar is-sigurtà; l-għażla finali dwar dan għandha tittieħed mill-kontrollur. Wara r-riżultati tal-ispezzjoni, il-kontrollur għandu jkun jista' jagħmel talba lill-proċessur biex jieħu miżuri sussegwenti, eż. sabiex jiġu rimedjati n-nuqqasijiet u l-lakuni identifikati.⁶⁶ Bl-istess mod, għandhom jiġu stabbiliti proċeduri speċifiċi rigward l-ispezzjoni tas-sottoproċessuri mill-proċessur u mill-kontrollur (ara s-sottotaqsima 1.6 hawn taħt⁶⁷).

145. Il-kwistjoni tal-allokkazzjoni tal-ispejjeż bejn kontrollur u proċessur fir-rigward tal-verifiki mhijiex koperta mill-GDPR u hija soġġetta għal kunsiderazzjonijiet kummerċjali. Madankollu, l-Artikolu 28(3)(h) jirrikjedi li l-kuntratt jinkludi obbligu għall-proċessur biex jagħmel disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa għall-kontrollur u obbligu li jippermetti u jikkontribwixxi fil-verifiki, inklużi l-ispezzjonijiet, imwettqa mill-kontrollur jew awditur ieħor li jkun ingħata mandat mill-kontrollur. Fil-prattika, dan ifisser li l-partijiet ma għandhomx idañhlu fil-kuntratt klawżoli li jipprevedu l-ħlas ta' spejjeż jew miżati li jkunu b'mod ċar sproporzjonati jew eċċessivi, u b'hekk ikollhom effett dissważiv fuq waħda mill-partijiet. Tali klawżoli fil-fatt jimplikaw li d-drittijiet u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 28(3)(h) qatt ma jiġu eżerċitati fil-prattika u jsiru purament teoretiċi filwaqt li jiffurmaw parti integrali mis-salvagwardji tal-protezzjoni tad-*data* previsti taħt l-Artikolu 28 tal-GDPR.

1.4 Struzzjonijiet li jiksru l-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*

146. Skont l-Artikolu 28(3), il-proċessur irid jinforma minnufih lill-kontrollur jekk, fl-opinjoni tiegħu, struzzjoni tikser il-GDPR jew dispożizzjonijiet oħrajn tal-Unjoni jew ta' Stat Membru dwar il-protezzjoni tad-*data*.
147. Tabilħaqq, il-proċessur għandu d-dmir li jikkonforma mal-istruzzjonijiet tal-kontrollur, iżda għandu wkoll obbligu ġenerali li jikkonforma mal-liġi. Struzzjoni li tikser il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data* tidher li tikkawża kunflitt bejn iż-żewġ obbligi msemmija qabel.
148. Ladarba jkun infurmat li waħda mill-istruzzjonijiet tiegħu tista' tkun bi ksur tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*, il-kontrollur ikollu jivvaluta s-sitwazzjoni u jiddetermina jekk l-istruzzjoni fil-fatt tiksirx il-liġi dwar il-protezzjoni tad-*data*.
149. L-EDPB jirrakkomanda li l-partijiet jinnegożjaw u jaqblu fil-kuntratt dwar il-konsegwenzi tan-notifika ta' struzzjoni ta' ksur mibgħuta mill-proċessur u fil-każ ta' nuqqas ta' azzjoni mill-kontrollur f'dan il-kuntest. Eżempju wieħed ikun li tiddaħħal klawżola dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt jekk il-kontrollur ikompli bi struzzjoni illegali. Eżempju ieħor ikun klawżola dwar il-possibbiltà li l-proċessur jissospendi l-

⁶⁴ Ara l-Opinjoni Konġunta tal-EDPB u l-EDPS 1/2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri, paragrafu 43.

⁶⁵ Ara l-Opinjoni 14/2019 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomess mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR), paragrafu 43.

⁶⁶ Ara l-Opinjoni 14/2019 dwar l-abbozz tal-Klawżoli Kuntrattwali Standard sottomess mid-DK SA (l-Artikolu 28(8) tal-GDPR), paragrafu 43.

⁶⁷ Ara l-Parti II, is-sottotaqsima 1.6 ("Sottoproċessuri").

implimentazzjoni tal-istruzzjoni affettwata sakemm il-kontrollur jikkonferma, jemenda jew jirtira l-istruzzjoni tiegħu⁶⁸.

1.5 Proċessur li jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar

150. Jekk il-proċessur jikser ir-Regolament billi jiddetermina l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar, il-proċessur għandu jiġi kkunsidrat bħala kontrollur fir-rigward ta' dak l-ipproċessar (l-Artikolu 28(10) tal-GDPR).

1.6 Sottoproċessuri

151. L-attivitajiet ta' pproċessar ta' *data* spiss jitwettqu minn numru kbir ta' atturi, u l-ktajjen tas-sottokuntrattar qed isiru dejjem aktar kumplessi. Il-GDPR jintroduċi obbligi speċifiċi li jiġu attivati meta (sotto)proċessur ikollu l-intenzjoni li jinvolvi attur ieħor, biex b'hekk iżid ħolqa oħra mal-katina, billi jafda lil dan bl-attivitajiet li jeħtieġu l-ipproċessar ta' *data* personali. L-analiżi dwar jekk il-fornitur tas-servizz jaġixxix bħala sottoproċessur għandha titwettaq f'konformità ma' dak deskritt hawn fuq dwar il-kunċett ta' proċessur (ara l-paragrafu ta' hawn fuq 83).
152. Għalkemm il-katina tista' tkun pjuttost twila, il-kontrollur iżomm ir-rwol kruċjali tiegħu fid-determinazzjoni tal-għan u tal-mezzi tal-ipproċessar. L-Artikolu 28(2) tal-GDPR jistipula li l-proċessur ma għandux jinvolvi proċessur ieħor mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub speċifika jew ġenerali minn qabel tal-kontrollur (inkluż f'forma elettronika). Fil-każ tal-awtorizzazzjoni ġenerali bil-miktub, il-proċessur irid jgħarraf lill-kontrollur bi kwalunkwe intenzjoni ta' tibdil li jikkonċerna ż-żieda jew is-sostituzzjoni ta' proċessuri oħrajn, biex b'hekk jagħti l-opportunità lill-kontrollur joġġezzjona għal tali tibdil. Fiż-żewġ każijiet, il-proċessur irid jikseb l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-kontrollur qabel ma kwalunkwe proċessur ta' *data* personali jiġi fdat lis-sottoproċessur. Sabiex issir il-valutazzjoni u tittieħed id-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tas-sottokuntrattar, għandha tiġi pprovduta lista tas-sottoproċessuri maħsuba (inkluż għal kull wieħed: il-postijiet tagħhom, x'se jkunu qed jagħmlu u prova ta' liema salvagwardji ġew implimentati) lill-kontrollur tad-*data* mill-proċessur.⁶⁹
153. L-awtorizzazzjoni bil-miktub minn qabel tista' tkun speċifika, jiġifieri tirreferi għal sottoproċessur speċifiku għal attività ta' pproċessar speċifika u f'ħin speċifiku, jew ġenerali. Dan għandu jkun speċifikat fil-kuntratt jew att legali ieħor li jirregola l-ipproċessar.
154. F'każijiet fejn il-kontrollur jiddeċiedi li jaċċetta ċerti sottoproċessuri fil-ħin tal-firma tal-kuntratt, għandha tkun inkluża lista ta' sottoproċessuri approvati fil-kuntratt jew f'anness miegħu. Il-lista, imbagħad, għandha tinżamm aġġornata, skont l-awtorizzazzjoni ġenerali jew speċifika mogħtija mill-kontrollur.
155. Jekk il-kontrollur jagħżel li jagħti l-awtorizzazzjoni speċifika tiegħu, għandu jispeċifika bil-miktub għal liema sottoproċessur u għal liema attività ta' pproċessar din qed tirreferi. Kwalunkwe bidla sussegwenti tkun teħtieġ l-awtorizzazzjoni ulterjuri mill-kontrollur qabel ma tiddaħħal fis-seħħ. Jekk it-talba tal-proċessur għal awtorizzazzjoni speċifika ma tiġix imwiegħba fiż-żmien stipulat, din għandha tiġi kkunsidrata bħala miċħuda. Il-kontrollur għandu jieħu d-deċiżjoni tiegħu jekk jagħtix jew iżommx l-

⁶⁸ Ara l-Opinjoni Konġunta tal-EDPB u l-EDPS 1/2021 dwar klawżoli kuntrattwali standard bejn il-kontrolluri u l-proċessuri, paragrafu 39.

⁶⁹ Din l-informazzjoni hija meħtieġa, sabiex il-kontrollur ikun jista' jikkonforma mal-prinċipju ta' responsabbiltà fl-Artikolu 24 u mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28(1), 32 u l-Kapitolu V tal-GDPR.

awtorizzazzjoni billi jqis l-obbligu tiegħu li juża biss proċessuri li jipprovdu “garanziji suffiċjenti” (ara s-sottotaqsima 1.1 hawn taħt⁷⁰).

156. B’mod alternattiv, il-kontrollur jista’ jipprovdi **l-awtorizzazzjoni ġenerali** tiegħu għall-użu tas-sottoproċessuri (fil-kuntratt, tiġi inkluża lista b’tali sottoproċessuri f’anness miegħu), li għandha tiġi supplimentata bi kriterji biex jiggwidaw l-għażla tal-proċessur (eż., garanziji f’termini ta’ miżuri tekniċi u organizzattivi, għarfien espert, affidabbiltà u riżorsi).⁷¹ F’dan ix-xenarju, il-proċessur jeħtieġ jinforma lill-kontrollur fi żmien debitu bi kwalunkwe żieda jew sostituzzjoni maħsuba ta’ sottoproċessur(i) sabiex jipprovdi lill-kontrollur bl-opportunità li joġġezzjona.
157. Għaldaqstant, id-differenza ewlenija bejn ix-xenarji ta’ awtorizzazzjoni speċifika u ta’ awtorizzazzjoni ġenerali tinsab fit-tifsira mogħtija lis-silenzju tal-kontrollur: fis-sitwazzjoni ta’ awtorizzazzjoni ġenerali, in-nuqqas tal-kontrollur li joġġezzjona fil-qafas ta’ żmien stipulat jista’ jiġi interpretat bħala awtorizzazzjoni.
158. Fiż-żewġ xenarji, il-kuntratt għandu jinkludi dettalji dwar il-qafas ta’ żmien għall-approvazzjoni jew l-oġġezzjoni tal-kontrollur u dwar kif il-partijiet beħsiebhom jikkomunikaw dwar dan is-suġġett (eż. mudelli). Tali qafas ta’ żmien jeħtieġ li jkun raġonevoli fid-dawl tat-tip ta’ proċessur, il-kumplessità tal-attivitajiet fdati lill-proċessur (u s-sottoproċessuri) u r-relazzjoni bejn il-partijiet. Barra minn hekk, il-kuntratt għandu jinkludi dettalji dwar il-passi prattiċi wara l-oġġezzjoni tal-kontrollur (eż. bl-ispeċifikazzjoni tal-qafas ta’ żmien li fih il-kontrollur u l-proċessur għandhom jiddeċiedu jekk għandux jintemm l-ipproċessar).
159. Irrispettivament mill-kriterji ssuġġeriti mill-kontrollur biex jagħżel il-fornituri, il-proċessur jibqa’ kompletament responsabbli quddiem il-kontrollur għat-twettiq tal-obbligi tas-sottoproċessuri (l-Artikolu 28(4) tal-GDPR). Għaldaqstant, il-proċessur għandu jiżgura li jipproponi sottoproċessuri li jipprovdu garanziji suffiċjenti.
160. Barra minn hekk, meta proċessur ikollu l-intenzjoni li jimpjega sottoproċessur (awtorizzat), dan irid jidhul f’kuntratt miegħu li jimponi l-istess obbligi bħal dawk imposti fuq l-ewwel proċessur mill-kontrollur jew l-obbligi jridu jiġu imposti minn att legali ieħor taħt il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru. Il-katina sħiħa tal-attivitajiet ta’ proċessur teħtieġ li tkun regolata minn ftehimiet bil-miktub. L-impożizzjoni tal-“istess” obbligi għandha tinftiehem b’mod funzjonali aktar milli b’mod formali: mhuwiex meħtieġ li l-kuntratt jinkludi eżattament l-istess kliem bħal dak użat fil-kuntratt bejn il-kontrollur u l-proċessur, iżda għandu jiżgura li fis-sustanza l-obbligi jkunu l-istess. Dan ifisser ukoll li jekk il-proċessur jafda lis-sottoproċessur b’parti speċifika tal-ipproċessar, li għaliha ma jistgħux japplikaw xi wħud mill-obbligi, tali obbligi ma għandhomx jiġu inklużi “b’mod awtomatiku” fil-kuntratt mas-sottoproċessur, peress li dan jiġġenera biss inċertezza. Bħala eżempju, fir-rigward tal-assistenza fl-obbligi relatati mal-ksur tad-*data*, tista’ ssir notifika ta’ ksur ta’ *data* minn sottoproċessur direttament lill-kontrollur jekk it-tlieta jaqblu. Madankollu, fil-każ ta’ tali notifika diretta, il-proċessur għandu jkun infurmat u jikseb kopja tan-notifika.

⁷⁰ Ara Parti II, is-sottotaqsima 1.1 (“L-għażla tal-proċessur”).

⁷¹ Dan id-dmir tal-kontrollur joħroġ mill-prinċipju ta’ responsabbiltà fl-Artikolu 24 u mill-obbligu ta’ konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 28(1), 32 u l-Kapitolu V tal-GDPR.

2 KONSEGWENZI TA' KONTROLL KONĠUNT

2.1 Id-determinazzjoni b'mod trasparenti tar-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti għall-konformità mal-obbligi skont il-GDPR

161. L-Artikolu 26(1) tal-GDPR jipprevedi li l-kontrolluri konġunti għandhom b'mod trasparenti jiddeterminaw u jaqblu dwar ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom għall-konformità mal-obbligi skont ir-Regolament.
162. Il-kontrolluri konġunti għaldaqstant jeħtieġ li jstabbilixxu “min jagħmel xiex” billi jiddeċiedu bejniethom min se jkollu jwettaq liema kompiti sabiex jiżgura li l-ipproċessar jikkonforma mal-obbligi applikabbli taħt il-GDPR fir-rigward tal-ipproċessar konġunt involut. Fi kliem ieħor, għandha ssir distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għall-konformità li tirriżulta mill-użu tat-terminu “rispettiv” fl-Artikolu 26(1). Dan ma jipprekludix il-fatt li l-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru tista' diġà tistabbilixxi ċerti responsabbiltajiet ta' kull kontrollur konġunt. Fejn dan ikun il-każ, l-arranġament tal-kontrollur konġunt għandu jindirizza wkoll kwalunkwe responsabbiltà addizzjonali meħtieġa biex tiġi żgurata l-konformità mal-GDPR u li mhix indirizzata mid-dispożizzjonijiet legali.⁷²
163. L-għan ta' dawn ir-regoli huwa li jiġi żgurat li fejn ikun hemm involuti atturi multipli, b'mod speċjali f'ambjenti kumplessi ta' pproċessar ta' *data*, ir-responsabbiltà għall-konformità mar-regoli għall-protezzjoni tad-*data* tiġi allokata b'mod ċar sabiex jiġi evitat li tonqos il-protezzjoni ta' *data* personali, jew li kunflitt negattiv ta' kompetenza jwassal għal lakuni fejn xi obbligi ma jiġux imħarsa minn kwalunkwe parti involuta fl-ipproċessar. Hawnhekk, jeħtieġ li jiġi ċċarat li r-responsabbiltajiet kollha għandhom jiġu allokati skont iċ-ċirkostanzi fattwali sabiex jinkiseb ftehim operattiv. L-EDPB josserva li hemm sitwazzjonijiet li jsejtnu fejn l-influenza ta' kontrollur konġunt wieħed u l-influenza fattwali tiegħu jikkumplikaw l-ilħuq ta' ftehim. Madankollu, dawn iċ-ċirkostanzi ma jiċċdux il-kontroll konġunt u ma jistgħux iservu biex xi parti tiġi eżentata mill-obbligi tagħha skont il-GDPR.
164. B'mod aktar speċifiku, l-Artikolu 26(1) jispeċifika li d-determinazzjoni tar-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom (jiġifieri l-kompiti) għall-konformità mal-obbligi skont il-GDPR għandha titwettaq minn kontrolluri konġunti “*b'mod partikolari*” fir-rigward tal-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u d-dmirijiet biex tiġi pprovduta informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14, jekk u sakemm ir-responsabbiltajiet rispettivi tal-kontrolluri ma jkunux determinati mil-liġi tal-Unjoni jew tal-Istat Membru li għaliha huma soġġetti l-kontrolluri.
165. Huwa ċar minn din id-dispożizzjoni li l-kontrolluri konġunti jeħtieġ li jiddefinixxu min rispettivament għandu jkun inkarigat li jwieġeb għat-talbiet meta s-suġġetti tad-*data* jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom mogħtija mill-GDPR u min għandu jipprovdilhom l-informazzjoni kif meħtieġ mill-Artikoli 13 u 14 tal-GDPR. Dan jirreferi biss għad-definizzjoni fir-relazzjoni interna tagħhom dwar liema mill-partijiet għandha l-obbligu twieġeb għal liema talbiet tas-suġġetti tad-*data*. . Irrispettivament minn kwalunkwe arranġament bħal dan, is-suġġett tad-*data* jista' jagħmel kuntatt ma' wieħed mill-kontrolluri konġunti skont l-Artikolu 26(3) tal-GDPR. Madankollu, l-użu tat-termini “*b'mod partikolari*” jindika li l-obbligi soġġetti għall-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet għall-konformità minn kull parti involuta kif imsemmi f'din id-dispożizzjoni mhumiex eżawrjenti. Minn dan isegwi li d-distribuzzjoni tar-responsabbiltajiet għall-konformità fost il-kontrolluri konġunti mhix limitata għas-suġġetti msemmija fl-Artikolu 26(1)

⁷² “Fi kwalunkwe każ, l-arranġament tal-kontrollur konġunt għandu jindirizza b'mod komprensiv ir-responsabbiltajiet kollha tal-kontrolluri konġunti, inklużi dawk li jstgħu jkunu diġà stabbiliti fil-liġi rilevanti tal-UE jew tal-Istat Membru u mingħajr preġudizzju għall-obbligu tal-kontrolluri konġunti li jagħmlu disponibbli l-essenza tal-arranġament tal-kontrollur konġunt skont l-Artikolu 26(2) tal-GDPR.”

iżda testendi għall-obbligi l-oħrajn tal-kontrollur taħt il-GDPR. Tabilħaqq, il-kontrolluri konġunti jeħtieġ jiżguraw li l-ipproċessar konġunt kollu jkun jikkonforma bis-sħiħ mal-GDPR.

166. F'din il-perspettiva, il-miżuri ta' konformità u l-obbligi relatati li l-kontrolluri konġunti għandhom jikkunsidraw meta jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom, minbarra dawk speċifikament imsemmija fl-Artikolu 26(1), jinkludu fost oħrajn mingħajr limitazzjoni:

- L-implimentazzjoni tal-prinċipji ġenerali tal-protezzjoni tad-*data* (l-Artikolu 5)
- Il-bażi legali tal-ipproċessar⁷³ (l-Artikolu 6)
- Il-miżuri ta' sigurtà (l-Artikolu 32)
- In-notifika ta' ksur ta' *data* personali lill-awtorità superviżorja u lis-suġġett tad-*data*⁷⁴ (l-Artikoli 33 u 34)
- Il-Valutazzjonijiet tal-Impatt fuq il-Protezzjoni tad-Data (l-Artikoli 35 u 36)⁷⁵
- L-użu ta' proċessur (l-Artikolu 28)
- It-trasferimenti ta' *data* lejn pajjiżi terzi (Kapitolu V)
- L-organizzazzjoni ta' kuntatt ma' suġġetti tad-*data* u ma' awtoritajiet superviżorji

167. Suġġetti oħrajn li jistgħu jiġu kkunsidrati abbażi tal-ipproċessar involut u l-intenzjoni tal-partijiet huma pereżempju l-limitazzjonijiet fuq l-użu ta' *data* personali għal skop ieħor minn wieħed mill-kontrolluri konġunti. F'dan ir-rigward, iż-żewġ kontrolluri dejjem għandhom id-dmir li jiżguraw li t-tnejn li huma jkollhom bażi legali għall-ipproċessar. Kultant, fil-kuntest tal-kontroll konġunt, id-*data* personali tiġi kondiviża minn kontrollur għal ieħor. Bħala kwistjoni ta' responsabbiltà, kull kontrollur għandu d-dmir li jiżgura li d-*data* ma tiġix ipproċessata ulterjorment b'mod li jkun inkompatibbli mal-għanijiet li għalihom tkun oriġinarjament inġabret mill-kontrollur li qed jikkondividi d-*data*.⁷⁶

168. Il-kontrolluri konġunti jista' jkollhom ċertu grad ta' flessibilità fid-distribuzzjoni u l-allokkazzjoni tal-obbligi fosthom sakemm dawn jiżguraw il-konformità sħiħa mal-GDPR fir-rigward tal-ipproċessar partikolari. L-allokkazzjoni għandha tikkunsidra fatturi bħal, min huwa kompetenti u f'pożizzjoni li

⁷³ Għalkemm il-GDPR ma jipprekludix lill-kontrolluri konġunti milli jużaw bażi legali differenti għal operazzjonijiet ta' pproċessar differenti mwettqa minnhom, huwa rrakkomandat li jintuża, kull meta jkun possibbli, l-istess bażi legali għal skop partikolari.

⁷⁴ Jekk jogħġbok ara wkoll il-Linji gwida tal-EDPB dwar in-notifika ta' ksur ta' *data* personali skont ir-Regolament 2016/679, WP250.rev.01 li jipprovdu li l-kontroll konġunt jinkludi "*id-determinazzjoni ta' liema parti għandu jkollha r-responsabbiltà għall-konformità mal-obbligi taħt l-Artikoli 33 u 34. WP29 jirrakkomanda li l-arranġamenti kuntrattwali bejn il-kontrolluri konġunti jinkludu d-dispożizzjonijiet li jiddeterminaw liema kontrollur għandu jmexxi, jew ikun responsabbli għal, konformità mal-obbligi ta' notifika ta' ksur tal-GDPR*" (p. 13).

⁷⁵ Jekk jogħġbok ara wkoll il-linji gwida tal-EDPB dwar id-DPIAs, WP248.rev01 li jipprovdu dan li ġej: "*Meta l-operazzjoni ta' pproċessar tinvolvi kontrolluri konġunti, jeħtieġ li jiddefinixxu l-obbligi rispettivi tagħhom b'mod preċiż. Id-DPIA tagħhom għandha tistabbilixxi liema parti tkun responsabbli għad-diversi miżuri mfassla biex jittrattaw ir-riskji u biex jiproteġu d-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-*data*. Kull kontrollur tad-*data* għandu jesprimi l-ħtiġijiet tiegħu u jikkondividi informazzjoni utli mingħajr ma jikkomprometti sigrieti (eż .: il-protezzjoni ta' sigrieti kummerċjali, il-proprjetà intellettuali, l-informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali) jew l-iżvelar tal-vulnerabbiltajiet*" (p. 7).

⁷⁶ Kull żvelar minn kontrollur jeħtieġ bażi legali u valutazzjoni tal-kompatibilità, irrispettivament minn jekk ir-riċevitur huwiex kontrollur separat jew kontrollur konġunt. Fi kliem ieħor, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' kontrollur konġunt ma tfissirx b'mod awtomatiku li l-kontrollur konġunt li qed jirċievi d-*data* jista' wkoll jipproċessa b'mod legali d-*data* għal skopijiet addizzjonali li huma lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kontrollur konġunt.

jiżgura b'mod effettiv id-drittijiet tas-suġġett tad-*data* kif ukoll li jkun konformi mal-obbligi rilevanti skont il-GDPR. L-EDPB jirrakkomanda li jiġu ddokumentati l-fatturi rilevanti u l-analiżi interna mwettqa sabiex jiġu allokatu l-obbligi differenti. Din l-analiżi hija parti mid-dokumentazzjoni taħt il-prinċipju ta' responsabbiltà.

169. L-obbligi ma jeħtiġux li jkunu mqasma b'mod ugwali fost il-kontrolluri konġunti. F'dan ir-rigward, il-QĠUE reċentement iddikjarat li *"l-eżistenza ta' responsabbiltà kondiviża ma twassalx neċessarjament għal responsabbiltà ekwivalenti tad-diversi operaturi fl-ipproċessar ta' data personali"*.⁷⁷ Madankollu, jista' jkun hemm każijiet fejn mhux l-obbligi kollha jistgħu jitqassmu u l-kontrolluri konġunti kollha jista' jkollhom il-ħtieġa li jikkonformaw mal-istess rekwiżiti li joħorġu mill-GDPR, billi jikkunsidraw in-natura u l-kuntest tal-ipproċessar konġunt. Pereżempju, il-kontrolluri konġunti li jużaw għodod jew sistemi kondiviżi għall-ipproċessar tad-*data*, it-tnejn jeħtieġ li jiżguraw il-konformità l-aktar mal-prinċipju ta' limitazzjoni tal-għan u jimplementaw miżuri xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tad-*data* personali pproċessata taħt l-għodod kondiviżi.
170. Eżempju ieħor huwa r-rekwiżit għal kull kontrollur konġunt li jżomm reġistrazzjoni tal-attivitajiet ta' pproċessar jew li jaħtar Uffiċjal tal-Protezzjoni tad-*Data* (UPD) jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 37(1) jiġu ssodisfati. Tali rekwiżiti mhumiex relatati mal-ipproċessar konġunt iżda huma applikabbli għalihom bħala kontrolluri.

2.2 L-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet trid titwettaq permezz ta' arranġament

2.2.1 Forma tal-arranġament

171. L-Artikolu 26(1) tal-GDPR jipprevedi bħala obbligu ġdid għall-kontrolluri konġunti li dawn għandhom jiddeterminaw ir-responsabbiltajiet rispettivi tagħhom *"permezz ta' arranġament bejniethom"*. Il-forma legali ta' tali arranġament mhix speċifikata mill-GDPR. Għaldaqstant, il-kontrolluri konġunti huma liberi li jaqblu dwar il-forma tal-arranġament.
172. Barra minn hekk, l-arranġament dwar l-allokkazzjoni tar-responsabbiltajiet huwa vinkolanti għal kull wieħed mill-kontrolluri konġunti. It-tnejn jaqblu u jimpenjaw ruhom *vis-à-vis* xulxin li jkunu responsabbli għall-konformità mal-obbligi rispettivi li jkunu ddikjarati fl-arranġament tagħhom bħala r-responsabbiltà tagħhom.
173. Għaldaqstant, għal raġunijiet ta' ċertezza legali, anke jekk ma jkun hemm l-ebda rekwiżit legali fil-GDPR għal kuntratt jew att legali ieħor, l-EDPB jirrakkomanda li tali arranġament isir fil-forma ta' dokument vinkolanti bħal kuntratt jew att legali ieħor vinkolanti taħt il-liġi tal-UE jew tal-Istat Membru li għaliha jkunu soġġetti l-kontrolluri. Dan jipprovdi ċertezza u jista' jintuża biex jagħti evidenza tat-trasparenza u tar-responsabbiltà. Tabilħaqq, f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-allokkazzjoni miftiehma pprovduta fl-arranġament, in-natura vinkolanti tiegħu tippermetti li kontrollur wieħed ifittex ir-responsabbiltà tal-ieħor għal dak li ġie ddikjarat fil-ftehim bħala li jaqa' taħt ir-responsabbiltà tiegħu. Ukoll, f'konformità mal-prinċipju ta' responsabbiltà, l-użu ta' kuntratt jew att legali ieħor jippermetti li l-kontrolluri konġunti juru li huma konformi mal-obbligi imposti fuqhom mill-GDPR.
174. Il-mod kif ir-responsabbiltajiet, jiġifieri l-kompiti, jiġu allokatu bejn kull kontrollur konġunt irid jiġi ddikjarat b'lingwaġġ ċar u sempliċi fl-arranġament.⁷⁸ Dan ir-rekwiżit huwa importanti peress li jiżgura

⁷⁷ Sentenza f'*Wirtschaftsakademie*, C-210/16, ECLI:EU:C:2018:388, paragrafu 43.

⁷⁸ Kif iddikjarat fil-Premessa 79 tal-GDPR *"(...) ir-responsabbiltà tal-kontrolluri u l-proċessuri, ukoll fir-rigward tal-monitoraġġ mill-awtoritajiet superviżorji u l-miżuri tagħhom, tirrikjedi allokkazzjoni ċara tar-responsabbiltajiet skont dan ir-Regolament, inkluż fejn kontrollur jistabbilixxi l-għanijiet u l-mezzi tal-ipproċessar flimkien ma' kontrolluri oħra"*.

ċ-ċertezza legali u jevita kunflitti possibbli mhux biss fir-relazzjoni bejn il-kontrolluri konġunti iżda wkoll vis-à-vis is-suġġetti tad-*data* u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-*data*.

175. Biex ifassal aħjar l-allokazzjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-partijiet, l-EDPB jirrakkomanda li l-arranġament jipprovdi wkoll informazzjoni ġenerali dwar l-ipproċessar konġunt billi b'mod notevoli jispeċifika s-suġġett u l-għan tal-ipproċessar, it-tip ta' *data* personali, u l-kategoriji ta' suġġetti tad-*data*.

2.2.2 Obbligi lejn is-sugġetti tad-*data*

176. Il-GDPR jipprevedi bosta obbligi tal-kontrolluri konġunti lejn is-suġġetti tad-*data*:

L-arranġament għandu jirrifletti kif xieraq ir-rwoli u r-relazzjonijiet rispettivi tal-kontrolluri konġunti vis-à-vis is-suġġetti tad-*data*.

177. Biex jikkumplementa dak li huwa spjegat hawn fuq fit-taqsim 2.1 tal-linji gwida attwali, huwa importanti li l-kontrolluri konġunti jiċċaraw fl-arranġament ir-rwol rispettiv tagħhom, "*b'mod partikolari*" rigward l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* u d-dmirijiet tagħhom biex jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14. L-Artikolu 26 tal-GDPR jenfasizza l-importanza ta' dawn l-obbligi speċifiċi. Il-kontrolluri konġunti jridu għaldaqstant jorganizzaw u jaqblu dwar kif u minn min għandha tingħata l-informazzjoni u kif u minn min għandhom jiġu pprovduti t-tweġibiet għat-talbiet tas-suġġett tad-*data*. Irrispettivament mill-kontenut tal-arranġament dwar dan il-punt speċifiku, is-suġġett tad-*data* jista' jagħmel kuntatt ma' wieħed miż-żewġ kontrolluri konġunti biex jeżerċita d-drittijiet tiegħu jew tagħha skont l-Artikolu 26(3) kif spjegat b'mod aktar dettaljat 'l isfel.
178. Il-mod kif dawn l-obbligi jiġu organizzati fl-arranġament għandu "*b'mod xieraq*", jiġifieri b'mod preċiż, jirrifletti r-realtà tal-ipproċessar konġunt sottostanti. Pereżempju, jekk wieħed biss mill-kontrolluri konġunti jikkomunika mas-suġġetti tad-*data* għall-iskop tal-ipproċessar konġunt, tali kontrollur jista' jkun f'pożizzjoni aħjar li jinforma lis-suġġetti tad-*data* u possibbilment biex iwieġeb it-talbiet tagħhom.

L-essenza tal-arranġament għandha ssir disponibbli għas-suġġett tad-*data*

179. Din id-dispożizzjoni hija mmirata biex tiżgura li s-suġġett tad-*data* jkun konxju tal-"*essenza tal-arranġament*". Pereżempju, irid ikun kompletament ċar għal suġġett tad-*data* liema kontrollur tad-*data* jservi bħala punt ta' kuntatt għall-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* (minkejja l-fatt li hu jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu fir-rigward ta' kull kontrollur konġunt u kontrihom). L-obbligu biex l-essenza tal-arranġament disponibbli għas-suġġetti tad-*data* tkun disponibbli, huwa importanti f'każ ta' kontroll konġunt sabiex is-suġġett tad-*data* jkun jaf liema mill-kontrolluri huwa responsabbli għal xiex.
180. Dak li għandu jkun kopert mill-kunċett ta' "*essenza tal-arranġament*" mhuwiex speċifikat mill-GDPR. L-EDPB jirrakkomanda li l-essenza tkopri tal-anqas l-elementi kollha tal-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 li għandhom ikunu diġà aċċessibbli għas-suġġett tad-*data*, u għal kull wieħed minn dawn l-elementi, l-arranġament għandu jispeċifika liema kontrollur konġunt huwa responsabbli biex tiġi żgurata l-konformità ma' dawn l-elementi. L-essenza tal-arranġament trid tindika wkoll il-punt ta' kuntatt, jekk jinħatar.
181. Il-mod kif tali informazzjoni għandha tkun disponibbli għas-suġġett tad-*data* mhuwiex speċifikat. Kuntrarju għal dispożizzjonijiet oħra tal-GDPR (bħall-Artikolu 30(4) għar-reġistrazzjoni tal-ipproċessar jew l-Artikolu 40(11) għar-reġistru tal-kodiċijiet ta' kondotta approvati), l-Artikolu 26 ma jindikax li d-disponibbiltà għandha tkun "*fuq talba*" u lanqas "*disponibbli għall-pubbliku b'mezzi xierqa*". Għaldaqstant, hija r-responsabbiltà tal-kontrolluri konġunti li jiddeċiedu l-aktar mod effettiv biex jagħmlu l-essenza tal-arranġament disponibbli għas-suġġetti tad-*data* (eż. flimkien mal-informazzjoni fl-Artikolu 13 jew 14, fil-politika tal-privatezza jew fuq talba lill-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*, jekk

ikun hemm, jew lill-punt ta' kuntatt li seta' nħatar). Il-kontrolluri konġunti għandhom rispettivament jiżguraw li l-informazzjoni tingħata b' mod konsistenti.

[L-arranġament jista' jindika punt ta' kuntatt għas-suġġetti tad-data.](#)

182. L-Artikolu 26(1) jipprevedi l-possibbiltà għal kontrolluri konġunti li jaħtru fl-arranġament punt ta' kuntatt għas-suġġetti tad-data. Tali ħatra mhix obbligatorja.
183. Li tkun infurmat dwar mod wieħed kif tagħmel kuntatt ma' kontrolluri konġunti multipli possibbli jippermetti lis-suġġetti tad-data jkunu jafu ma' min jistgħu jagħmlu kuntatt fir-rigward tal-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-data personali tagħhom. Barra minn hekk, jippermetti li l-kontrolluri konġunti multipli jikkoordinaw b' mod aktar effiċjenti r-relazzjonijiet u l-komunikazzjonijiet tagħhom *vis-à-vis* is-suġġetti tad-data.
184. Għal dawn ir-raġunijiet, sabiex jiffaċilita l-eżerċitar tad-drittijiet tas-suġġetti tad-data skont il-GDPR, l-EDPB jirrakkomanda li l-kontrolluri konġunti jaħtru tali punt ta' kuntatt.
185. Il-punt ta' kuntatt jista' jkun l-UPD, jekk ikun hemm, ir-rappreżentant fl-Unjoni (għal kontrolluri konġunti mhux stabbiliti fl-Unjoni) jew kwalunkwe punt ta' kuntatt ieħor fejn tista' tinkiseb l-informazzjoni.

[Irrispettivament mit-termini tal-arranġament, is-suġġetti tad-data jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom fir-rigward ta', u kontra, kull wieħed mill-kontrolluri konġunti.](#)

186. Taħt l-Artikolu 26(3), suġġett tad-data mhuwiex marbut bit-termini tal-arranġament u jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu jew tagħha skont il-GDPR fir-rigward ta', u kontra, kull kontrollur konġunt tad-data.
187. Pereżempju, f'każ tal-kontrolluri konġunti stabbiliti fi Stati Membri differenti, jew jekk wieħed biss mill-kontrolluri konġunti jkun stabbilit fl-Unjoni, is-suġġett tad-data jista' jagħmel kuntatt, skont l-għażla tiegħu, jew mal-kontrollur stabbilit fl-Istat Membru tal-pajjiż tar-residenza abitwali tiegħu jew tal-post tax-xogħol tiegħu, jew mal-kontrollur stabbilit xi mkien ieħor fl-UE jew fiż-ŻEE.
188. Anke jekk l-arranġament u l-essenza disponibbli tiegħu jindikaw punt ta' kuntatt biex jirċievi u jiġġestixxi t-talbiet kollha tas-suġġetti tad-data, is-suġġetti tad-data nfushom xorta jistgħu jagħżlu mod ieħor.
189. Għaldaqstant, huwa importanti li l-kontrolluri konġunti jorganizzaw minn qabel fl-arranġament tagħhom kif se jiġġestixxu t-tweġibiet għal talbiet li jistgħu jirċievu minn suġġetti tad-data. F'dan ir-rigward, huwa rrakkomandat li l-kontrolluri konġunti jikkomunikaw lill-kontrolluri l-oħra inkarigati jew lill-punt ta' kuntatt maħtur, it-talbiet riċevuti sabiex jiġu ttrattati b' mod effettiv. Il-ħtieġa li s-suġġetti tad-data jagħmlu kuntatt mal-punt ta' kuntatt maħtur jew il-kontrollur inkarigat jimponi piż eċċessiv fuq is-suġġett tad-data li jkun kuntrarju għall-objettiv li jiffaċilita l-eżerċitar tad-drittijiet tiegħu skont il-GDPR.


2.3 Obbligi lejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data


190. Il-kontrolluri konġunti għandhom jorganizzaw fl-arranġament il-mod kif għandhom jikkomunikaw mal-awtoritajiet kompetenti superviżorji tal-protezzjoni tad-data. Tali komunikazzjoni tista' tkopri l-konsultazzjoni possibbli taħt l-Artikolu 36 tal-GDPR, in-notifika ta' ksur ta' data personali, il-ħatra ta' uffiċjal tal-protezzjoni tad-data.
191. Għandu jiġi mfakkar li l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data mhumiex marbuta bit-termini tal-arranġament sew jekk dwar il-kwistjoni tal-kwalifika tal-partijiet bħala kontrolluri konġunti sew jekk

dwar il-punt ta' kuntatt maħtur. Għaldaqstant, l-awtoritajiet jistgħu jagħmlu kuntatt ma' kwalunkwe kontrollur konġunt biex jeżerċitaw is-setgħat tagħhom taħt l-Artikolu 58 fir-rigward tal-ipproċessar konġunt.

Anness I – Dijagramma sekwenzjali għall-applikazzjoni tal-kunċetti ta' kontrollur, proċessur u kontrolluri konġunti fil-prattika

Nota: sabiex jiġi vvalutat kif dovut ir-rwol ta' kull entità involuta, wieħed irid l-ewwel jidentifika l-ipproċessar speċifiku involut ta' *data* personali u l-għan preċiż tiegħu. Jekk ikunu involuti entitajiet multipli, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat jekk l-għanijiet u l-mezzi humiex iddeterminati b'mod konġunt, li jwassal għal kontroll konġunt.





Kontroll konġunt - Jekk int il-kontrollur u partijiet oħra huma involuti fl-ipproċessar ta' data personali:

